

L-GHID TA' L-ASSUNTA

IT-TNEJN U ERBGHIN SENA

42 (2007)

www.gozocathedral.org.mt

iris

PORCELLANATO

TILES

Sole Agents:

JOSEPH CARUANA

CO. LTD.

'Caruana Bldgs', Mġarr Road, Victoria

www.gozocathedral.org.mt

IL-GĦID TA' L-ASSUNTA

42 (2007)

Stampat għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 1820

Tel • 2155-4101
Fax • 2156-4572

Home-page:
http://www.gozocathedral.org.mt

Email:
gozocath@maltanet.net

Editur
JOSEPH BEZZINA

Deputat Editur
MAXIMILLIAN GRECH

Reklami
PEPPINU DEBRINCAT

Ittajpjar
MAXIMILLIAN GRECH
FABIENNE GRECH

Proof Reading
DUN GEORGE MERCEICA

Setting
ERIC DE BONO

Ritratt tal-qoxra
L-istatwa ta' Santa Marija diehla l-Katidral f'għeluq il-ħamsin sena mill-ewwel dħula tagħha
(Ritratt: Joseph Bezzina)

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL: 2155-2219 • 7955-2219

© ***Copyright***
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TA' L-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGĦU JIĠU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGĦAJR IL-PERMESS TA' L-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI M'HUMIEX NEĊESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI

San Ġorġ Preca u l-Madonna

San Ġorġ Preca hu l-ewwel qaddis ta' Malta. Il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, 2007, f'xita qliel li ħallietna mxarrbin għasra, il-Papa Benedittu XIV iddikjara lill-Beatu Ġorġ Preca – fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Kristjana, magħrufa bħala l-Museum – bħala l-ewwel qaddis Malti.

Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta nhar it-12 ta' Frar, 1880. Minn meta kellu tmien snin sa mewtu għex il-Ħamrun. Ordnah qassis l-Għawdxi l-Arċisqof Pietru Pace, nhar it-22 ta' Diċembru, 1906. Nhar is-7 ta' Marzu, 1907 – mit sena ilu – beda jlaqqa' formalment grupp ta' żgħażagħ il-Ħamrun biex jgħallimhom u jħejjihom ħalli jgħallmu lil oħrajn. Is-sezzjoni femminili bdiet ir-Raħal il-Ġdid fil-19 ta' Jannar, 1910.

Hawn Għawdex, is-Soċjetà bdiet in-Nadur bi ftuħ ta' fergħa femmininili nhar is-16 ta' Settembru, 1915. L-ewwel fergħa maskili infetħet f'Għawdex fil-parroċċa tal-Katidral nhar it-23 ta' April, 1941, f'dar numru sitta fi triq l-Arċipriet Saverio Cassar.

"Jekk intom tkunu devoti tal-Madonna, intom tkunu ċerti mill-predestinazzjoni." Dan kien id-diskors li San Ġorġ ta' Malta poġġa f'fomm Ġesù Kristu f'dak li hu sejjaħ *Il-Ktieb il-Kbir* (paġna 37). "Uliedi nisslu fikom kunfidenza kbira f'Omm Alla, f'ommi, għax l-interċessjoni tagħha quddiem Alla hi qawwija bis-sħiħ u Alla qatt ma hu sejjer jiċħdilha xi ħaġa. Devozzjoni vera u ġenwina lejn il-Madonna hu sinjal ta' predestinazzjoni. Hi ssaltan miegħi bħala reġina tas-sema u l-art u bħala omm".

Il-parroċċa tal-Katidral hi rikonoxxenti ħafna għall-ħidma sfiqa mill-membri tas-Soċjetà femminili u maskili li jaħdmu fi ħdan il-parroċċa biex jgħallmu lill-oħrajn.

Nirrekordjaw għall-istorja li s-Seminarista Maximillian Grech tal-parroċċa tagħna u li jgħinni bħala assistent editur messitu x-xorti li jkun wieħed miż-żewġ seminaristi li ħaslu idejn il-Papa fl-offertorju matul iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni.

It-Tlieta, 5 ta' Ġunju, l-E.T. Monsinjur Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa pontifikal solenni ta' radd il-ħajr għall-ewwel qaddis Malti, fil-Katidral. Ikkonċelebraw numru kbir ta' qassisin f'Katidral mimli, litteralment, sax-xfar. F'diskors sinifikanti, l-Isqof Grech appella lil dawk prezenti biex dan l-avveniment ma jkunx mument li jgħaddi bħal l-oħrajn, iżda jgħinna ħalli nsiru midħla tal-kitbiet ta' San Ġorġ u nimitawh biex bħalu nikbru fil-qdusija.

Xtaqna ħafna li kieku stajna nħabbru li, għall-festa ta' Santa Marija 2007, il-problema tal-**Kumpless Papa Piju IX u l-*parking*** propost mill-amministrazzjoni tal-Katidral u liema problema qiegħda tiswa lill-Katidral **eluf kbar ta' liri,** kienet solvuta. Għadha m'hix, iżda saru passi importanti 'l quddiem. B'sodisfazzjon ninnutaw, li l-kunċett tal-***parking*** issa kien aċċettat. Iżda s-soluzzjoni għadha ma waslitx u ma tasalx qabel ma jinħarġu l-permessi li tant ilna nistinkaw għalihom. Inħela ħafna żmien intortament.

Aħna nappellaw lil dawk kollha f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet f'dan il-proġett ta' ġid kbir għall-kommunità tal-Katidral, lill-Għawdxin li jiġu r-Rabat, u lit-turisti li jżuru ċ-Ċittadella – is-sinsla ta' l-ekonomija tal-gżira Għawdxija – biex ma jibqgħux itawlu bla bżonn ħalli tinstab soluzzjoni dejjiema.

Il-festa t-tajba!

www.gozocathedral.org.mt

San Ġorġ Preca u l-Verġni Marija

kitba ta' Anġlu Xuereb

Kull fundatur ta' ordni reliġjuż, kongregazzjoni, jew soċjetà kien devot kbir tal-Verġni Mqaddsa Marija. San Ġorġ Preca ma kienx eċċezzjoni. Kien iħobb lil Sidtna Marija mill-qiegħ ta' qalbu.

Tifsir ġdid lid-devozzjonijiet

Id-devozzjoni lejn Marija Santissima ma kinitx superfiċjali iżda mill-aktar profonda. Infatti huwa ta tifsira ġdida lid-devozzjonijiet li l-poplu kellu: huwa xerred kemm felaħ il-midalja mirakoluża li Marija tat lil Santa Marija Laboure, il-labtu tal-Madonna tal-Karmelu, u t-talba għażiża tar-Rużarju.

Xerred ħafna **l-midalja mirakuluża** u kien jitkellem fuq il-vantaġġi ta' din id-devozzjoni. Tant kien devot tagħha li huwa stess ried li l-kappella tad-Dar Ċenrali tal-Museum fil-Blata l-Bajda tkun taħt dan it-titlu. Mhux b'kumbinazzjoni li llum l-ġisem mummifikat tiegħu jinsab maġenb l-altar ta' din il-kappella.

San Ġorġ Preca kellu qima kbira lejn il-Verġni Marija taħt it-titlu tal-Karmelu. Id-devozzjoni tiegħu kienet ġejja mill-fatt li meta kellu bejn erba' u ħames snin, huwa salva mill-għarqa proprju nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmelu li tiġi ċelebrata fis-16 ta' Lulju. Biex jikber fl-imħabba lejn Marija taħt dan it-titlu huwa nkiteb bħala terzjarju Karmelitan. Għalhekk huwa xerred kemm felaħ **il-labtu tal-Karmelu** u kien jisħaq li dawk li jilbsuh ma jmorrux fit-telfien etern.

Kien konxju li dawn id-devozzjonijiet jistgħu jiġu prattikati b'mod superfiċjali. Kien jisħaq li persuna ma jkollhiex imħabba vera lejn Sidtna Marija jekk tidneb bil-ħsieb li hija tidħol għaliha quddiem Alla. Dan il-ħsieb jaqbel mal-kitba ta' San Luiġi Grignon de Montfort li jiddiskrivi seba' tipi ta' persuni li għalkemm jagħtuha qima, dawn qegħdin jagħmluh b'mod żbaljat għaliex ma humiex iħobbuha.

Huwa kien iħobb ħafna **r-rużarju** u kien ta' spiss jgħid li Sidtna Marija tistenniena sa nofs

Il-Madonna tal-Verbum Dei - pittura originali ta' Paul Falzon

il-lejl biex ngħiduh. Għalih, ir-rużarju ma kienx biss talba vokali, iżda talba ta' natura medittattiva u kontemplattiva. Tant kien immaġinattiv u kreattiv li ħoloq l-misteri tad-dawl: (1) Il-Magħmudija tal-Mulej fil-Ġurdan; (2) il-mirakli ta' Ġesù; (3) Kristu jgħallem il-Beatitudnijiet; (4) It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej; (5) L-Aħħar Ikla. Illum dawn il-misteri jingħadu mad-dinja kollha b'xi tibdil fuq ordni tal-Papa Ġwanni Pawlu II permezz ta' l-Ittra Appostolika, *Rosarium Virginis Mariae* tas-16 ta' Ottubru 2002.

Kiteb ukoll kotba kollha kemm huma fuq Sidtna Marija. Dawn huma l-*Benedicta*, *Il-Lapidarju*, l-*Aula Sanctae Matris Virginis* u r-*Rużarju tal-Madonna*. Fid-*Direttorju Spiritwali*

www.gozocathedral.org.mt



San Ġorġ Preca - pittura ta' Pawlu Camilleri-Cauchi fil-kappletta ta' San Filippu, Katidral, Għawdex

huwa għandu sittax-il direttiva kif tingħad it-talba tar-Rużarju.

Marija u Kristu tama tagħna

Kien devot ħafna tal-**Madonna tal-Verbum Dei.** Fl-1936 huwa kkummissjona lill-Kavallier Rafel Bonniċi-Cali biex ipinġi Madonna b'idejha miftuħa bil-kelmiet *Terror Demonum* – il-biża' tax-xjaten – fuq rasha kif ukoll *Verbum Dei caro factum est* – L-Iben ta' Alla sar bniedem – miktub fuq sidirha. Imbagħad fl-1949 ikkummissjona lill-istess pittur biex jerġa' jagħmel l-istess tpinġija b'tidbdil żgħir. Din id-darba kien sodisfatt għal kollox. Dan jurina kemm il-qaddisin ma rawx fl-imħabba lejn Marija tfixkil biex jaslu għand Kristu iżda pjuttost għajnuna mill-akbar.

San Ġorġ Preca mexa fuq il-passi tal-qaddisin u kien jittama fl-interċessjoni ta' Marija biex teħodna l-ġenna. Jiddeskriviha bħala l-Bieb tal-ġenna. Infatti fil-*Ktieb il-Kbir* huwa jikteb: "Hija l-veru bieb li anki Kristu minnu biss ried jidħol, għax permezz tagħha ried isir bniedem u hekk imut, jirxoxta u jitla' fis-sema" (*Ktieb il-Kbir*, paġna 37).

Kien jgħallem li għalkemm aħna ma nafux aħniex sejrin insalvaw ruħna, madankollu l-imħabba lejn Marija hija sinjal li sejrin il-ġenna. Għalhekk fil-ktieb tiegħu *Is-Sena tas-Sinjur* jikteb: "Nissel kunfidenza kbira fl-Omm divina tiegħi għax hi potenti wisq fuq il-qalb ta' Alla, li xejn ma jiċħdilna minn dak li titolbu. Il-predestinati huma kollha marbutin magħha bi spirtu ta' vera devozzjoni. Hija ssaltan miegħi fis-sema bħala reġina, bħala patruna u bħala omm" (2 ta' Frar).

San Franġisk ta' Sales fil-ktieb tiegħu *Introduzzjoni għall-Ħajja Devota* jgħidilna li l-qaddisin huma aktar ta' min jammirahom milli ta' min jimitahom. Iżda t-tagħlim ta' San Ġorġ Preca fuq Sidtna Marija huwa attwali. Nistgħu nimxu fuq il-passi tiegħu għall-ġid tagħna nfusna, tal-proxxmu tagħna u għall-akbar glorja ta' Alla.

Din il-ħarġa ta' *Il-Għid ta' l-Assunta* ġiet tqum €3 (Lm1.29) il-kopja

Kun ġeneruż fl-offerta tiegħek

Ir-Reġistru
Fundationes Beneficiorum

Diskors ta'
Joseph Bezzina
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja
fil-preżentazzjoni tal-ktieb
7 ta' Lulju, 2006

Fundationes beneficiorum – il-fundazzjoni tal-benefizzji hu s-suġġett tad-disa' ktieb ippubblikat fis-serje *Documentary Sources of Maltese History* li qiegħed jiġi ppreżentat il-lejla.

X'inhu benefizzju

BENEFICIUM jew benefizzju hi istituzzjoni ġuridika li titwaqqaf mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti. Tikkonsisti fl-erezzjoni ta' uffiċċju sagru, fil-għażla tal-persuna li tokkupah, u fl-għoti tad-dritt lil dik il-persuna li tieħu d-dota jew id-dħul marbut ma' dak l-uffiċċju (CIC [1918] 1409). Hekk hi t-twaqqif ta' parroċċa jew kolleġġjata u l-ħatra ta' kappillan jew kanonku.

Il-persuna li qiegħda tgawdi l-ġid, ir-renta, jew id-dħul minn benefizzju tissejjaħ *il-benefizjat.* Dan kollu skond id-Dritt Kanonku l-antik tas-sena 1918, għax id-Dritt Kanonku l-ġdid (CIC [1983] 1272) issoppressa l-benefizzji.

Din il-ġabra ta' dokumenti m'hix dwar it-twaqqif ta' dawn l-istituzzjonijiet ġuridiċi f'Għawdex – bħalma huma t-twaqqif ta' parroċċi jew kolleġġjati.

Hu preċiżament dwar it-twaqqif tad-doti tal-benefizzji, dak li l-Dritt Kanonku jsejjaħ il-PIA FUNDATIO (CIC [1918] 1544). Jiġifieri hu dwar il-fundazzjonijiet piji magħmula minn benefattur permezz ta' għotja ta' flus jew ta' beni immobbli biex mill-imgħax jew mir-renta tagħhom issir xi opra tajba b'riżq persuna jew istituzzjoni ekkleżjastika. Ngħidu aħna, tħollija ta' beni jew ta' flus biex isir quddies fl-anniversarju tal-mewt ta' min qiegħed iwaqqaf il-fundazzjoni.

Imħabba dan il-ġid li jinkiseb għar-ruħ, *anima* bil-Latin u bit-Taljan, din il-ġabra tuża ħafna drabi t-terminu ANIMAGIUM – mill-Isqalli *arma, anima,* allura *animagio* jew mill-Kastilljan *alma, almagg.* Din il-kelma tista' tiġi tradotta bħala *l-għajxien* u għalhekk *id-dota ta' benefizzju* – minfejn ġej it-titlu tal-ġabra: *Fundationes beneficiorum*, il-fundazzjoni tal-benefizzji.

L-awtorità ekkleżjastika kienet ħafna drabi tippermetti l-*ius patronatus* jew il-ġuspatronat lill-fundatur; jiġifieri kienet tagħtih id-dritt tal-għażla tal-benefizjat. Jingħad *ġuspatronjat lajkali* meta dan il-jedd kien ta' persuna lajka jew mhux bl-ordni sagri; benefizzju bħal dan kien jintiret mill-werrieta u d-dixxendenti tal-fundatur u testatur. Kien biss meta r-razza tal-patruni tintemm li dan id-dritt jgħaddi f'idejn l-isqof.

Il-benefizzji fis-sena 1545

Din il-ġabra saret fis-sena 1545 – ħmistax-il sena minn meta Malta kienet għaddiet taħt il-Kavalieri ta' San Ġwann u minn meta l-isqof ta' Malta beda joqgħod Malta b'mod permanenti. Fl-1454, l-Isqof Dumink Cubelles kien għamel viżta pastorali Għawdex u, probabbilment – għax l-atti tal-viżta huma mitlufa – sab xi nuqqasijiet fit-temmija tal-fundazzjonijiet.

Għalhekk, fl-14 ta' Ottubru, 1545, hu ordna lill-Kanonku Ġużeppi Manduca, Vigarju Ġenerali residenti Għawdex, biex issejjaħ lin-nutara li kienu jipprattikaw Għawdex ħalli jgħaddulu kopja ta' l-atti li b'xi mod jew ieħor kienu jikkonċernaw it-twaqqif tal-benefizzji f'Għawdex. Obbligahom jgħaddulu kopja kemm ta' l-atti magħmula minnhom, u kemm ta' l-atti li kienu jikkonservaw. (Ara Dokument numru 1 fil-ktieb *Fundationes beneficiorum.* In-numri fil-parentesi f'din il-kitba jirreferi għan-numru tad-dokument fl-imsemmi ktieb).

www.gozocathedral.org.mt

Il-Konċilju Lateran V, l-aħħar konċilju ġenerali li sar qabel din id-data, fil-Bulla *Reformationes curiae et aliarum* promulgata fil-5 ta' Mejju, 1514, ħareġ diversi ordnijiet fuq il-benefizzji (COD, 623, 15-26). Biex dawn jitħarsu kienet meħtieġa lista bħal dik li ordna Cubelles. Fit-13 ta' Diċembru, 1545, xahrejn wara li kienet ordnata din il-lista, fetaħ il-Konċilju ta' Trentu. Id-diversi entitajiet ta' riforma li twaqqfu bi tħejjija għal dan il-Konċilju, l-iktar il-*Consilium de emendanda ecclesiae,* imwaqqaf mill-Papa Pawlu III fis-sena 1536, ordnaw numru ta' riformi fid-djoċesijiet u dawn għamlu l-kompilazzjoni ta' lista bħal din dejjem iktar urġenti.

Sitt snin qabel l-Assedju tas-sena 1551

L-arkivju ta' l-Arċiveskovat ta' Palermo, li tiegħu Malta u Għawdex kienu suffraganji, jikkonserva diversi ġabriet ta' din ix-xorta tas-sekli sittax u sbatax. Għalhekk jista' jkun li ħarġet xi ordni dwar kompilazzjoni simili mis-sede metropolita ta' Palermo.


DOCUMENTARY SOURCES

OF

MALTESE HISTORY

PART V

DOCUMENTS IN THE CURIA OF THE ARCHBISHOP OF MALTA

No. 1

The

Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii

1435-1545

transcribed by

REV. JOSEPH BUSUTTIL

edited by

STANLEY FIORINI

MALTA UNIVERSITY PRESS

2006

L-ordni ta' Cubelles kienet ordni providenzjali għaliex sitt snin wara Għawdex sofra l-agħar assedju fl-istorja tiegħu. Wara l-miġja tal-Kavalieri, l-attakki mill-Misilmin, mhux biss ma qatgħux iżda żdiedu.

F'Lulju 1551, flotta ta' mija u ħamsa u erbgħin mirkeb taħt it-tmexxija tal-Bâxà Sinan, megħjun mir-Rajjes Dragut u mill-Bej Kambil, tefgħet l-ankri qrib Għawdex. Il-Kastell jew il-Belt ta' Għawdex kienet assedjata u l-Ħadd, 26 ta' Lulju, kienet kostretta ċċedi. Kważi l-popolazzjoni kollha, madwar ħamest elef Għawdxi, ittieħdu fil-jasar. Il-maġġuranza tad-dokumenti nqerdu jew insterqu. Il-ġabra tal-benefizzji li saret kienet konservata l-Kurja ta' Malta u b'hekk ħelset mill-qerda. Għalhekk din kienet ordni verament providenzjali.

Tnejn u disgħin testment

Il-ġabra tiġbor fiha *tnejn u disgħin* testment jew kodiċill, jiġifieri noti legali ta' żidiet jew bidliet fid-dispożizzjoni testamentarja. Huma meħuda minn seba' nutara differenti li l-atti tagħhom kienu arkivjati Għawdex fis-sena 1545. Barra dan, Professur Stanley Fiorini daħħal ħames dokumenti oħra, *erba'* testmenti u *kollazzjoni* ta' benefizzju minn sorsi oħra.

Il-ġabra m'hix sħiħa. In-Nutar Bonaventura de Bonetiis, li tqabbad jagħmel il-ġabra, kif jipprova viżwalment Prof Fiorini (*ara* r-riproduzzjonijiet f'paġni lxii-lxiii), ra biss it-testmenti arkivjati Għawdex. Għalhekk huma nieqsa l-fundazzjonijiet magħmula għand nutara residenti Malta, li wieħed minnhom hu inkluż fiż-żieda (91). Benefizzju favur il-Knisja ta' Għawdex li jispikka bin-nuqqas tiegħu f'din il-ġabra, hu l-benefizzju ta' ġuspatronat irjali *Tas-Saqqajja* jew *Ta' Wied il-Lunzjata,* imwaqqaf minn Sibilla d'Aragona.

Il-ġabra, naturalment, fiha biss il-parti li għandha x'taqsam mal-benefizzju u għalhekk ħafna informazzjoni interessanti hi nieqsa. Dan jidher ċar meta wieħed iqabbel is-silta meħuda mit-testment ta' Antonius Fantino (89) mat-testment sħiħ (96). F'dak sħiħ wieħed isir jaf li barra li ordna l-bini ta' knisja lill-Madonna tal-Grazzja, ftakar ukoll fil-qraba kollha tiegħu; li l-akkumpanjament tal-mejtin b'purċissjoni kien ġa użanza f'Għawdex; u li r-Rabat kien hemm kwartier

www.gozocathedral.org.mt

Raymond Bonello
Marmista(Marbler)

**Marble Sculpturing,
Marble Inlay, Granite design,
Fire Places, Monuments &
Memorial Stones.**

Plot 24, Qasam Ta' Dun Anton, Xaghra, GOZO.
Tel: 2156 3457, Fax: 2156 4285, Mob: 9945 0523

www.gozocathedral.org.mt

jissejjaħ Nixaha; jiġifieri Nixxiegħa, xi post b'għajn ta' ilma ġieri.

Din il-ġabra kienet dejjem magħrufa. De Soldanis għamel użu estensiv minnha u jikkwota ħdax-il dokument, f'xi każijiet kelma b'kelma. Professur Godfrey Wettinger għamel ukoll użu estensiv tal-ġabra f'diskors magħmul il-Katidral fis-sena 1973, f'għeluq it-350 tat-twaqqif tat-tieni Kolleġġjata fil-Matriċi. Kellu jagħmel użu minn kopja notarili magħmula min-Nutar Duminku Portelli fl-1663, għax dak iż-żmien – kif kien qalli hu stess – l-oriġinal fil-Kurja ta' Malta kien mitluf.

Jiena nnifsi, flimkien mal-mibki Dun Alwiġ Camilleri tax-Xagħra, arkivista miegħi fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, għamilna indiċi tal-ġabra u użu minn xi dokumenti meta fl-1983, il-Gvern ħareġ l-Att dwar id-devoluzzjoni ta' ċerta proprjetà tal-knejjes li ta d-dritt lill-Gvern li japproprja għalih il-proprjetà tal-Knisja.

Iżda kellu jkun Dun Joseph Busuttil li jagħmel traskrizzjoni sħiħa tal-ġabra kollha li xi drabi hu diffiċli ħafna li tittraskrivihom u l-Professur Stanley Fiorini li jippubblikahom d'din is-serje prestiġjuża.

Niġi issa għal xi osservazzjonijiet dwar il-kontenut.

L-arċipretura tal-knisja Matriċi

L-arċipretura tal-knisja Matriċi tissejjaħ l-Arċipretura tal-Primizji ta' Għawdex mill-Isqof Gargallo (1591). Din l-arċipretura tal-Matriċi u Kolleġġjata kienet wisq probabbli tinkludi 'l Għawdex kollu fi żminijiet bikrin. Għalhekk min kellu dawn il-primizji, bħal Donnus Ramon Navarra, imsemmi fl-1463, kien ikun l-arċipriet anki jekk mhux speċifikat.

Il-primizji, terminu wżat mill-qassisin, jew *il-fermizzi*, terminu wżat min-nies komuni, kien id-dritt ta' l-arċipriet, ta' xi kanonċi, u tal-kappillani, li jirċievu l-ewwel frott tar-raba' jew tal-bhejjem mingħand il-parruċċani – użanza li ġejja mill-qedem.

Kien hemm żewġ xorta ta' primizji. *L-ewwel*, dawk mingħand il-massara jiġifieri l-bdiewa li kellhom baqra għal ħart; *it-tieni*, dawk mingħand kull familja, imsejħa wkoll *deċmi*.

Hekk ta' l-ewwel, li kellhom baqra għal ħart kienu jridu jagħtu nofs tomna qamħ, nofs tomna xgħir, u nofs wiżna qoton lil min kellu d-dritt għalihom. Il-kwantità kienet tvarja minn żmien għal żmien, u anki minn post għall-ieħor. L-Isqof Gargallo (1591) isemmi qamħ, xgħir, żejt, inċens, flus, u xama'. Dun Lawrenz De Apapis (1575) stqarr li qabel il-1551, ix-xama' kienu jagħtuhielu n-nies. Tat-tieni, il-familji komuni, ġie li kienu jagħtu mat-tliet irbgħajja (Lm0.02 - €0.01).

Il-kanoniċi tal-Kolleġġjata ta' Għawdex

Il-ġabra tipprovdi lista tal-kanoniċi tal-Kolleġġjata ta' Għawdex. Il-kanoniċi huma identifkati għax jingħataw it-titlu ta' *Donnus*, waqt li dawk li ma kinux, jissejħu *presbyteri*. Dan kien użu kurrenti kif jidher mir-*Rollo* ta' l-Isqof Senatore de Mello (1436). Il-preżenza tal-kanonċi ta' Għawdex hu konfermat minn kawża fil-Qorti ta' l-Isqof (1526) li fiha n-Nutar Jacobus Saliva xehed dwar kwistjoni kif *tutti li canonichi et altri personi antiqui dichiarono*. It-terminoloġija ma baqgħetx l-istess wara l-1551.

F'artiklu f'*Il-Ghid ta' l-Assunta* (2005), kont ktibt li l-kolleġġjata fil-Matriċi aktarx twaqqfet lejn is-sena 1445. F'din il-ġabra nstabu żewġ kanonċi qabel din id-data, Donnus Matheus Briffa fl-1435 (33. 34) u Donnus Pinus Calimera fl-1440 (51). Dan ifisser li l-Kolleġġjata twaqqfet qabel id-data li kont semmejt jien.

Jista' jkun, iżda hu fatt li wara d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw lil Malta u mkejjen oħra maħruġa mill-Papa Ewġenju IV fil-21 ta' April, 1445, il-Kolleġġjata kienet riorganizzata u msaħħa – sewwa sew kif ġara riżultat ta' l-istess diżpożizzjonijiet fil-belt ta' Katanja. Tant hu hekk li qabel is-sena 1445 jissemmew żewġ kanonċi biss, u wara n-numru tagħhom żdied f'daqqa u l-kapitlu jidher komplut.

Jekk taqa' t-teorija li l-kolleġġjata ta' Għawdex ma twaqqfitx fis-sena 1445, allura meta twaqqfet? Ma naħsibx li dan ġara qabel tneħħa l-interdett minn fuq Malta fi żmien Federiku III ta' Sqallija u Malta fis-sena 1375. Twaqqfet forsi fiż-żmien ix-Xiżma l-Kbira, meta l-Aragoniż Benedittu XIII kien il-papa pretendenti (1394-1423)? Hu dokumentat li b'rigal ta' lealtà lejh ta diversi privileġġi lill-knejjes f'artijiet Aragoniżi. Malta dak iż-żmien kienet taħt l-Aragoniżi u kienet leali lejh.

Il-Matriċi ta' Għawdex

Id-dokumenti jsemmu ħafna darbi l-knisja

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

Matriċi ta' Għawdex imma m'hemmx qbil fuq xi tfisser sewwa din id-denominazzjoni. Qabel is-sena 1435, din il-knisja ssejħet l-*Imqaddsa Knisja Maġġuri ta' Għawdex*. Mis-sena 1435 'il quddiem tissejjaħ *il-Knisja Matriċi ta' Santa Marija*... tal-belt u l-gżira ta' Għawdex (33). Dan hu l-ewwel dokument li nafu bih s'issa li jsemmi d-dedikazzjoni tal-knisja.

Dan id-dokument jikkonferma li l-knisja minn Maġġuri fis-sena 1424 saret Matriċi qabel is-sena 1435. Ħdax-il sena qabel, fit-*Terra* jew fil-Kastell kien hemm diversi knejjes oħra, iżda l-knisja tissejjaħ biss maġġuri u mhux matriċi. Sas-sena 1435, ma jidhirx li kienu nbnew knejjes iserrħu mal-knisja Maġġuri u li mħabba fihom din il-knisja setgħet issejħet Matriċi. Għax kieku dawn il-knejjes x'sar minnhom?

Dan, għalhekk narah isaħħaħ, għalkemm ma jippruvax, it-teżi tiegħi li t-terminu matriċi ngħata lill-Matriċi ta' Santa Marija meta twaqqfu parroċċi oħra. Dan jista' jkun li ġara f'dak l-intervall ta' ħdax-il sena bejn l-1426 u l-1435 għax ma naħsibx li hi kumbinazzjoni li t-tliet parroċċi l-oħra ta' Għawdex medjevali jissemmew ftit wara din id-data.

Din it-teżi hi msaħħa mill-fatt li minkejja li parroċċa oħra fir-Rabat, Għawdex, kellha knisja tmiss magħha (86) u oħra qrib tagħha (76), din qatt ma tissejjaħ matriċi. Kieku t-terminu matriċi jirreferi għall-kappelli qrib jew imissu mal-knisja ewlenija, allura din tar-Rabat kienet tissejjaħ hekk ukoll.

Tliet parroċċi fir-Rabat

Minn diversi dokumenti oħra nafu li Għawdex medjevali kellu tliet parroċċi il-parroċċa ta' San Ġorġ, *ecclesia parrochialis de Rabbato Gaudisii* (63), u l-parroċċa ta' Santa Marija ta' Savina (48). Din ta' l-aħħar tissemma kemm-il darba f'din il-ġabra. San Ġakbu jissemma wkoll, iżda mhux bħala parroċċa għalkemm nafu li kien hekk minn dokumenti oħra (26).

Aspett ieħor li joħroġ minn din il-ġabra hi li l-ħajja f'Għawdex ma kinitx imgħarrqa kif jippruvaw jagħtu l-impressjoni l-kitbiet ta' żmien l-Ordni biex juru l-Kavalieri bħala s-salvaturi ta' Malta u Għawdex. Kieku Pinus de Pellegrino f'Jannar 1424 ma kienx iħalli legat għall-bini ta' kampnar mas-*Sancta Maior Ecclesia*, l-Imqaddsa Knisja Maġġuri ta' Għawdex – dokument ippubblikat imkien ieħor iżda msaħħaħ minn din il-pubblikazzjoni. Lanqas ma kien ikun possibbli li jitwaqqaf *animagium* wara l-ieħor tul mija u għaxar snin.

Aspett ieħor dwar il-ħajja soċjali hi li, iktar minn darba, il-fundatur jinsisti li r-rettur ikun onest, jiġifieri jgħix ħajja eżemplari, jew fqir, jiġifieri mhux imlebleb biex jagħmel kollezzjoni ta' benefizzji (12. 35. 39. 43. 51. 72. 90). Mikiel Cadumi ħalla li jekk f'Għawdex kollu ma jinstabx qassis b'dawn il-kwalitajiet, il-benefizzju kellu jdur fuq il-werrieta. (35) Jiġifieri kien hemm sens ta' apprezzament lejn dawk li jgħixu ħajja spiritwali u qaddisa.

Erba' kappelli mal-Matriċi

Il-parruċċani sinjuri tal-Matriċi sa tmiem is-seklu ħmistax kienu jaħsbu għad-difna tagħhom fiċ-ċimiterju tal-Matriċi ħdejn il-kunvent ta' Santu Wistin. Kien hemm fih madwar ħmistax-il kappella. Il-folja nqalbet lejn tmiem is-seklu ħmistax. Dan qisu ġara kemm għaliex probabbilment ma kienx fadal wisa', kemm ukoll imħabba ż-żieda sustanzjali tas-sibbien fil-Mediterran, kif nafu minn ħafna sorsi. Għalhekk bdew jaħsbu għad-dfin f'post iktar żgur, fiċ-ċittadella. Bdew jixtru l-proprjetà ma ġenb il-Matriċi, jibnu kappella, u jniffduha mal-Matriċi.

L-inizjattiva ħaditha n-Nobbli Paula de Navarra. F'testment tal-21 ta' Awwissu, 1497, hi tat l-ordni biex tinbena kappella ddedikata lill-Madonna ta' Loretu (6). Inbniet fit-tramuntana tal-Matriċi sserraħ man-naħa ta' isfel tal-korsija. Fl-10 ta' Marzu, 1501, in-Nobbli Francia de Pontetremulo ordnat it-tieni kappella (70). Aktarx li nbniet fin-nofsinhar tal-Matriċi tmiss man-naħa ta' fuq tal-korsija u kienet iddedikata lill-Annunzjazzjoni. Mit-testment tan-Nobbli Petrus Mompalao tas-19 ta' Awwissu, 1532, nafu li kien beda l-bini tat-tielet kappella (77). Kienet fit-tramuntana tal-Matriċi, maġenb dik ta' de Navarra, u ddedikata lil Santa Luċija. Sas-7 ta' Jannar 1544, kienet inbniet ir-raba' kappella; dan jirriżulta mit-testment tal-Manifku Johannes Castelletta (90). Kienet ukoll fit-tramuntana tal-Matriċi, maġenb dik ta' Mompalao, u ddedikata lil Santa Katerina ta' Lixandra.

Hekk tnisslu ż-żewġ navati mal-korsija.

Toponomastika

Nagħmel xi osservazzjonijiet dwar it-

www.gozocathedral.org.mt

An open mind is the best way to look at the world.

It would be a dull world indeed if we all thought the same thing about fireworks and village bands. Or anything else for that matter.

At HSBC we listen to millions of people all over the world, every day. And one thing we have learned is that it's best to keep our ears and minds open.

After all, it's the different way we look at things that keeps the world moving.

hsbc.com.mt

HSBC
The world's local bank

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 233 Republic Street, Valletta VLT1116

toponomastika. Tissemma kemm-il darba l-kelma *tewnit* (15). It-Tewnit ta' Għaxaq, magħrufa wkoll is-Sined ta' Għaxaq, fl-inħawi ta' Marsalforn, iġiegħlek taħseb li l-kelma tfisser sined, għalqa fuq oħra. Però il-kelma jista' jkun li hi korruzzjoni tal-kelma *tenuta*, biċċa raba'.

Xac tarġa fil-Għasri (20) u *Xaq tarġa* ta' Dbieġi (31) għadhom jeżistu u huma magħrufa *Xaqq tarġa* mhux *Sieq tarġa*, kelma li tfisser post li jxaqqaq, li jaqta', il-wied li jaqta' bejn il-għoljiet.

Sant'Anton ta' Għajn Xejba (69) hu l-magħruf Sant'Anton tal-Qaċċa. Il-kappella ta' Sant'Anton taċ-ċimiterju (97) kienet iddedikata lill-istess qaddis.

Għajn Qaċċat, iż-Żebbuġ (25), mhux Kaċċat, għadha wkoll teżisti. L-istess *Mieġel il-baħar,* fl-inħawi tal-Merżuq, Marsalforn (30). Mieġel, singular, mhux plural, kif hemm fid-dokument!

Ta' Gudla (22), fi trufijiet ir-Rabat, hi kelma li Malta tingħad *godla* – differenzi fil-Malti bejn Malta u Għawdex li jmorru lura mijiet ta' snin.

Il-Qala kien hemm u għad hemm *Wied tal-Hofra,* minkejja li d-dokument jirreferi għalih bħala Wied tal-Ħafura (73)

It-terminu *Contagna* (35) aktarx jirreferi għall-muntanja; hawn Għawdex l-għolja ta' Dbieġi, l-ogħla punta tal-gżira, hi magħrufa sallum il-muntanja ta' Dbieġi.

San Tawdar (29), b'riferenza għal San Teodoru, fl-inħawi tax-Xatt l-Aħmar għadu wkoll magħruf hekk.

Drawwiet

Il-ġabra hi wkoll interessanti mħabba d-drawwa taż-żerda, l-ikla tal-festa wara ċerimonja fil-knisja. Iż-żerda, fit-Tuniżija hu ross imħallat bil-għasel; hawn Għawdex, fil-bidu ż-żerda kienet tikkonsisti f'qamħ mgħolli mħallat bil-għasel, magħruf ukoll bħala l-quċċija. Biż-żmien, kif tixhed din il-ġabra, fiż-żerda kien jingħata wkoll xi barmil *di tre quartari* jew tliet ġarar inbid (66), ħobż abjad, qubbajt, u għabbara jew siegħ għasel (22).

Awtonomija ekkleżjastika

Il-ġabra tagħti xhieda ta' ċertu awtonomija bejn l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi ta' Malta u ta' Għawdex. Dan jirrifletti l-awtonomija li kien hemm bejn l-Università ta' Għawdex u dik ta' Malta.

Meta fl-1436, l-Isqof de Mello ordna l-*Quarternulus pro Concordia taxarum* – dak magħruf bħala r-Rollo, li ġa semmejt – il-kwistjoni kienet dwar id-*donativum*, ewfemiżmu għall-fatra, it-taxxa li l-Maltin u l-Għawdxin kienu qegħdin iħallsu lir-Re mill-mudullun ta' għadamhom. Il-kleru Għawdxi kien qiegħed joħroġ sehem ta' tnejn minn għaxra [2/10]; skond il-kleru Malti, is-sehem kien biss ta' tnejn minn tnax [2/12]. Senatore de Mello għażel it-triq tan-nofs u ordna l-Għawdxin iħallsu sehem ta' tnejn minn ħdax [2/11].

Dan il-ħlas kien isir mid-dħul tal-benefizzji msemmija f'din il-ġabra.

Knisja ħajja

Il-Knisja ta' Għawdex kienet Knisja ħajja bl-istituzzjonijiet kollha. Kellha erba' parroċċi, kif ġa semmejna. Jissemmew knejjes oħra, antiki u ġodda, fil-Kastell, fir-Rabat, u fil-kampanja, b'konċentrazzjoni fl-inħawi tal-Għarb u fix-Xagħra. Id-dokumenti fihom dettalji interessanti dwar il-kostruzzjoni tagħhom, bħal dwar dik ta' San Pawl fiċ-ċimiterju (33).

Kien hemm żewġ kunventi: ta' l-Agostinjani li beda lejn is-sena 1451 (37) u tal-Franġiskani li beda fis-sena 1494 (16). Wara l-1506, kien hemm ukoll xi reliġjużi nisa għalkemm ma jidhirx li kienu f'xi ordni (12. 15).

Fis-sena 1441 kien hemm ukoll fratellanza (52); fl-1453, tissemma li kienet tal-Lunzjata (37). Tissemma wkoll fratellanza ta' Sant' Anton fl-1510 (73).

• Il-pubblikazzjoni ta' din il-ġabra tal-*Fundationes beneficiorum* sejra tagħni bis-sħiħ l-istorja ekkleżjastika u ċivili ta' Għawdex medjevali. Għalhekk, lil dawk involuti, individwi u istituzzjonijiet – fosthom l-Università ta' Malta li qiegħda toħroġ din is-serje – ngħid kelma ta' l-aħħar li biha ċert li qiegħed nesprimi s-sentimenti ta' dawk kollha preżenti: Grazzi!

• Nota: In-numri fil-parentesi jirreferu għan-numru tad-dokument fil-pubblikazzjoni *Fundationes beneficiorum*

www.gozocathedral.org.mt

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria

NEW
TILES & BATHROOM
CENTRE IN GOZO

The
One - Stop - Shop
for your home

Distinct

Pope John Paul II Street, Victoria VCT 9046, Gozo, Malta • Tel: 21 551234, Fax: 21 552737 • E-mail: info@distincthomes.com.mt

FORESTALS SHOWROOM

liances • kitchens • bedrooms • bathrooms • tiles • garden furniture • domestic appliances • kitchens • bedrooms • do

www.gozocathedral.org.mt

Il-Beatu Piju IX
Parenti Incomparabili

kitba ta'
Monsinjur Joseph Bezzina

Nhar it-3 ta' Settembru, 2000, il-Papa Ġwanni Pawlu II ippresieda ċ-ċerimonja tal-beatifikazzjoni tal-predeċessur tiegħu, il-Papa Piju IX. Kien qiegħed iġib fit-tmiem proċess mibdi mill-Papa Ljun XIII fl-1897.

Twelid u tfulija. Giovanni Mastai-Ferretti, l-isem proprju tal-Papa, twieled Senigallia, belt fl-Istati Pontifiċji, nhar it-13 ta' Mejju, 1792 – id-disa' wild ta' Girolamo Mastai-Ferretti u Caterina Solazzo. Irċieva l-Griżma ta' l-Isqof fl-1799 u l-Ewwel Tqarbina fl-1803. Kien ta' kostituzzjoni fiżika delikata ħafna u pjuttost marradi. Min-naħa l-oħra kien intelliġenti. Fl-ewwel snin ta' ħajtu tħarreġ f'ħafna fjuretti. Ta' sbatax-il sena, fl-1809, mar Ruma ħalli jkompli l-istudji tiegħu fil-belt kapitali ta' l-Istati Pontifiċji.

Żgħożija. F'dak iż-żmien, ma jidhirx li kellu vokazzjoni saċerdotali, iżda żgur li qatagħha li jsegwi programm l-iktar preċiż f' ħajtu. Il-programm, kif ħalla miktub fid-djarju, kien imsejjes fuq erba' ħwejjeġ, jiġifieri:

- gwerra lid-dnub;
- ħarba sobtu minn kull okkażjoni perikuluża;
- studju mhux għall-"ambizzjoni li nkun naf", iżda għall-ġid ta' l-oħrajn; u
- abbandun totali f'idejn Alla.

Fl-1812 marad serjament, aktarx bl-epilepsija. Dam ibati mill-marda qrib erba' snin. Fieq, kif stqarr hu stess, wara li talab ħafna lill-Madonna ta' Loretu. Stqarr li darba dehritlu f'viżjoni u wegħditu l-fejqan. Fl-1815, meta kien għadu jbati bil-marda, kien daħal gwardja pontifiċja, jiġifieri kien jagħmel għassa mal-Papa waqt iċ-ċerimoniji u f'okkażjonijiet oħra. Fl-1816, telaq minn gwardja u offra ruħu bħala għalliem tal-katekiżmu f'diversi ċentri ġewwa Ruma.

Vokazzjoni. Fl-1817, fi tmiem l-istudji tiegħu, li

kellu jinterrompi kemm-il darba mħabba l-gwerer Napuljoniċi, ħass is-sejħa għal qassis. Kien ippreparat tajjeb ħafna u, fis-19 ta' April, 1819, meta kellu 27 sena, kien ordnat qassis għal dejjem. Għamel tliet proponimenti:

- li jaħrab mill-unuri li għalih, bin familja tas-sinjuri, kien faċli jakkwista;
- li jkun bniedem ta' talb, iżda fl-istess ħin ta' servizz; u
- li jikber kuljum fid-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna.

Dritt wara ntgħażel direttur ta' l-Ospizju *Tata Giovanni,* ospizju Ruman għat-tfal fil-bżonn.

Arċisqof u kardinal. Fl-1823, ħalla t-tmexxija ta' l-Ospizju, u bejn dik is-sena u l-1825, ħadem

www.gozocathedral.org.mt

Ta' Nisju

for Best shopping

Ladies, Fashion Wear
Teens Casual Wear
Curtains and Carpets

St. George's Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 2156-4166
Fax: 2155-6334

Bargain Shop

Tal-Lira Items also available

71, Palm Street, Victoria
tel. 2155-0915

DIGITAL Prints

DVD AUTHORING
COLOUR PHOTOCOPYING

From your Digital Camera:
Smart Media - CD - Diskette

CORDINA PHOTO MARKET

CPM
CORDINA PHOTO MARKET
laboratory

34, Main Gate Street, Victoria, Gozo tel: 21 556270 / cpmimaging@yahoo.com

1 HOUR PHOTO DEVELOPING & PRINTING

www.gozocathedral.org.mt

bħala uditur jew segretarju tad-Delegat Appostoliku fir-Repubbliċi taċ-Ċili u tal-Perù. Lura Ruma fl-1825, inħatar direttur ta' l-Ospizju *San Michele*.

Sentejn wara, meta kellu 35 sena, il-Papa Ljun XII għażlu arċisqof ta' Spoleto, belt fl-Istati Pontifiċji. Kien ordnat isqof nhar it-3 ta' Ġunju, 1827. Fl-1831, meta kien Spoleto, kellu jiffaċċja l-armata rivoluzzjonarja tar-*Risorgimento*, il-moviment għall-għaqda ta' l-Italja f'nazzjon wieħed, meta din l-armata ppruvat tokkupa lil Spoleto. B'kuraġġ kbir, ħa r-riedni tat-tmexxija f'idejh u rnexxielu jġib il-paċi. Dritt wara, minkejja li tawh parir kuntrarju, ħafer lit-tradituri Spoletini li kienu wittew it-triq lill-armata rivoluzzjonarja. Il-maġġuranza ma ħadux gost bil-maħfra li ta.

Fis-17 ta' Diċembru, 1832, il-Papa Girgor XVI ittrasferieh minn Spoleto u ħatru arċisqof ta' Imola, belt iktar importanti.

Nhar it-23 Diċembru, 1839, l-istess Papa Girgor XVI ħatru kardinal *in pectore*. Il-ħatra tħabbret pubblikament fl-14 ta' Diċembru, 1840. F'Settembru 1843, għal ftit ma spiċċax priġunier ta' l-armata rivoluzzjonarja tar-*Risorgimento* matul l-invażjoni tar-reġjun tar-Romanja.

Papa. Fil-għaxija tas-16 ta' Ġunju, 1846, f'wieħed mill-iqsar konklavi fl-istorja riċenti tal-Knisja — konklav ta' inqas minn jumejn — kien elett papa u ħa l-isem ta' Piju IX. Il-pontifikat tiegħu kiser kull rekord għax dam Papa wieħed u tletin sena u seba' xhur.

Bħala Vigarju ta' Kristu fuq l-art:

- kien iħossu l-gwardjan fuq din l-art tad-drittijiet ta' Alla u tal-Knisja;
- kien ċar fi ħsiebu, sempliċi f'għemilu, u konsistenti fi kliemu;
- kien sod fid-deċiżjonijiet li jieħu, iżda dejjem jipprova jifhem lill-oħrajn; u
- kien dejjem lest li jilqa' u jisma' lil min jitolbu udjenza.

Ftit ġimgħat wara l-għażla tiegħu, il-Papa Piju IX ta amnestija lill-priġunieri politiċi – turija ċara tal-ġenerożità tiegħu. Fl-1847, ta l-libertà ta' l-istampa lill-Istati Pontifiċji.

Imħabba l-okkupazzjoni ta' Ruma mill-armata tar-*Risorgimento*, fl-4 ta' Settembru, 1849, Piju IX kellu jaħrab minn Ruma u eżilja ruħu, l-ewwel f'Portici, u, iktar tard, f'Gaeta. Il-Gvern Imperjali Ingliż kien offrielu l-Palazz ta' San Anton, Malta, f'każ li r-rivoluzzjoni tikber u jkollu jaħrab mill-Italja. Dam eżiljat sat-12 ta' April, 1850. Il-problemi marbuta mar-*Risorgimento* kellhom idumu jħabbtuh sa tmiem ħajtu.

Il-Papa li fehem lill-Għawdxin. Nofs seklu qabel, nhar it-28 ta' Ottubru, 1798, Saverio Cassar, l-arċipriet tal-Matriċi, kien għamel l-ewwel talba għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex. Il-pjan falla. It-talba reġgħet tressqet lill-Papa Girgor XVI fl-1836, iżda falliet mill-ġdid.

Il-Papa Piju IX kien mgħarraf għall-ewwel darba bix-xewqa tal-Għawdxin nhar id-9 ta' Ġunju, 1855. Dak inhar, il-Papa Piju IX laqa' delegazzjoni Għawdxija mmexxija minn Dun Pietru Pace, qassis żagħżugħ mir-Rabat, Għawdex, li kien joqgħod Ruma. Dun Pietru kiteb wara li l-Papa Piju IX:

- sema' b'attenzjoni t-talba tar-rappreżentanza Għawdxija;
- wera magħhom tjubija u ħlewwa patena; u
- verbalment qabel mat-talba ġusta tagħhom.

F'kelma waħda wegħidhom il-għajnuna. U ma naqashomx.

Il-bażi tat-talba. Għawdex fl-1800 kellu popolazzjoni ta' 12,500, li telgħet għal 16,038 fis-sena 1864. It-talba tal-Għawdxin biex Għawdex jinqata' djoċesi għalih saret imħabba sitt raġunijiet:

1 – id-distanza bejn Malta u Għawdex u l-problemi tat-trasport bejn il-gżejjer;
2 – in-nuqqas ta' ħeġġa u ta' possibbiltà ta' l-isqfijiet li jaqsmu lejn Għawdex;
3 – id-diffikultà kbira tal-Għawdxin li jirċievu s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof;
4 – it-tbatija kbira li jgħaddu minnha dawk li riedu jistudjaw għas-saċerdozju;
5 – ix-xewqa li jinfetaħ seminarju ħa jġib 'l quddiem l-edukazzjoni; u, fl-aħħarnett,
6 – Għawdex kien denn ta' djoċesi.

Talba oħra. Nhar it-3 ta' Ottubru, 1855, il-Papa Piju IX kien imfakkar dwar it-talba li kienet saritlu. Iżda kienu żminijiet diffiċili li qajla ħallew żmien lill-Papa għal problemi oħra.

F'Awwissu 1857, Dun Pietru Pace mill-ġdid talab u kiseb udjenza mal-Papa u tenna t-talba tal-Għawdxin. L-Għawdxin sabu l-għajnuna ta' diversi nies ġewwa Ruma, li għenuhom kemm felħu biex jaqtgħu x-xewqa qaddisa tagħhom. Sadanittant, kien irnexxielhom ukoll jirbħu numru ta' diffikultajiet kbar ħalli jwittu t-triq għat-twaqqif tad-djoċesi.

www.gozocathedral.org.mt



BOOKWORM STATIONERY

Republic Street, Victoria (hdejn il-B.O.V.)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.

Ejja ara l-varjeta' ta' *items* li għandna

U l-prezzijiet li noffru.

Tel: 21556215, 21563328

Bookworm Stationery isir il-ħanut favorit tiegħek ukoll.

www.gozocathedral.org.mt

Nhar is-17 ta' Mejju, 1862, il-Papa Piju IX, interviena direttament ma' Gaetano Pace-Forno, l-arċisqof ta' Malta u Għawdex, halli mhux biss ma jsibx diffikultà dwar djoċesi ġdida, iżda jkun hu stess li jitlob ħalli Għawdex jingħata isqof għalih.

Djoċesi. Nhar is-16 ta' Marzu, 1863, Mikiel-Frangisk Buttigieg, l-arċipriet tal-Matriċi, inħatar isqof awżiljarju ta' l-arċisqof ta' Malta b'ordni li joqgħod Għawdex. Nhar is-16 ta' Settembru, 1864 – mija u tnejn u erbgħin sena ilu – permezz tal-Bolla *Singulari Amore — Bi Mħabba liema bħalha*, il-Papa Piju IX waqqaf il-Knisja u d-Djoċesi ta' Għawdex u għażel il-Matriċi-Kolleġġjata ta' Għawdex bħala l-Katidral tad-djoċesi l-ġdida.

Mewt qaddisa. Għaxar snin qabel, nhar it-8 ta' Diċembru, 1954, il Papa Piju IX kien iddikjara bhala domma t-Tnissil tal-Madonna mingħajr ħtija, il-Kunċizzjoni. Fit-8 ta' Diċembru, 1869, fetaħ l-ewwel Konċilju Vatikan. Fit-18 ta' Lulju, 1870, hu ddikjara il-Primat u l-Infallibbiltà tal-Papa bħala domma tal-fidi.

Il-Konċilju ntemm ħesrem fil-20 ta' Settembru, 1870, meta Ruma kienet okkupata mill-armata tar-*Risorgimento*. Il-Papa Piju IX miet qalbu mnikkta, iżda b'fama ta' qaddis nhar is-7 ta' Frar, 1878.

Kif għidt fil-bidu, fis-sena 1897, il-Papa Ljun XIII, is-suċċessur immedjat ta' Piju IX, fetaħ il-proċess tal-beatifikazzjoni tiegħu. Kien iddikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni-Pawlu II nhar it-3 ta' Settembru, 2000.

Il-Beatu Piju IX kien u jibqa' wieħed mill-ikbar benefatturi tal-Knisja Għawdxija. Tana d-djoċesi b'isqof residenti fostna, waqqaf dan il-Katidral, u għen kemm felaħ fil-ftuħ tas-Seminarju ta' Għawdex, il-qalb ta' din id-djoċesi.

M'hux ta' b'xejn li l-iskrizzjoni taħt il-bust tiegħu fil-Katidral, li nkitbet meta Għawdex sar djoċesi, issejjaħlu *parenti incomparabili – missier li ma hemmx bħalu*. Għax verament dan kien il-Papa Piju IX għal Għawdex.

Kien għalhekk jixraq fuq li jixraq li jsirlu dan il-monument tal-bronż – turija tanġibbli ta' poplu li għadu rikonoxxenti għall-ġid kotran li dan il-Papa kbir għamel mal-gżira ta' Għawdex u mal-Għawdxin.

28 ta' Lulju, 2006.

Marsalforn Bay, Island of Gozo • Malta
Tel: (00356) 556196 / 555666 / 553323

Grech's Central Stores

Office:
Tel: 21556633
Fax: 21553645
Republic Street, Victoria, Gozo - Malta
Kercem Road, Victoria, Gozo - Malta

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH
DISPENSING OPTICIANS

28, Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel. 21550099
Tel./ Fax. 21551242
Mob. 99822770



Committed to be the best value opticians offering professional eyecare needs at affordable prices

Dispensing Optician: Mr. Joseph P. Grech F.B.D.O. (Lond)

Herbal Contact Lens Solution

Sun Glasses
Optical Frames
Contact Lenses & Solutions
Sterilising of Contact Lenses

Appointment For Eye Testing and Examination

For Fresh Fruits, Vegetables,
and for the best Sheep's
Pepper Cheese, Dry and Fresh
also Capers and Dried Tomatoes

VISIT
JOE SCHEMBRI' STORE

"Tal' Midliel
at 6 St. Joseph Streeet,
Victoria, Gozo.
Mobile: 79591527
Tel: 2155-7284

www.gozocathedral.org.mt

ID-DISKORS TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II FIL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

(26 ta' Mejju 1990)

minn
Monsinjur Giovanni B. Gauci
Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Katidral

Fis-26 ta' Mejju tas-sena 1990, il-Papa Ġwanni Pawlu II żar dan il-Katidral tad-djoċesi Għawdxija u minn fuq l-artal ta' l-istess knisja għamel diskors li bit-twaqqif ta' monument f'ġieħu jixraq nagħtuh ħarsa mill-ġdid.

F'dik il-lejla, il-Papa kien qal dan:

"Din il-knisja-omm ta' Għawdex u l-knejjes l-oħra sbieħ li għalihom hija magħrufa d-Djoċesi tagħkom jerfgħu qlubna u mħuħna lejn il-ġmiel etern li hu Alla. Huma jnebbħu t-talb u l-kontemplazzjoni tal-misteri tal-fidi. Iżda mingħajrkom – il-Poplu ta' Alla li tiffurmaw din il-Knisja lokali – mingħajr il-fidi ħajja tagħkom dawn il-binjiet bil-ġmiel kollu tagħhom jibqgħu vojta u bla ħajja. Huma biss sinjali esterni tar-realtà wisq aktar profonda li kellu f'moħħu San Pawl meta kiteb: "Intom il-bini ta' Alla" (1 Kor 3, 9).

Ilkoll nafu li d-djoċesi tagħna hija tassew mgħammra bi knejjes sbieħ. L-Għawdxin minn dejjem kellhom għal qalbhom dawn il-knejjes u ħabbewhom bil-fatti kif tixhed l-istorja (partikularment b'riferenza għal din il-knisja Katidrali) sa l-aħħar dokumenti ppubblikati reċentement fis-sensiela ta' *Documentary Sources Of Maltese History* mill-Università ta' Malta (Part V, No.1, *The Registrum Fundationum et Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545,* transcribed by Rev. Joseph Busuttil, edited by Stanley Fiorini, Malta University Press, 2006).

Iżda mhux il-knejjes tal-ġebel biss semma l-Papa fid-diskors tiegħu ġol-Katidral: huwa tkellem ukoll minn dik ir-realtà wisq aktar profonda li kellu f'moħħu l-appostlu Missierna meta lill-insara ta' Korintu qalilhom li huma kienu "il-bini ta' Alla". Din "ir-realtà wisq aktar profonda" tat-Teoloġija Pawlina nsibuha wkoll fost it-tixbihat tal-Knisja kif jissemmew mill-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dommatika dwar il-Knisja: "Sikwit il-Knisja tissejjaħ ukoll il-bini ta' Alla" (Lumen Gentium).

Din it-tixbiha tagħna l-Insara ma' "bini" twassal ukoll għall-ħtieġa li nifhmu kemm l-istess binja ta' Alla għandha tkun marbuta flimkien u msejsa fuq is-sod, kif tfisser ukoll mill-Appostlu Pawlu fl-Ittra tiegħu lill-Efesin meta qalilhom: "Intom mibnija lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu jintrabat sewwa" (Ef 2,20).

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

Importanti ħafna li l-fidi tagħna tkun mibnija fuq is-sod, tkun mibnija fuq il-blat. Fid-diskors tiegħu liż-żgħażagħ ġo Krakovja, nhar is-27 ta' Mejju li għadda, il-Papa attwali qalilhom hekk:

"Ġesù jħeġġiġna biex nibnu fuq il-blat. Hekk biss difatti, id-dar (aħna stess) ma tiġġarrafx. Tibni fuq il-blat ifisser qabel xejn: tibni fuq Kristu u ma' Kristu ... tibni fuq Kristu u ma' Kristu jfisser tibni fuq pedament li jissejjaħ imħabba msallba. Ifisser tibni fuq xi ħadd li, waqt li jafna aktar milli nafu lilna nfusna, jgħid (lil kull wieħed u waħda minna): "Int għażiż f'għajnejja, u Jiena nħobbok' (Isaija 43, 4). Ifisser tibni ma' xi ħadd li kontinwament imil fuq il-qalb feruta tal-bniedem u jgħidlu: ".. ma nikkundannakx. Mur u minn issa tidnibx aktar". Tibni fuq Kristu, tibni ma' Kristu jfisser li qed tibni ma' Dak li b'idejh miftuħa beraħ jgħidlek bla waqfien: "Iva, Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben tiegħu waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx" (Ġw 3, 16).

Fid-diskors tiegħu ta' sittax-il sena ilu, Ġwanni Pawlu II tkellem ukoll mill-ħtieġa li aħna l-Insara li niffurmaw il-Knisja ġo Għawdex nikbru f'tempju qaddis għaliex – kompla jgħid il-Papa: "L-iżvilupp hu sinjal ta' ħajja. Bħala werrieta spiritwali ta' dawk li l-kbir Appostlu evanġelizza f'Malta ftit wara l-bidu tal-Kristjaneżmu, intom jeħtieġ li ġġeddu t-tempju spiritwali ta' Alla b'konverżjoni kontinwa bħala individwi u bħala komunità biex twieġbu għall-isfidi tal-lum."

Nosservaw tajjeb li l-Papa ma eskluda lil ħadd; qalilna li l-lum jeħtieġ inġeddu t-tempju spiritwali ta' Alla, aħna lkoll, kemm "bħala individwi" kemm "bħala komunità" biex, bħala Knisja, inkunu nistgħu nwieġbu għall-isfidi li jkollna. Naħseb li ebda wieħed minn fost il-membri tal-Knisja f'Għawdex ma jista' jserraħ il-kuxjenza tiegħu meta jipprova jaħsel idejh u jwarrab is-sehem tiegħu fir-responsabbiltà li għandu biex inġeddu: "it-tempju spiritwali ta' Alla" u hekk nikbru f'tempju qaddis: "li jisboq fil-kobor u l-ġmiel kull ħaġa oħra li s-sengħa u l-arti tal-bniedem jistgħu jfasslu."

Il-Papa semmielna wkoll il-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni: "li Kristu ħalla f'idejn l-ewwel Appostli u li issa qiegħed jafdaha f'idejkom." U biex ma jiġix b'xi mod mifhum ħażin, Ġwanni Pawlu fisser x'ried jifhem bil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni: "F'Għawdex - qal il-Papa - ix-xogħol mhux tant li twassal l-Evanġelju lill-poplu li qatt ma sema' bih, daqskemm li tgħix l-Evanġelju b'mod aktar sħiħ u perfett, sabiex id-dgħajfa, dawk li telqu u x-xettiċi ma jitbegħdux minn Kristu iżda jħaddnu lilu u r-rigal tas-salvazzjoni tiegħu."

Ix-xandir tal-Vanġelu bil-ħajja konkreta tagħna huwa xorta ta' appostolat marbut mal-vokazzjoni ta' kull nisrani kif jingħad ukoll mill-Vatikan II: "... l-insara kollha, jgħixu fejn jgħixu għandhom id-dmir li juru bl-eżempju u x-xhieda ta' ħajjithom xi tfisser tkun bniedem ġdid, dak il-bniedem ġdid li huma libsu bil-magħmudija u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li bih issaħħu meta rċevew il-Griżma" (*Ad Gentes*, 2).

Naħseb li kieku kellu jerġa' jżurna l-Papa Ġwanni Pawlu II żgur li kien jerġa' jtambar dwar il-ħtieġa li l-Knisja ġo Għawdex – jiġifieri aħna lkoll Saċerdoti u Lajċi Nsara ma mwarrbux dik il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li dwarha kien kellimna, evanġelizzazzjoni li tgħin ħafna: "biex il-kuxjenzi jiġu kristjanizzati u biex id-dawl ta' l-Evanġelju jinxteħet fuq il-problemi soċjali u umani" anke fl-istess gżira ċkejkna tagħna.

Meta aħna nħarsu madwarna u nxebbhu żmenijietna ma' dawk tal-passat mhux tant imbiegħed - hekk per eżempju maż-żmien li fih żar Għawdex il-Papa Ġwanni Pawlu, sittax-il sena ilu - ma nistgħux ma nintebħux kemm id-diskors li semmgħalna dak in-nhar fil-Katidral, il-Papa kien tassew profetiku. Il-Knisja ta' Kristu f'Għawdex jeħtieġ li tkompli tagħti xhieda dejjem aktar ħajja ta' l-Evanġelju li hija tistqarr: hija din l-istqarrija ħajja tal-Vanġelu li tista' tgħin biex it-tagħlim ta' Kristu jkun magħġun: "mas-soċjetà nnifisha u ma' l-istituzzjonijiet soċjali: il-familja, l-edukazzjoni, il-politika, fuq ix-xogħol u f'kull settur tal-ħajja."

Jalla l-ħajja ta' l-insara Għawdxin tkun tassew – kif qal il-Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* – xhieda li tqanqal l-ammirazzjoni u l-konverżjoni, priedka ħajja fiha nnifisha u proklamazzjoni ta' l-Aħbar it-Tajba (N. 15) ukoll għal dawk fostna li huma: "dgħajfa, dawk li telqu u x-xettiċi (biex ma) jitbegħdux minn Kristu." Ma ninsewx dik it-twissija tal-Papa Ġwanni Pawlu II: "mingħajr il-fidi ħajja tagħkom, dawn il-binjiet bil-ġmiel kollu tagħhom jibqgħu vojta u bla ħajja."

www.gozocathedral.org.mt

Azzopardi
Auto Centre

Carmel
Azzopardi
Director

107, Europe Street,
Victoria, VCT 111, Gozo.
Tel: 2156 4110 Tel/Fax: 2155 3715

OPENING HOURS: 7.30a.m. - 6.30p.m.

Spare Parts Sales for All Cars

Sea View Appartments
For Rent in Marsalforn

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear
& Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 2155-4719

www.gozocathedral.org.mt

VINCENZO LABINI
L-ISQOF LI ĦABB LILL-GĦAWDXIN

minn
Monsinjur Joseph Bezzina

Vincenzo Labini, l-aħħar isqof ta' Malta u Għawdex ta' żmien il-Kavalieri ta' San Ġwann, miet il-Belt Valletta nhar it-30 ta' April, 1807, mitejn sena ilu.

Wild Bitonto

Vincenzo twieled nhar id-29 ta' April, 1735, fil-Belt ta' Bitonto, ċentru sbatax-il kilometru bogħod minn Bari fir-reġjun tal-Puglia, l-Italja. Kien mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġakbu. F'żgħożitu daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Teatini u kien ordnat qassis tat-Teatini ġewwa San Ġwann Lateran, Ruma, nhar it-23 ta' Settembru, 1758, minn Francesco Mattei, Patrijarka ta' Lixandra.

Patri magħruf għall-għerf u l-qdusija tiegħu, dlonk ingħata l-inkarigu li jgħallem it-teoloġija u d-Dritt Kanonku fil-Kulleġġ ta' l-Ordni tat-Teatini, Ruma, u fis-Seminarju Maġġuri ta' Capua. 'Il quddiem sar membru ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann u, eventwalment, laħaq l-ogħla grad li seta' jilħaq qassis, Kappillan Konventwali.

Elett Isqof

Il-Papa Piju VI għażlu bħala isqof ta' Malta u Għawdex nhar id-19 ta' Ġunju, 1780. Il-ħatra tiegħu kienet proposta mill-Granmastru Emmanuel de Rohan u promossa mir-Re Ferdinandu IV ta' Napli u Sqallija. Labini kien suddittu tiegħu. L-*Exequatur* jew l-approvazzjoni finali tal-għażla tiegħu, inħarġet mill-Qorti ta' Palermo fil-10 ta' Lulju, 1780.

Vincenzo Labini kien l-aħħar isqof ta' żmien il-Kavallieri. Kien is-sittax-il isqof, maħtur taħt il-Kavallieri. Kollha kemm huma, barra wieħed, kienu barranin. Madankollu, bħal Labini, kienu kollha membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann u midħla sewwa ta' Malta u għalhekk ,għamlu kemm setgħu ħalli jtejbu -ħajja reliġjuża tal-Maltin.

Nhar it-3 ta' Marzu, 1797, wara talba li l-isqof nnifsu għamel Ruma, il-Papa Piju VI għaqqad id-djoċesi ta' Malta ma' l-arċiveskovat ta' Rodi, li dak iż-żmien kien *in partibus infidelium,* u hekk l-isqof ta' Malta u s-suċċessuri tiegħu kisbu t-titlu ta' Arċisqof.

Isqof taħt tliet Saltniet

L-Arċisqof Vincenzo Labini kellu jixhed it-tmiem tal-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta nhar il-10 ta' Ġunju, 1798, il-ħtif tal-gżejjer minn Napuljun, u l-għoti tagħhom lill-Ingliżi.

Nhar it-25 Pratil fil-għodu, it-13 ta' Ġunju, Bonaparte ltaqa' ma' l-Arċisqof Vincenzo Labini u l-kappillani f'Palazzo Parisio, laqgħa formali biex jagħmilha ċara li f'Malta kien jikkmanda hu. Qalilhom biex jaqdu l-missjoni reliġjuża tagħhom u biex iħeġġu lill-parruċċani

www.gozocathedral.org.mt

OFFICE

NEEDS

Mario Zahra
Triq il-Municipju Ruman,
Victoria,
Gozo VCT 111, Malta.

Res. Tel: 21 563072
Off. Tel: 21 556500
Fax: 21 556500
Mob: 99459387

* Office Furniture
* Office Chairs
* Computer Supplies
* Toners
* HP Cartridges
* Office Supplies
* Photo Copiers
* Cash Registers & Rolls
* Faxes

SHARP
Fiscal Cash Register ER-A277

- 3000 PLU
- 15 Departments
- 7 TAX Rates
- Display: alfanumeric with two lines 16 characters
- Printer: termal two station (2x28mm width of paper roll)
- Normal keyboard
- Battery (Working on battery max. 1000 receipt)
- 15 cashiers
- Stock function
- Dual Currancy Lm and €

SHARP
.... be sharp
Lm185.00 €430.93

Keep Memories
of your special occasions

GVP

Grech Video Productions

Photography & Video Productions
for any occasion

Digital Prints: Colour / Sepia / B/W
Laminating & Canvas

Digital Video Filming
Digital Editing

DVD Authoring
transfer from VHS to DVD

2155 4056 9926 8784

email: joe@joegrech.com
website: www.joegrech.com

"Ave Marija" St. Leonard Street
Victoria - Gozo

www.gozocathedral.org.mt

jobdu l-ordnijiet tal-Gvern li kien waqqaf. Jekk jagħmlu hekk kien lest iħarishom, jekk jiksru l-ordnijiet tiegħu kien se jikkastigahom fil-pront.

Mal-bidu ta' l-imblokk tal-Franċiżi fit-2 ta' Settembru, 1798, l-Arċisqof Labini qatagħha li jibqa' l-Belt u beda priġunerija volontarja ta' sentejn biex jgħix f'nofs il-poplu mġarrab. Fit-30 ta' Awwissu, 1798, Labini kien imexxielu jikseb minn Ruma t-titlu proviżorju ta' Kon-Katidral għal San Ġwann.

Malta kollha, barra l-Belt u l-Kottonera, kienet f'idejn il-Maltin u għall-ħtiġijiet pastorali ħaseb Dun Salv Susano, il-Vigarju Ġenerali. Meta nħass il-bżonn, hu fetaħ is-Seminarju ta' l-Imdina u diversi knejjes u kunventi fir-Rabat u fi nħawi oħra biex jilqgħu n-nies li l-Franċiżi keċċew mill-Belt. Xi swali f'dawn il-binjiet inbidlu fi sptarijiet żgħar għall-morda.

Ma' l-iffirmar tal-kapitulazzjoni tal-Franċiżi fil-5 ta' Settembru, 1800, l-Arċisqof Labini mar San Ġwann u intona *Te Deum* b'radd il-ħajr 'l Alla. Ordna li ssir quddiesa ta' radd il-ħajr u mixegħla ġenerali fil-parroċċi kollha.

Benefattur ta' Għawdex

Matul l-episkopat twil tiegħu, l-Isqof Vincenzo Labini għamel seba' viżti pastorali. F'Għawdex dawn saru fis-snin 1781, 1783, 1785, 1789, 1791, 1793, u 1801. Matulhom hu seta' jara b'għajnejh u jmiss b'idejh il-ħtiġijiet tan-nies.

Fehem tajjeb li f'Għawdex kien meħtieġ sptar aħjar għan-nisa, li dak iż-żmien kien f'bini qadim fiċ-Ċittadella. Wara għotja ġeneruża min-naħa tiegħu u min-naħa ta' benefatturi li sab hu stess, nhar it-3 ta' Mejju, 1783, tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' l-isptar il-ġdid, l-*Isptar San Ġiljan*. Inbena fuq linji moderni fit-trufijiet tar-Rabat ta' dak iż-żmien.

L-isptar laqa' l-ewwel pazjenti nisa f'April 1787 u kellu akkomodazzjoni għal ħamsin pazjent. Uħud mis-sodod kienu riżervati għal dawk b'mard kroniku. L-isptar kellu wkoll *rota* forma ta' ġilandra fejn nisa Għawdxin li jinqabdu b'xi tarbija setgħu jħallu l-wild tagħhom b'mod anonimu. Din il-binja, il-lum, isservi tas-*Seminarju ta' Għawdex*. Illum dik li kienet is-sala ewlenija ta' l-isptar hi l-kappella u s-sala tal-laqgħat tas-Seminarju.

Fis-sena 1789, bil-ħeġġa u bil-għajnuna ta' l-Isqof Vincenzo Labini wkoll, twaqqaf il-*Konservatorju ta' San Pietru u San Pawl* fir-Rabat, Għawdex, magħruf minn kulħadd bħala l-Abbatija. Seta' jilqa' fih dsatax-il tifla Għawdxija minn familji fil-bżonn. Id-direzzjoni, li kienet tintgħażel mill-isqof, kienet tieħu ħsieb tedukahom u tgħallimhom xi sengħa, bħal ħjata, bizzilla, newl, jew ganċ. Dam jiffunzjona sa l-1996. Il-bini għadu magħruf bħala l-Konservatorju sal-lum u daż-żmien isservi bħala skola primarja u sekondarja tal-Knisja għall-bniet.

Onorificenza lill-Kapitlu

L-Isqof Labini, ftit wara l-ħatra tiegħu, kien interċieda mal-Papa Piju VI biex il-Kapitlu tal-Matriċi-Kolleġġjata ta' Għawdex jingħata id-dritt ta' l-użu tas-*Salib Pettorali* forma ta' Salib tal-Kavalieri, illum magħruf bħala s-Salib ta' Malta. Il-Papa kkonċieda dan il-privelleġġ b'*Bolla* tas-27 ta' April, 1781.

Is-Salib tal-membri ta' l-Ordni għandu l-erba' friegħi tiegħu ta' l-ismalt abjad. Is-Salib Pettorali tal-kanonċi tal-Katidral ta' Għawdex hu kemmxejn differenti minn dak tal-Kavalieri ta' San Ġwann. Hu ftit ikbar u kollu tad-deheb, bil-friegħi mżejna bl-iżmalt aħmar bi friż tad-deheb. L-erba' friegħi joħorġu minn ċentru tond li għandu fin-nofs dak li hu msejjaħ in-*Nome di Maria*, l-M għall-Madonna; din l-M hi fuq sfond blu. Iktar minn salib pettorali, din hi dekorazzjoni – għax is-Salib Pettorali, dik il-ħabta, kien dritt esklussiv ta' l-isqfijiet.

L-Arċisqof Labini miet mibki mill-poplu kollu, speċjalment mill-Għawdxin, nhar it-30 ta' April, 1807.

Ta' Dirjanu
BOTTLE SHOP

Special Prices on beers, soft drinks and spirits for weddings, parties

St. George's Fief, Victoria. VCT 104 Gozo.
Tel: (+356) 565927. Fax: (+356) 550185.
E-mail: agiusbottleshop.com

Company reg. no. c17560. VAT reg. no. 1344 - 0007

www.gozocathedral.org.mt

For Exclusive Elegant Wear

Beaver

The Fashion Place

2 St George Square, Victoria.
Tel. 2155-1287

FLAMINGO BAR

Pjazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel. 5631

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sal-tard bil-lejl

Special Attractions
- Big Screen għall-futbol
(English Leagues, Italian Leagues and World Cup)
- Surround Speakers Stereo System
- Four Monitors (M.T.V. Music Channel)
- Billiard (American Pool)
- Video Games
- Table Soccer

Snacks
- Ham and Cheese Sandwiches
- Tuna and Salad Sandwiches
- Toasted Ham and Cheese Sandwiches
- Ham and Cheese Ftira
- Pizza
- Light Snacks and Sweets (eg. twisties)

Drinks
- Tea Coffee
- Capuccino
- Espresso
- Soft Drinks
- Beer
- Spirits
- and much more

Naccettaw Parties

See You There!

Cachet
JEWELLERS

7, Sir Adrian Dingli Str., Victoria VCT 104 - Gozo.
Tel: 560485, 560828 - Fax: 558367 - E-mail: cachet@orbit.net.mt

SMILEY'S
BAR & RESTAURANT
Marsalforn - Gozo. Tel. 2155 3096

www.gozocathedral.org.mt

IL-KANONKU GIOVANNI-MARIA GAUCI ĦA L-PUSSESS TA' ARĊIPRIET TAL-KNISJA MATRIĊI (1807)

minn
Winston L. Zammit BA (Hons), PGCE, MA

www.gozocathedral.org.mt

Nhar is-16 ta' Diċembru, 1805, miet il-Kanonku Dun Saver Cassar, arċipriet tal-Matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta, fiċ-Ċittadella, u kappillan tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fir-Rabat ta' Għawdex.[1] Wara l-mewt ta' l-arċipriet Cassar, l-Isqof Vincenzo Labini ħatar lil Dun Giovanni-Maria Gauci, kanonku penitenzier tal-Kapitlu tal-Matriċi, bħala Vigarju Kurat tar-Rabat.[2]

Kif kellu jsir f'dawn iċ-ċirkostanzi, nhar is-17 ta' Jannar, 1806, l-Isqof Labini ħareġ l-editt biex isir il-konkors għall-arċipretura tal-knisja Matriċi-Kolleġġjata. Il-konkorrenti li applikaw biex jagħmlu l-konkors kienu erbgħa:

- Dun Ġużepp Speranza, kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex;[3]
- Dun Giovanni-Maria Gauci, kanonku Penitenzier u Vigarju Kurat tar-Rabat, li kellu 67 sena;[4]
- Dun Publiju Refalo, kanonku tal-Kapitlu tal-Matriċi, li kellu 36 sena;[5] u
- Dun Mikiel Vella, kappillan tax-Xewkija.[6]

Il-konkors sar fil-Palazz ta' l-Isqof, il-Belt Valletta, nhar id-29 ta' Jannar, 1806,[7] u minn fost l-erba' konkorrenti ntgħażel il-Kanonku Penitenzier Giovanni-Maria Gauci, li b'hekk sar arċipriet tal-Matriċi u kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ u ħa l-pussess fit-12 ta' Marzu, 1807.[8]

Xogħol pastorali

Il-Kanonku Gauci wettaq ħafna xogħol pastorali qabel laħaq arċipriet tar-Rabat. Dan jidher ċar mid-dokumenti li issottometta meta qagħad għall-konkors.

L-arċipriet Gauci li twieled madwar is-sena 1739, studja fis-Seminarju ta' l-Isqof u kien ordnat saċerdot fl-1763. Sa minn qabel ġie ordnat saċerdot kien jagħti s-servizz tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn għal ħmistax-il sena kien jgħallem id-Duttrina Nisranija. Wara li ġie ordnat saċerdot fl-1763, kompla jagħti s-servizzi tiegħu f'San Ġorġ. Kien jgħin fl-amministrazzjoni tas-sagramenti bħala viċi-parroku *secondario*. Hawnhekk kien jisma' l-qrar, jgħammed, jamministra l-Vjatku, u l-Griżma tal-Morda, jippriedka, u jassisti lill-moribondi fi djarhom bi nhar u bil-lejl. Għal tnax-il sena kien ukoll kappillan fl-isptar.[9]

Minbarra l-predikazzjoni li kien jagħmel fl-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ippriedka fil-Knisja Matriċi u fl-irħula kollha ta' Għawdex fir-Randan.[10] Inħatar kanonku tal-Matriċi u wara xi żmien sar kanonku Penitenzier.[11] Dun Giovanni-Maria kien iqarar ħafna. Għall-konvenjenza tan-nies tal-kampanja, fil-għodu kien imur kmieni ħafna l-knisja, fis-sajf fit-3.00 ta' fil-għodu u fix-xitwa fil-paternoster. Minbarra li kien iqarar fin-nofs ta' nhari ta' fil-għodu, fil-għaxija kien iqarar fil-knisja ta' San Ġakbu jew fil-Matriċi.[12]

Dun Giovanni-Maria ta wkoll servizz pastorali bħala vigarju-kurat f'xi parroċċi ta' Għawdex. Fl-1765 kellu din il-kariga fil-parrċċa taż-Żebbuġ u fl-1772 kellu l-istess kariga fix-Xagħra. Fl-1773 inħatar Vigarju-Kurat fir-Rabat wara r-riżenja ta' l-arċipriet Dun Ġakbu Galea.[13]

Edukatur

Il-Kanonku Gauci ta wkoll il-kontribut tiegħu fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Kien imexxi skola,[14] u fl-1805 kien involut fit-tmexxija tal-kulleġġ ta' Edukazzjoni li kien twaqqaf f'Għawdex fl-1795, u fl-istess sena kellu f'idejh l-aministrazzjoni finanzjarja ta' l-istess Kulleġġ.[15]

Minbarra l-karigi kollha fuq imsemmija kellu wkoll karigi oħra. Fl-1790, il-Kanonku Gauci inħatar bħala Pro-Kanċellier għat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni f'Għawdex, u baqa' jeżerċita din il-kariga sakemm it-Tribunal waqaf jiffunzjona fl-1798. Għal 24 sena aġixxa bħala segretarju fid-diskussjoni tal-każ morali.[16]

PASTABAXAN
FRESH PASTA

AVVIŻ

Għaġina tal-Ħelu
Għaġina tal-Pizza
Għaġina tat-Torta

RAVJUL FRISK
KULL NHAR TA' ERBGĦA
U NHAR TA' ĠIMGĦA

PRODOTTI OĦRA TA' PASTABAXAN:

- CANNELLONI CHEESE AND SPINACH FILLING
- TORTELLINI CHEESE
- TORTELLINI CHEESE AND SPINACH
- TORTELLINI BEEF AND PORK
- TORTELLINI PORK
- RAVIOLI FRESH GOZO CHEESE
- RAVIOLI FRESH SALMON
- RAVIOLI FRESH SPINACH
- RAVIOLI RICOTTA
- FRESH LASAGNA
- KIKKSU

New Chicken Ravioli

22, Marina Street, Marsalforn, VCT 116, Gozo, Tel: 21551005 / 21551411 / 21551197. Fax: 21559959. Mob: 99499071 / 99255659
Email: smuggler@maltanet.net. Website: http://www.yellowpagesmalta.com/smugglers

Ta' Dolindo
George Farrugia
fi Pjazza San Ġorġ tel.2155 1130

Għal isbaħ għażla ta deheb isfar u abjad ta' 18 il-karat.
Ftaħna ħanut tal-fidda 925 Sterling bieb ma' bieb mal-ħanut tad-deheb.
Issibu l-isbaħ u l-orħos għażla ta' Souveniers ta' Preċett, Griżma u Tiġijiet

www.gozocathedral.org.mt

Arċipriet tal-Matriċi

Fit-12 ta' Marzu, 1807, il-Penitenzier Gauci ħa l-pusess ta' arċipriet tal-Matriċi u b'hekk ħa f'idejh it-tmexxija taż-żewġ parroċċi tar-Rabat.[17] Iż-żewġ parroċċi tar-Rabat f'dak iż-żmien kellhom territorju ikbar għax minbarra r-Rabat, kienu jinkludu fil-limiti tagħhom ir-raħal Ta' Kerċem, ir-raħal ta' Santa Luċija, u parti mil-limiti tal-Għasri. Biex jgħinuh fil-qasam pastorali, l-arċipriet Gauci kellu l-għajnuna ta' żewġ viċi-parroċi.[18]

L-arċipriet Gauci mexxa ż-żewġ parroċċi għal kważi seba' snin. Matul is-sena 1812, l-arċipriet Gauci, li issa kellu madwar 73 sena, għamel xi żmien marid. Għalhekk il-Kanonku Feliċ Mizzi aġixxa bħala Vigarju-Kurat għal tliet xhur.[19]

Saċerdot umli u viġilanti, l-arċipriet Gauci miet fis-27 ta' Frar, 1814, u kien midfun fil-knisja Matriċi.[20]

---

1. ACHILLE FERRIS, *Descrizione della Chiese de Malta e Gozo, Malta 1866, p550.*
2. A(rkivju) K(atidral) M(alta), CEM *Concorsi* 33, Rabat Gozo 1806, f23r.
3. Ibid. f'22v. Dan il-kappillan mexxa l-paroċċa taż-Żebbuġ bejn l-1766 u s-sena 1807 (ara A. Ferris, 605).
4. AKM, CEM, *Concorsi* 33, Rabat 1806 f 224.
5. Ibid: Il-Kan Refalo nħatar Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb fl-1805 (Ara A. Ferris cp cit p 581)
6. AKM, CEM, *Concorsi* 33, Rabat 1806 f 23R. Dun Mikiel Vella mexxa l-Parroċċa tax-Xewkija bejn il-1803 u l-1850. Ara A. Ferris, ibid, 586).
7. AKM, CEM, *Concorsi* 33, Rabat 1806 f 23R.
8. A. FERRIS, ibid, p 550.
9. AKM, CEM, *Concorsi* 33, Rabat 1806 f 29R, 29V.
10. Ibid, f 29V.
11. AKM, CEM, 33, Rabat 1806 f 29V. Il-kanonikat tal-Penitenzier kien twaqqaf fil-knisja Matriċi minn Tereża Debono fl-1737. L-ewwel kanonku Penitenzier, kien il-Kanonku Giuseppe Benedetto Stellini u warajh laħaq Dun Giovanni-Maria Gauci. (Ara *Id-Devot ta' Marija* (1892) p143). Bħala Penitenzier, il-Kanonku Gauci kellu prebenda li kienet ta' tliet irbgħajja kuljum jiġifieri 7 skuti u 6 irbagħajja fix-xahar, li kienu jġibu madwar 90 skut fis-sena. (Ara AKM,CEM, *Concorsi* 33, Rabat 1806, f 29v.)
12. AKM,CEM, *Corcorsi* Rabat, 1806 ff 29v. 30r.
13. Ibid. f 29v
14. Ibid. f 29r
15. Ara WINSTON L. ZAMMIT, *The Collegio del Gozo the Predecessors of the Gozo Seminary* f'*Emmaus* 6 (2005) pp 3-4.
16. AKM, CEM, *Corcorsi* Rabat, 1806 ff 29v, 30r.
17. A. FERRIS, cp cit p550.
18. AKM, *Misc* 204, Ittri ta' Mons Mattei. Ittra lis-Sinjur Biscailles (10 ta' Mejju, 1815) ff 100v, 101r. Mill-istess ittra nafu li l-arċipretura f'dak iż-żmien kienet mgħobbija bil-piż ta' pensjoni ta' 70 dukat favur ta' Mons. Onorato Bres.
19. AKM,CEM, *Corcorsi* Rabat 33, 1815 ff 110V. Wara l-mewt ta' l-Arċipriet Gauci, l-imsemmi Kan Feliċ Mizzi, inħatar Arċipriet tal-Matriċi. (Ara A. Ferris, ibid, p 550).
20. A. FERRIS, ibid, p550.

Zammit Aluminium Ltd.
'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex tagħmel l-aperturi ta' l-ALUMINIUM u tixtieq ikollok l-aħħar teknoloġija bl-aħjar kwalita' u b'xogħol maħdum professjonali?

Aħna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:
- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkollok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*.

Għal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:
21554058

www.gozocathedral.org.mt

FRA GEJTANU PACE-FORNO MAĦTUR ISQOF KUĠITUR TA' MALTA U GĦAWDEX

minn
Winston L. Zammit BA (Hons), PGCE, MA

Nhar il-25 ta' Settembru 1857, il-Papa Piju IX (1846–1878) ħatar lil-Patri Gejtanu Pace Forno, Agostiinjan, bħala isqof titulari ta' Ebran u Kuġitur ta' l-Isqof ta' Malta Mons Publiju Tanti Sant. Billi Mons Pace Forno, kien twieled fir-Rabat ta' Għawdex fil-5 ta' Settembru 1807, din l-aħbar naturalment imliet bil-ferħ lill-Għawdxin.[1]

Mons Pace Forno ġie kkonsagrat Isqof fil-knisja ta' Santu Wistin f'Ruma fl-4 ta' Ottubru 1857.[2]

Wara li l-aħbar tan-nomina ta' Mons Pace Forno waslet f'Għawdex, il-kanonċi tal-Matriċi, f'laqgħa kapitulari li saret fit-2 ta' Ottubru 1857, iddeċidew li juru l-ferħ tagħhom.

Għaldaqstant nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 1857, il-jum li fih saret l-ordinazzjoni episkopali ta' Mons Pace-Forno, il-Kapitlu wera l-ferħ tiegħu u tal-poplu b'mod li jmissu b'idejk. Filgħaxija, wara l-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju, li bħas-soltu ħarġet mill-knisja Matriċi, tkanta *Te Deum* solenni.

Ir-Reveredissimu Kapitlu tal-Matriċi stieden lill-arċipriet tal-Għarb u lill-kappillani ta' l-irħula, lis-superjuri tal-kunventi, u lin-nies kollha tal-gżira, biex jagħmlu mixegħla ġenerali. Anki d-djar ta' l-iktar nies fqar fl-irħula xegħlu fjakkla biex juru l-ferħ tagħhom.[3]

Il-qniepen tal-knejjes kollha ta' Għawdex, wara t-tieni *Ave Marija,* daqqew mota ta' festa. Fl-istess lejl, il-kumpannija tal-Bandisti daqqet madwar it-toroq tar-Rabat. Quddiem il-kunvent tal-Patrijiet Agostijani fir-Rabat, il-banda waqfet għal ftit ħin u daqqet diversi bċejjeċ mużikali.[4]

Monsinjur Pace-Forno dam isqof kuġitur għal ftit xhur. Pupulju Maria dei Conti Sant, l-isqof ta' Malta u Għawdex dik il-ħabta, ħalla t-tmexxija tad-djoċesi fit-3 ta' Diċembru 1857, u Pace-Forno dlonk ħa t-tmexxija f'idejh.[5] Ftit wara, li nħatar isqof, Pace-Forno ikkonferma lil Dun Mikiel Sammut, kanonku tal-Matriċi, fil-kariga ta' provigarju għal Għawdex.[6]

1 Ara S. BORG, *Reliġjuzi Agostinjani Għawdxin*, Rabat/Gozo 1983, 47-48
2 Ibid, 49
3 Ara *L'Ordine* (9 ta' Ottubru, 1857) 1.
4 Ibid.
5 Ara S. BORG, *Reliġjuzi Agostinjani Għawdxin*, Rabat/Gozo 1983, 49.
6 L-imsemmi Kanonku Sammut kie ġiet maħtur Pro-Vigarju għal Għawdex mill-Isqof Sant fit-18 ta' Diċembru, 1854 (J. BEZZINA, *The Bishops' Archives* (= Gaulitana 12), Rabat/Gozo 1990, 47). Ftit wara li laħaq Isqof, Mons. Pace Forno għarraf lill-Gvernatur Reid, li kien ħatar lill-Kanonku Sammut bħala l-Pro Vigarju għal Għawdex (Arkivju Nazzjonali Malta, CSG, 01, Reid Vol 85 (1857) no 12, 677). Il-Gvernatur Reid min-naħa tiegħu permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Diċembru, 1857, għarrfu li ma kellux oġġezzjoni għal din il-ħatra, u nfurmah ukoll li kien se jingħata l-ġurament marbut mal-kariga, l-għada fil-ħdax u nofs ta' fil-għodu.

www.gozocathedral.org.mt

PAWLU CREMONA
L-ARĊISQOF ĠDID TA' MALTA FIL-KATIDRAL TA' GHAWDEX

mill-Kan. Joseph Sultana

L-Eċċelenza Tiegħu, Monsinjur Pawlu Cremona, Dumnikan, l-arċisqof il-ġdid ta' Malta, kien ordnat isqof mill-E.T. Mons. Ġużeppi Merċieca, l-arċisqof emeritu ta' Malta, nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2006. Is-Sibt 24 ta' Frar, 2007, l-Arċisqof Cremona għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu bħala l-arċisqof il-ġdid fid-djoċesi ta' Għawdex.

Kienet okkażjoni ta' ferħ għad-djoċesi kollha. Numru kbir ta' saċerdoti u lajċi minn madwar Għawdex kollu inġabru fil-knisja Katidrali ħalli lkoll flimkien, ma' l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, u l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, iroddu ħajr 'l Alla għad-don ta' arċisqof ġdid.

Il-*Victoria Scouts Group* kif ukoll il-Komunitajiet Neokatekumenali fi ħdan il-parroċċa tal-Katidral taw merħba lill-arċisqof hekk kif il-karrozza tiegħu waslet fil-Pjazza tal-Katidral. Ta' l-ewwel billi iffurmaw gwardja ta' l-unur, tat-tieni bil-kant ta' diversi innijiet reliġjużi. Il-Kapitlu Katidrali laqa' lil Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona u lil Monsinjur Isqof Mario Grech fil-bieb tal-Katidral u wara akkumpanjawhom sal-kappella ta' Ġesù Sagrament. Il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* sellem lill-isqfijiet bil-kant tal-antifona *Ecce Saċerdos Magnus*. Quddiem Ġesù Sagrament, l-isqfijiet għamlu mument ta' talb fis-skiet.

Pontifikal

Dritt wara, beda l-pontifikal solenni immexxi mill-Arċisqof Pawlu Cremona megħjun mill-Isqof Mario Grech u mill-Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi. Ikkonċelebraw magħhom il-Kapitlu Katidrali u tmenin qassis minn Għawdex kollu.

Fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof Mario Grech ta merħba lill-Arċisqof u wiegħdu kull kooperazzjoni fit-tfassil tal-pjan pastorali għaż-żewġ djoċesijiet.

Il-kongregazzjoni kienet immexxija mill-Onorevoli Anton Tabone, Speaker tal-Parlament Malti. Preżenti kien hemm ukoll l-Onorevoli Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex; minn Frederick Azzopardi, Justyne Caruana, u Dr Anton Refalo, it-tliet membri l-oħra Għawdxin fil-Parlament; Robert Tabone, is-sindku tal-Belt Victoria; u diversi sindki ta' lokalitajiet oħra. Kien hemm ukoll preżenti Dr Michael Caruana, President tal-Soċjetà Filarmonika Leone, u numru ta' rappreżentanti ta' korpijiet kostitwiti Għawdxin.

Fl-omelija tiegħu l-Arċisqof Pawlu Cremona saħaq fuq il-ħtieġa tal-maħfra għall-paċi u l-armonija fil-Knisja, fl-Istat, u fil-familja.

Fi tmiem il-Pontifikal, l-Isqof Mario Grech, ippreżenta rigal lil Monsinjur Arċisqof f'isem il-poplu Għawdxi. Dan kien ċurkett veskovili bix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu minquxa fuq quddiem. Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona OP iffirma il-ktieb tal-viżitaturi tal-Katidral b'tifkira ta' din l-ewwel żjara tiegħu uffiċjali fid-djoċesi ta' Għawdex bħala metropolita ta' dawn iż-żewġ djoċesijiet.

Fit-tmiem, dawk kollha preżenti kienu mistiedna għal riċeviment fiċ-Ċentru ta' l-Artiġġjanat li hemm fiċ-Ċittadella.

L-Arċisqof Pawlu Cremona waqt il-pontifikal megħjun mill-Isqof Mario Grech u mill-Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi.

www.gozocathedral.org.mt

MONSINJUR ĠUŻEPP GAUCI
ĦAMSIN SENA QASSIS
SEBGĦIN SENA ĦIDMA DISINTERESSATA B'RIŻQ IL-KATIDRAL

mill-Editur

Mons. Ġużeppi Gauci twieled il-Belt Victoria nhar it-2 ta' Ottubru, 1932, minn Vitor u Ewkaristika neè Grech. Kien mgħammed il-Katidral, ħaġa li ma tantx kienet komuni dik il-ħabta. Huwa l-ħames wild minn sebat aħwa – tnejn minnhom saċerdoti, Monsinjur Dekan Anton Gauci u Monsinjur Arċidjaknu Giovanni-Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali għad-djoċesi ta' Għawdex. Hu għamel l-Ewwel Tqarbina tiegħu fil-Katidral ukoll.

Ġużeppi beda l-istudji tiegħu għand is-Sorijiet Franġiskani tar-Rabat u kompla fl-iskola primarja tal-Gvern fi triq Vajrinġa. Sa minn meta kellu sitt snin beda jaqdi l-knisja Katidral bħala abbati. Kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù.

Fis-sena 1950, beda l-istudju tal-filosofija u tat-teoloġija fis-Seminarju Maġġuri fi żmien li kien rettur l-Isqof Ġużeppi Pace. Peress li kien hemm nuqqas ta' spazju fil-maġġuri għamel żmien jorqod fil-kamerata tal-*mezzani*. Fl-istess żmien kien imur jissupplixxi lill-prefetti li kienu jieħdu ħsieb it-tfal interni jew *boarders* tas-Seminarju Minuri. Għamel l-aħħar sentejn tiegħu fis-Seminarju Maġġuri bħala prefett fil-Minuri.

L-Ewwel Quddiesa Solenni

Dun Ġużepp kien ordnat saċerdot nhar is-6 ta' April, 1957, minn Monsinjur Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-knisja Katidrali, flimkien ma' ħames qassisin Għawdxin oħra. Fosthom kien hemm l-ex-Arċipriet tal-Katidral, Monsinjur Carmelo Scicluna. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Katidral ukoll nhar il-5 ta' Mejju, 1957.

Wara li ordna saċerdot, għamel sentejn bħala prefett tal-*piccoli* fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù u

www.gozocathedral.org.mt

għalliem fis-Seminarju Minuri. Tul dawn is-sentejn, fil-granet tas-sajf, għamel ħidma pastorali fil-knisja ta' San Pawl Marsalforn. Fil-bidu ta' l-Avvent 1960, l-isqof Pace ħatru kappillan tal-kor tal-Katidral.

Wara erba' snin ta' saċerdozju, f'Ottubru 1961, hu laħaq għalliem fis-*Saint Mary Grammar School*, l-iskola sekondarja tal-bniet fi żmien li kienet tmexxi l-iskola s-sinjorina Marija Micallef. Kien jgħallem il-Malti u r-Reliġjon. Dam jgħallem l-iskola sa Lulju 1967.

Nhar is-17 ta' Settembru, 1967, l-Isqof Nikol Cauchi ħatru sagristan-maġġuri tal-Katidral minflok Dun Mikelanġ Grech, li rtira mħabba saħħtu. Laħaq fi żmien ta' tiġdid liturġiku wara l-għeluq tal-Konċilju Vatikan II. Bħala sagristan, ta sehem l-iktar importanti fl-adattament liturġiku fil-Katidral. Fis-sena 1975, l-Isqof Nikol Cauchi ħatru bħala Monsinjur kuġitur ta' Monsinjur Teżorier Mikiel Grech. Fl-istess żmien inħatar ukoll prokuratur ta' l-istess Kapitlu Katidrali u tal-Katidral, karigi li jokkupa sal-lum. Dam kuġitur sas-sena 1987, meta laħaq monsinjur effettiv?

Ewkaristika Gauci tbus idejn binha

Grazzi

Il-Katidral hu obbligat ħafna lejn Monsinjur Gauci u ħaqqu r-radd ta' ħajr ta' kulħadd għall-ħidma bla waqfien fil-knisja Katidrali – ħidma li hu jagħmel b'impenn, bi mħabba, u b'dedikazzjoni l-iktar kbira. Il-komunità parrokkjali kollha hi xhieda ta' dan: kulħadd jaf bl-impenn assidwu tiegħu kuljum fil-Katidral ta' Għawdex, minn kmieni fil-għodu sa tard bil-lejl.

Monsinjur Gauci, jew kif insejħulu lkoll, Dun Ġużepp, dejjem lest biex imidd idejh għal kull biċċa xogħol li tinqala', dejjem lest biex iwettaq kull ħidma pastorali meħtieġa, dejjem lest biex jispjega u jagħti tagħrif dwar l-istorja, l-arti, u r-rikezzi tal-Katidral u tal-Mużew tiegħu.

Monsinjur Gauci huwa minjiera ta' tagħrif dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Katidral. J'Alla l-eżempju tajjeb tiegħu ikun imitat kemm minna s-saċerdoti, kif ukoll mil-lajċi. Kemm ikun sewwa li naħdmu magħquda flimkien biex nikbru fi mħabba sinċiera lejn l-Ewkaristija u lejn l-Omm tagħna tas-sema Santa Marija u biex inkomplu nkabbru d-dinjità tal-Katidral tagħna.

Lil Mons Gauci nwegħduh it-talb tagħna biex b'kuraġġ, b'saħħa, u b'determinazzjoni jkompli jaħdem fl-għalqa li l-Mulej għoġbu jafdalu f'idejh.

Mix-xellug: Dun Ġużepp Debrincat (Munxar), Mons. Ġużepp Gauci, Mons. Karmelo Scicluna, ex-arċipriet, Dun Ġużepp Borg, Dun Ġorġ Brincat u Mons. Tumas Curmi, flimkien ma' l-isqof Ġużeppi Pace.

www.gozocathedral.org.mt

Exquisite

Boutique & Giftware

Main Gate Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel: 2156 1928, Mob: 9947 0114

www.gozocathedral.org.mt

LIL MONS. ĠUŻEPPI GAUCI

peożija ta' Rev. George Mercieca, Victoria, 6.06.07

Min ma jafx bil-ħidma tiegħek
F'dan il-maqdes, Katidral,
Fejn qattajt il-fjur tal-ħajja
Taħt il-kappa tal-kampnar?

50 sena għaddew u taru
Mindu tlajt, hawn qassis ġdid;
Kristu għażlek, riedek tiegħu
Biex tmidd għonqok għat-taħbit.

Hawnhekk ħadt il-magħmudija,
Il-Preċett, u sirt Qassis,
Hawn għamilt l-Ewwel Quddiesa,
Dħalt għall-ħidma b'ferħ qaddis.

Lil Ġesù hawn qdejt mill-koxxa
Għaliex rajtu fil-bnedmin;
Lilu tajt is-snin ta' ħajtek,
Miegħu bqajt kull jum, f'kull ħin.

Kemm ħabbejtha lill-Madonna!
Alla biss jaf kemm stinkajt
Biex l-Assunta hawnhekk tidħol,
U saflaħħar xewqtek qtajt!

Hawn serraħt erwieħ imtaqqla;
Fejnek ġew il-midinbin;
Minn hawn ħarġu bnedmin ġodda
Ħfief bħar-rix u mibdulin.

Qatt ma mort tfittex l-unuri,
Il-flus bik żgur li m'għamlux!
Dejjem nafek umli, ġwejjed,
Il-ftaħir ma ħabbejtux.

Qatt ma smajt li ħadt vaganzi,
Qatt ma naf li ħadt mistrieħ,
Dejjem taħdem, dejjem tħawtel
Biex issalva lill-erwieħ.

Monsinjur Gużeppi Gauci, ma' l-iktar persuna anzjana fil-parroċċa tal-Katidral, Pawla Scicluna ta' 99 sena u 3 xhur

Għadek hawn, taħdem bla heda!
Minn xħin jisbaħ tkun hawn fuq
Sa ma jidlam 'l Alla tfaħħar
Donnok ġmiel is-Sema dduq.

70 sena fl-ogħla maqdes,
50 sena saċerdot!
Għadek bieżel fl-għalqa t'Alla
U fil-fidi għadek sod!

www.gozocathedral.org.mt

Monsinjur Tumas Curmi
Ħamsin Sena Saċerdot

minn John Mejlaq

Tumas Curmi twieled fit-13 ta' Jannar, 1931, fir-raħal ta' l-Fontana, minn Anton u Marija neé Galea. Huwa l-għaxar wild minn erbatax; fosthom Dun Manwel Curmi. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja tal-Belt Victoria. Kien jaqdi s-servizz ta' l-artal bħala abbati fil-parroċċa tiegħu tal-Qalb ta' Ġesù.
Kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Minuri. F'Settembru 1950, kompla fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, fejn studja l-Filosofija kif ukoll it-Teoloġija. Bħala rettur kellu lil Mons. Ġużeppi Pace li aktar tard laħaq isqof, kif ukoll lil Mons. Ġużeppi Mercieca, li aktar tard laħaq arċisqof ta' Malta. Il-ministru tad-dixxiplina kien Monsinjur Klement Buttiġieġ minn Għajnsielem. Bħala prefett kellu lil Dun Luċjan Debono mix-Xewkija u aktar tard lil Mons. Franġisk Azzopardi mix-Xagħra. Bħala direttur spiritwali kellu lil Mons. Andrea Vella miż-Żebbuġ Għawdex. Għandu memorji sbieħ fis-Seminarju. Kien membru fi grupp ta' seminaristi li kienu jagħmlu diversi xogħlijiet manwali. Kien ukoll attur fuq il-palk tas-seminarju.

Kien ordnat saċerdot fis-6 ta' April, 1957, mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-knisja Katidrali ta' Għawdex. F'Ġunju għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa tiegħu tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana.

Wara l-ordinazzjoni qeda dmiru bħala viċi-parroku fl-istess parroċċa mal-kappillan Nikol Cauchi li aktar tard laħaq isqof djoċesan. Fiż-żmien kemm dam viċi kien jaħdem ħafna maż-żgħażagħ u waqqaf iċ-ċirklu għalihom fl-istess parroċċa u raħal ta' Fontana.

Bejn l-1959 u l-1963 kien *chaplain* ta' l-għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Insara. Fis-17 ta' Novembru, 1963, mar jagħmel xogħol pastorali f'parroċċa ġewwa Sydney, l-Awstralja, u iktar tard fil-periferiji ta' Melbourne. Wara għaxar xhur, ġie lura Għawdex. F'Settembru 1968 ġie msejjaħ mill-Isqof Nikol Cauchi biex ikun segretarju amministrattiv tal-Kurja Veskovili.

Fost ix-xogħlijiet li għamel insibu li rranġa l-uffiċini fil-Kurja, ħa ħsieb il-binja tas-Sorijiet Franġiskani fis-Seminarju, bena l-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb fl-inħawi taċ-Ċawla u ħa ħsieb li jinbnew *flats* f'diversi lokalitajiet f'Għawdex biex ibigħuhom lil dawk il-koppji li kienu għadhom kif iżżewġu. Huwa dam f'din il-kariga sa l-1986.

Fl-1972, Dun Tumas Curmi laħaq monsinjur kuġitur ta' Monsinjur Ċelestinu Galea. Ftit wara, fl-istess sena laħaq Monsinjur effettiv ta' l-istess kapitlu tal-Katidral. Bħala Monsinjur wettaq diversi xogħlijiet fosthom fl-uffiċċju tal-proprjetà tal-Katidral.

Hu jirringrazzja lil Alla taż-żmien sabiħ tas-saċerdozju kif ukoll taż-żmien ta' formazzjoni fis-seminarju.

www.gozocathedral.org.mt

Il-Għid ta' l-Assunta

suppliment



www.gozocathedral.org.mt

IT-TBERIK TAĊ-*CHIMES*

Diskors ta' l-okkażjoni minn
JOE VELLA-GAUCI
ARĊIPRIET TAL-KATIDRAL
Fil-Pjazza tal-Katidral
4 ta' Awwissu 2006

Jum l-Arti u l-Kultura fi ħdan il-parroċċa tal-Katidral f'din is-sena ċinkwantinarja qiegħed jiġi ċċelebrat fost ħwejjeġ oħra bi tliet tipi ta' hidmiet li lkoll involvew fihom għadd kbir ta' parruċċani.Qiegħed nirreferi għal żewġ opri artistiċi li huma l-monumenti taż-żewġ Papiet u l-*Ave Maria Chimes*, kif ukoll il-*mużikal* li l-lejla assistejna għat-tieni rappreżentazzjoni tiegħu.

Il-*mużikal* 1956

Fir-riġward tal-*mużikal* ngħid prosit lill-orġanizzaturi, lill-awtur, lill-kompożitur, u lil dawk li kienu inkariġati mill-produzzjoni, kif ukoll lill-parteċipanti kollha. Prosit u prosit tassew. Forsi din tal-lum hi t-tieni u l-aħħar rappreżentazzjoni ta' dan il- *mużikal*. Persważ li l-mużika flimkien mal-lirika tiegħu ser jibqgħu jidwu f'widnejna għas-snin li għad iridu jiġu. Tassew għamiltulna unur.

Il-monumenti lill-Papiet

Fir-riġward tal-monumenti din m'hix l-ewwel darba li Għawdex qed isellem lil dawn iż-żewġ papiet. Ta' qabilna wkoll ħadu inizjattivi biex juru l-apprezzament tagħhom għall-attenzjoni u l-ħidma mwettqa mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Piju IX, kif ukoll għall-attenzjoni u l-ħidma mwettqa mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II.

Ċertament li t-twaqqif ta' dawn iż-żewġ monumenti fuq it-taraġ imponenti tal-knisja Katidrali sejjer jigglorifika dejjem aktar il-memorja ta' dawn iż-żewġ papiet. Piju IX, il-Papa li quddiem il-ħtiġijiet pastorali ta' gżiritna waqqaf d-Djoċesi ta' Għawdex l-eqdem istituzzjoni li baqgħet tiffunzjona bla ebda interruzzjoni. Is-simbolu li minnu nnifsu jirrifletti r-reġjonalità tal-gżira ta' Għawdex. Ġwanni Pawlu II, l-ewwel isqof ta' Ruma li għamel żjara pastorali f'Għawdex u żar lil dan il-Katidral, għozza ta' gżiritna.

Il-monument ta' Piju IX hu minnu nnifsu mafkar ta' gratitudni għal dawk kollha Għawdxin u barranin li taw is-sehem tagħhom għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex. Filwaqt li l-monument ta' Ġwanni Pawlu II hu minnu nnifsu mafkar ta' gratitudni għal dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fl-għoti ta' l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-Katidral ġrajja li din is-sena qed infakkru l-50 sena mit-twettiq tagħha nhar id-29 ta' April 1956.

L-*Ave Maria Chimes*

L-ewwel għan hu li tfakkar fis-sigħat tal-ġurnata lis-soċjetà moderna li għandna Omm fis-sema li kif sejħilha l-isqof Taljan Tonino Bello hi "l-Kewkba ta' filgħodu", "ix-Xemx ta' nofsinhar", u "is-Sliem ta' filgħaxija." J'Alla nirreferu dejjem għaliha u għal Binha Ġesù s-Sultana tal-Paċi. B'hekk biss il-paċi fil-familji, l-paċi fil-komunitajiet kristjani, il-paċi f'pajjiżna, il-paċi bejn il-ġnus.

Għan ieħor ta' dawn is-sett ta' qniepen hu l jfakkru fil-memorja ta' uħud mir-ragħajja spiritwali l kellu Għawdex qabel ma sar djoċesi, li lkoll taw il kontribut tagħhom fil-qasam reliġjuż u soċjali ta pajjiżna. Personalitajiet li lanqas jekk irridu ma nistgħu nsawru l-figura tagħhom fil-bronż Personalitajiet li xi drabi ftit għadhom jissemmew biex ma ngħidx intesew mill-memorja tal ġenerazzjoni li tielgħa, però li ċertament ħallew isimhom minqux fl-annali ta' l-istorja tal-Knisja lokali u ta' pajjizna.

Ismijiet bħal Dun Raimundus Navarra, l-ewwe arċipriet li nafu bih u li mexxa l-Matriċi-Kolleġġjata minn madwar is-sena 1445; Nikol Castelletti, l arċipriet li fi żmienu seħħ l-Assedju ta' Għawdex tas sena 1551; Karlu Magri u Nikol Natale Cassia-Magri l-arċiprieti li xtraw il-proprjetà u bnew il-knisja katidrali rispettivament; Saver Cassar, l-arċipriet tal-Matriċi u mexxej ta' l-Għawdxin kontra l-Franċiżi; u fl-aħħarnet izda mhux l-inqas, Mikiel Buttiġieġ, l arċipriet tal-Matriċi li baqa' fil-kariġa tiegħu ta arċipriet anke meta ġie kkonsagrat bħala l-ewwel isqof ta' Għawdex fl-1864. L-ismijiet ta' dawn il-personalitajiet inissel fija rimors tal-kuxjenza li bla ma trid ifakkarni fil-kelmiet tal-poeta nazzjonali Dun Karm:

Iżda kif ġejt fuq l-għatba ta' rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-Art li int ħabbejt fis-sewwa,
bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa...

J'Alla isimhom jinstiga lill-ġenerazzjoni żagħżugħa u fihom jilmħu mudelli awtentiċi ta' kif

www.gozocathedral.org.mt

wieħed għandu jħobb lill-Knisja u lill-pajjiżu. Partikularment fi żminijiet fejn il-lejaltà lejn il-Knisja u l-imħabba lejn pajjiżna qed jiddgħajfu.

Ix-xewqa tagħna

Ħafna minnkom għadhom jiftakru, li meta ċċelebrajna l-festi ċentinarji fl-1997, għamilna emfasi biex tinħoloq kuxjenza mhux biss lejn il-Katidral imma saħansitra lejn iċ-Ċittadella li hu l-ambjent l-aktar immedjat tal-knisja Katidrali.

Il-monumenti li waqqafna kif ukoll l-*Ave Maria Chimes* ser ikomplu jsebbħu u jagħtu karattru liċ-Ċittadella. L-inizjattiva tagħna hi biex ngħidu hekk vers ieħor fin-nisġa tax-xoqqa biex ikompli jitkattar it-turiżmu reliġjuż li bla pretensjoni ta' xejn l-amministrazzjoni tal-Katidral kienet minn ta' quddiem nett biex tippromovi u tinvesti f'dan ir-rigward. Biżżejjed insemmi l-investiment li sar biex tiġi varata l-*audio guide system* li tħaddan fiha gwida għall-knisja Katidrali, għall-Mużew tal-Katidral, u għall-istess Ċittadella.

Fil-fehma tagħna jonqos biċċa mużajk oħra li jekk qatt ningħataw l-opportunità li napplikawha ċertament li tiffaċilità l-aċċess għall-knisja Katidrali u għaċ-Ċittadella: l-*parking*. Jekk qatt jiġi realizzat dan il-proġett allura tinħoloq aktar ordni tat-traffiku fl-inħawi taċ-Ċittadella, filwaqt li titjieb l-aċċessibiltà għall-istess Ċittadella.

Iċ-Ċittadella jixirqilha aħjar u dan hu mod wieħed ta' kif aħna nistgħu nimpromovu u nħarsu l-ambjent taċ-Ċittadella. U allura nappella lill-awtoritajiet konċernati biex f'dan ir-rigward tipprevali l-imħabba lejn il-wirt storiku ta' pajjiżna, aktar prattiċità biex dak kollu li hu Għawdxi u jagħtina identità nħarsuh bla aktar tnikkir ta' żmien.

L-aħħar kelma tmur lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex il-ħolma ta' dawn l-opri artistiċi setgħet issir realtà.

Grazzi lill-artist il-Kav. Alfred Camilleri-Cauchi talli għoġbu jagħtina żewġ monumenti li verament jixirqu u jikkumplmentaw dan it-taraġ imponenti tal-knisja Katidrali. Grazzi lill-*Fonderia Storica Chiurazzi* għall-esekuzzjoni ta' dawn iż-żewġ monumenti fil-bronz. Grazzi lill-kumpanija *John Taylor Bellfounders* u lill-aġent tagħhom Malta Kenneth Cauchi għall-*Ave Maria Chime* li rnexxielhom isawru u li ser jagħtu identità lill-Katidral u liċ-Ċittadella.

Grazzi lill-isqfijiet tagħna: l-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof Emeritus, li fi żmienu tfassal il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet ċinkwantinarji; kif ukoll lill-Isqof Djoċesan, l-E.T. Mons Mario Grech li fi żmienu qed jiġi eseġwit dan l-istess programm. Eċċellenza, grazzi wkoll talli l-lejla għoġbok tonorana bil-preżenza tiegħek.

Onorawna wkoll bil-preżenza tagħhom u għaldaqstant grazzi lil Anton Tabone, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati li taħt il-patronċinju tiegħu saret is-serata tal-lejla. Grazzi lil Giovanna Debono, il-Ministru għal Għawdex, lid-deputati parlamentari, u lilkom sinjuri, talli onorajtuna bil-preżenza tagħkom.

Grazzi lill-Kapitlu Katidrali għall-kooperazzjoni li dejjem ta biex dawn l-opri artistiċi flimkien ma' ħafna oħrajn setgħu jitwettqu.

Grazzi lis-Soċjetà Filarmonika Leone l-id il-leminija fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi ċinkwantenarji.

Grazzi tal-ħidma kollettiva. Li għal darba oħra rnexxielna naħdmu flimkien kienet għalija ta' l-ikbar sodisfazzjoni. Verament li l-parroċċa tagħna minkejja li hija parroċċa relattivament zgħira, tippossjiedi potenzjal kbir.

In-numru ta' nies involuti f'dan il-proġett u f'din l-operazzjoni hu wieħed relattivament kbir. Għaldaqstant, mhux il-ħsieb tiegħi li nirringrazzja l-kategoriji fi ħdan il-parroċċa jew barra mill-parroċċa. Iżjed u iżjed mhux il-ħsieb tiegħi li nirringrazzja b'mod individwali lil kull min ta sehmu. Din tkun ħaġa perikuluża minħabba l-fatt li faċilment tista' tħalli lil xi ħadd barra. Għaldaqstant, inti li ħdimt u li qiegħed tismagħni, għaraf li din il-grazzi hi għalik.

Grazzi minn qiegħ qalbi tal-ġenerozità tagħkom.

Grazzi minn qiegħ qalbi lil dawk kollha li offrew l-pariri tagħhom, ħidmiethom, u l-għajnuna tagħhom.

Grazzi minn qiegħ qalbi talli lill-Katidral ta' Għawdex tajtuha opri artistiċi li jixirqulha u jisthoqqilha.

Grazzi lil kulħadd.

J'Alla nkomplu naħdmu flimkien b'riżq il-komunità parrokkjali tagħna, u nibqgħu għal dejjem inħarsu lejn il-Patruna tagħna Santa Marija bħala "tama kbira ta' ħajja oħra mal-Mulej."

Jien persważ li llum magħna qed jifirħu l-emigranti tagħna. Jien persważ li llum magħna qed jifirħu dawk li għaddew għal ħajja ġdida dawk li marru qabilna biex jiltaqgħu mal-Mulej. Il-memorja ta' l-emigrant u tal-mejtin tagħna hi dejjem ħajja f'moħħna u f'qalbna.

Għal darba oħra grazzi minn qiegħ qalbi u jalla l-Mulej Alla flimkien ma' Santa Marija jitfgħu l-barka tagħhom fuqkom u fuq l-għażiża parroċċa tagħna.

*Ir-ritratt fuq il-qoxra tas-suppliment juri l-għeluq tal-mużikal **1956** fil-Pjazza tal-Katidral.*

www.gozocathedral.org.mt

(Fuq) Xena oħra waqt il-mużikal ***1956*** fil-Pjazza tal-Katidral. **(Fuq lemin)** Matthew Sultana jdoqq l-Ave Maria fuq iċ-Chimes mat-tberik tagħhom. **(Taħt)** Il-folla l-kbira li mliet il-Pjazza tal-Katidral għall-mużikal *1956*. **(Faċċata fuq)** L-E.T. Monsinjur Mario Grech, l-isqof ta' Għawdex, qiegħed ibierek l-*Ave Maria Chimes* (ritratti: Paul Camilleri). **(Faċċata isfel)** L-E.T. Monsinjur Mario Grech, l-isqof ta' Għawdex, għall-ewwel darba qiegħed jagħti l-Barka Sagramentali fi tmiem il-purċissjoni pontifikali ta' Santa Marija (15 ta' Awwissu, 2006) (ritratt: Joseph Bezzina)

www.gozocathedral.org.mt

XIV

[13 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw lill-Imqaddsa Verġni Marija ħdejn binha Ġesù msallab.*
- **Jingħadu 33 Missierna u 5 Sliema li huma l-kurunella tal-ħajja ta' Ġesù li hi marbuta mal-ħajja ta' Marija.**
- It-tlieta u tletin Missierna f'ġieħ it-tlieta u tletin sena li kellu Ġesù meta miet għalina; il-ħames Sliema, f'ġieħ il-ħames duluri li ħasset il-Verġni Marija fil-Passjoni ta' l-għażiż Ibnha sakemm ratu minxur fuq Salib infami.

XV

[14 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw it-Tlugħ fis-Sema ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 63 Sliema u 7 Missierna li huma l-kurunella tal-ħajja ta' Marija; jitqassmu hekk: kull 9 Sliema tgħid Missierna.**
- It-tlieta u sittin Sliema jingħadu f'ġieħ it-tlieta u sittin sena li jingħad li kellha l-Verġni Marija meta kienet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Is-seba' Missierna nistgħu nfissruhom is-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu, jew is-seba' pwieni kbar li bihom kienet minsuġa ħajjitha kollha. Id-disa' Sliema li jitqassmu ma' kull Missierna nistgħu nfissru bihom id-disa' kori ta' Anġli li tagħhom il-Verġni Marija saret Reġina fit-tlugħ tagħha fis-Sema.

Reimprimatur, Gaudisii 22/6/2007
Joannes B. Gauci, Vic. Gen.

XI

X'ferħ kien tiegħek, O Marija,
Meta l-Iben fost id-dija,
Tal-Missier fil-leminija,
Ilmaħt tiela' minn din l-art.

Sabiex miegħu hu jtellagħna,
Bħal ma wiegħed u ttamana,
Bit-talb dejjem jieqaf magħna,
Illi wliedek inti ħtart.

Sliema u Qaddisa.

XII

Fraħt ukoll f'Għid il-Ħamsin,
Kif l-Appostli miġmugħin,
Rajt b'dawk l-ilsna mogħnijin,
Minn dan-nar jilħom meħud.

Bi ġmiel kbir biex ilibbisna,
Ħdak Alla li qaddisna,
Itlob int illi jkebbisna,
B'nar li rridu dlonk mixhud.

Sliema u Qaddisa.

XIII

Ferħ iżd'akbar qatt ma kien,
Illi deher ma' kullimkien,
Meta s-sema tlajt flimkien,
U bil-ġisem u bir-ruħ.

Minn did-dinja fittex ħollna,
Għala s-sema iġbidna kollna,
Biex ix-xorti jista' jkollna,
Ferħ hekk kbir nibdew nġarrbuh.

Sliema u Qaddisa.

XIV

Alla lilek għoġbu jagħti,
L-ogħla tron fuq il-beati,
U fuq l-Anġli, ixxurtjati,
Għax Sultana inti sirt.

Minn hekk għoli ħares lejna,
Li quddiemek aħna ġejna,
Nifirħulek, għax imżejna,
Inti bil-ġmiel tas-sema dhirt.

Sliema u Qaddisa.

KURUNELLA

TA' STEDINA GĦALL-FERĦ U TALB GĦALL-KWINDIĊINA TA' SANTA MARIJA

miktuba minn

Dun Ludovik Mifsud-Tommasi

(1828)

Kulħadd hieni lsienu jħoll,
Ma' Marija nifirħu lkoll,
Għax fis-Sema l-Anġli wkoll,
Illum jidhru ferħanin.

Ir-rebħ kbir ta' dir-Reġina,
Hekda ħelwa, hekda ħanina,
Għandu l-ferħ inissel fina,
Minn ta' l-Anġli Qaddisin.

- Dawn f'ġieħ id-duluri li ġarrbet il-Verġni Marija meta ħarbet lejn l-Eġittu biex teħles lil Ġesù minn taħt l-idejn kiefra tas-Sultan Erodi.

XII

[11 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw lill-Imqaddsa Verġni Marija ssib lil Ġesù fost id-dutturi.*
- **Jingħadu 12-il Missierna, 12-il Sliema, u 3 Salve Reġina.**
- It-tnax-il Missierna u t-tnax-il Sliema f'ġieħ it-tnax-il sena li kellu Ġesù meta ntilef; it-tliet Salve Reġina f'ġieħ it-tlett ijiem li l-Verġni Marija damet tfittxu qabel ma sabitu fost id-dutturi.

XIII

[12 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw lill-Imqaddsa Verġni Marija fit-Tieġ ta' Kana.*
- **Jingħadu 14-il Missierna, 14-il Sliema, u 6 Salve Reġina.**
- L-erbatax-il Missierna u l-erbatax-il Sliema f'ġieħ l-erbatax-il ruħ Kristu, Marija u t-tnax l-Appostlu li kienu jinsabu mal-mistednin fit-tieġ ta' Kana; is-sitt Salve Reġina f'ġieħ is-sitt ġarar ta' ilma li Ġesù, għat-talb tal-Verġni Marija, biddel f'inbid.

IX

Ġewwa t-Tempju lid-Dutturi,
Il-għerf tiegħu qiegħed juri,
'L Ibnek sibt wara d-duluri,
L-iżjed ħorox li ġarrabt.

Jekk qatt aħna nitilfuh,
Int ħajjarna li nfittxuh;
Ġewwa ħdanek insibuh,
Li għalina dejjem tlabt.

Sliema u Qaddisa.

X

Il-ferħ tiegħek min jinsieħ,
Meta rajt mill-mewt rebbieħ,
B'doti mżejjen l-aktar sbieħ,
Daka l-Iben li kont bkejt!

Ħajja ġdida dlonk aqlgħalna,
Biex ma tista' qatt taħfinna,
Dik il-mewta li jrid minna,
L-akbar għadu l'int inkejt.

Sliema u Qaddisa.

XV

Kif bir-rebħ fis-sema tlajt,
Biss int waħdek immeritajt,
Ta' dak l-Iben li reddajt,
Tkun imqiegħda fil-lemin.

Għalhekk aħna, inberkuk,
U bil-ħrara nitolbuk,
Biex fin-naħa tax-xellug,
Ma niġux aħna mxewħlin.

Sliema u Qaddisa.

ĠAKULATORJA

**O Marija, wisq grazzjuża,
Inti l-Omm l-iżjed glorjuża,
Inti l-Bint, inti l-Għarusa,
Ta' l-Imqaddsa Trinità.**

**Mela lilek, O Marija,
Aħna nagħtu dil-foħrija,
Sabiex miegħek, imhennija,
Ingawduk fl-eternità.**

Sliema u Qaddisa għal tliet darbiet f'ġieħ it-tlett ijiem li Marija strieħet fil-qabar.

www.gozocathedral.org.mt

I

Nifirħulek, o Marija,
Għax maħluqa ġejt bla ħtija,
Grazzja lilek biss mogħtija,
Fost in-nisel ta' Adam.

Lilna ddew li midinbin,
Għax bil-ħtija mnisslin,
Tħallix iżjed midfunin,
Qalb edana l-ikrah dlam.

Sliema u Qaddisa.

II

O Marija, nifirħulek,
Għaliex smajtna nsejħulek,
Meta l-Anġli ġew sellmulek,
Dak inhar l' inti twelidt.

Deh! Illum fittex ismagħna,
O Sultana, Omm minn tagħna,
Sabiex ruħna wkoll tistagħna,
B'dak il-hena l' inti żidt.

Sliema u Qaddisa.

VII

X' ferħa kellek, O Marija,
Meta nhar l-Epifanija,
Ġew iweġġħu lill-Messija,
L-akbar slaten minn tal-lvant!

Biex ukoll aħna nferrħuk,
U biex m' Ibnek inweġġħuk,
Int ferraħna nitolbuk,
Waqt li tisma' dan il-kant.

Sliema u Qaddisa.

VIII

Il-ferħ tiegħek min isarraf,
Meta Xmuni mhux biss tarraf,
'Ma biċ-ċar fit-Tempju għarraf,
Lil Ġesù bħal Salvatur!

Ah! la darba biex jifdina,
L-Iben tiegħek ġie għalina,
Inti fittex illi fina,
Dan il-ġid inġarrbu żgur.

Sliema u Qaddisa.

TALB U TIFHIR

LIL
MARIJA MTELLGħA FIS-SEMA
BIR-RUħ U L-ĠISEM
LI JINGħAD
FIL-KATIDRAL
U FIL-PARROĊĊI KOLLHA
TA' GħAWDEX

I
[31 ta' Lulju]

- *Nikkontemplaw il-Konċepiment ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 20 Missierna, 20 Sliema, Salve Reġina, u Kredu.**
- Il-għoxrin Missierna u l-għoxrin Sliema f'ġieħ il-għoxrin sena li jingħad li San Ġwakkin u Sant'Anna baqgħu bla tfal; is-Salve Reġina f'ġieħ il-Verġni Marija; u l-Kredu f'ġieħ il-fidi ta' missierha u ta' ommha.

II
[1 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw it-Twelid ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 9 Missierna, 9 Sliema, u Kredu.**
- Dawn f'ġieħ id-disa' xhur li Sant'Anna ġabet fi ħdanha lil Marija.

Diċembru li fih il-Verġni Marija tat lid-dinja lil Ġesù Tarbija.

IX
[8 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw id-dehra ta' Ġesù Sidna fl-idejn ta 'l-Imqaddsa Verġni Marija lis-slaten Maġi.*
- **Jingħadu 13-il Missierna, 13-il Sliema, 13-il Salve Reġina, u Kredu.**
- Dawn f'ġieħ it-tlettax-il jum li jingħad li mxew is-slaten Maġi sakemm sabu l-Messija; il-Kredu f'ġieħ il-fidi tagħhom.

X
[9 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw il-Purifikazzjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 40 Missierna, 40 Sliema, u Kredu jew Salve Reġina.**
- Dawn f'ġieħ l-erbgħin jum li għaddew mit-twelid ta' Ġesù sal-jum meta l-Verġni Marija marret it-Tempju biex tippreżenta ruħha.

XI
[10 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw il-Ħarba ta' l-Imqaddsa Verġni Marija fl-Eġittu.*
- **Jingħadu 7 Missierna, 7 Sliema, 7 Salve Reġina, u 7 Kredijiet.**

www.gozocathedral.org.mt

III

Ġewwa t-Tempju ppreżentata,
Mill-Omm tiegħek ixxurtjata;
Int stħajjiltek ġa beata,
F'dik l-iskola tal-virtù.

Biex għal Alla fis nittajru,
u ma nħobbu 'l ħadd ħlief għajru;
Aqla' lilna li nitħajru,
Nagħmlu bħalek Omm Ġesù.

Sliema u Qaddisa.

IV

Ebda biża' ma fadallek,
Meta l-anġlu ġie wassallek,
Dik l-aħbar li fiha qallek:
Tibqa' xebba u ssir omm.

Dik il-grazzja, li hi misjuba,
Minnek waħdek għax mogħġuba,
Lilna qassam bħal mitluba,
Sew bil-qalb, sewwa bil-fomm.

Sliema u Qaddisa.

VI
[5 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw it-Tħabbira ta' l-anġlu Gabriel lill-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 9 Missierna, 9 Sliema, u 9 Salve Reġina.**
- Dawn f'ġieħ id-disa' xhur li, wara l-aħbar ta' l-anġlu, il-Verġni Marija ġabet fi ħdanha 'l-Verb Etern magħmul bniedem.

VII
[6 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw iż-Żjara ta' l-Imqaddsa Verġni Marija lil Santa Elizabetta.*
- **Jingħadu 7 Missierna, 7 Sliema, u 7 Salve Reġina.**
- Dawn f'ġieħ is-seba' doni ta' l-Ispirtu Santu li bihom kienet mogħnija l-Verġni Marija, meta bħala Omm Alla marret iżżur lill-qariba tagħha Santa Elisabetta.

VIII
[7 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw il-Ħlas ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 25 Missierna, 25 Sliema, u 3 Salve Reġina.**
- Dawn f'ġieħ il-jum tal-ħamsa u għoxrin ta'

III
[2 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw il-Preżentazzjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 36 Missierna u 36 Sliema.**
- Dawn f'ġieħ is-sitta u tletin xahar li jingħad li kellha l-Verġni Marija meta kienet ippreżentata fit-Tempju.

IV
[3 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw l-istess Preżentazzjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 15-il Missierna u 15-il Sliema.**
- Dawn f'ġieħ il-ħmistax-il tarġa li jingħad li l-Verġni Marija telgħet weħidha, meta fl-età ta' tliet snin kienet meħuda t-Tempju minn ommha u missierha.

V
[4 ta' Awwissu]

- *Nikkontemplaw mill-ġdid il-Preżentazzjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*
- **Jingħadu 14-il Missierna, 14-il Sliema, u 14-il-Salve Reġina.**
- Dawn f'ġieħ l-erbatax-il sena li jingħad li kellha l-Verġni Marija meta ħarġet mit-Tempju.

V

Ma' qaribek mort tithenna,
U l-ferħ f'qalbek hemm ittenna,
Għaliex saret donnha ġenna,
F'daqqa waħda dik id-dar.

Magħna ġedded dik iż-żjara,
Nitolbuk ilkoll bil-ħrara,
Lilna ej farraġ meta tara,
Li ninsabu qalb l-imrar.

Sliema u Qaddisa.

VI

Meta 'l Ibnek, Iben t'Alla,
Li tant lilek għoġbu għolla,
L-ewwel darba lilek ħalla,
Ġewwa Betlem tifraħ bih;

B'ferħ hekk kbir qalbek imtliet,
Li l-ferħ sebqet u għaddiet,
Sa ta' l-Anġli li fl-art ġiet,
Kant issamma' wisq sabiħ.

Sliema u Qaddisa.

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

L-ART IMQADDSA... ESPERJENZA GĦAL ĦAJTEK

kitba ta' Fabienne Grech

Nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju telaq il-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa mmexxi minn Mons Arċipriet Joe Vella Gauci flimkien ma' Dun Joe Calleja u grupp ta' 30 parruċċan mill-Parroċċa tal-Katidral. Dan il-pellegrinaġġ sar f'kollaborazzjoni tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa u bil-għajnuna ta' Patri Twanny Chircop O.F.M.

Bl-għajnuna t'Alla u ta' Santa Marija, il-grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa tagħna, irritorna lura lejn artna mill-Art Imqaddsa, nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju, fil-għaxija, b'ħafna memorji sbieħ. Verament kienet esperjenza unika sew mil-lat spiritwali kemm mil-lat kulturali.

Dawn kienu ġranet ta' grazzja mhux biss għal dawk li ħadu sehem u kellhom il-grazzja li jżuru l-postijiet u s-santwarji l-aktar għeżież tal-fidi tagħna, imma wkoll għalina permezz tat-talb tagħhom għall-komunità parrokkjali tal-Katidral. L-Art Imqaddsa hija meqjusa bħala l-ħames Vanġelu, għax twasslilna b'mod ħaj dak li jirrakkontawlna l-Vanġeli Kanoniċi.

Is-Santwarji u l-postijiet kollha li żorna kollha preżentawlna mumenti sbieħ u ta' grazzja. Fost l-oħrajn żorna s-Santwarju ta' l-Arkanġlu Gabrijiel u d-Dar ta' San Ġużepp, f'Nażaret, il-Muntanja Tabor u l-Bażilka tal-Madonna tal-Karmelu. Żorna wkoll Tiberias, Kafarnahum, is-Santwarji tal-Primat ta' San Pietru, tat-Tkattir tal-Ħobż u l-Għolja tal-Beatitudnijiet. Kellna l-okkażjoni wkoll li naqsmu l-Baħar tal-Galilija lejn Għajn Gev kif ukoll ix-Xmara Ġordan fejn ġeddidna l-wegħdiet tal-Magħmudija. Żorna wkoll is-Santwarju ta' Kana fil-Galilija, il-Belt ta' Ġeriku, Qumran, id-Deżert ta' Ġuda, is-Santwarju ta' Betanja u l-Qabar ta' Lażżru. F'ġurnata partikulari taż-żjara tagħna, qattajna wkoll ftit sigħat ngħumu fil-Baħar il-Mejjet. Esperjenza ferm sabiħa kienet meta ċċelebrajna l-quddiesa tal-Milied f'Betlem, fil-Bażilika tal-Nativitá. Żorna wkoll is-Santwarji tal-Grotta tal-Ħalib, tar-Ragħajja, tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u tal-Viżitazzjoni f'En Karem. Meta wasalna Ġerusalem, tard fil-għaxija, żorna l-Bażilika tal-Ġetsemani, li nfetħet b'mod speċjali għalina u hemmhekk saret siegħa adorazzjoni. Ma setax jonqos li nżuru l-qabar ta' Santa Marija, esperjenza kommoventi li ħadd mill-grupp ma xtaq li jitlaq. Żorna wkoll s-Santwarju tad-Dormizzjoni tal-Madonna **(ara ritratt isfel)**. Betfaġe, l-Axxensjoni l-Pater Noster, Dominus Flevit u, iċ-Ċenaklu fuq l-Għolja Sijon. Fl-aħħar jumejn taż-żjara tagħna, iċċelebrajna l-quddiesa ta' l-Għid fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, żorna s-Santwarju ta' Sant'Anna kif ukoll Emmaws. Mumenti sbieħ oħra kienu fuq il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu.

Prosit tassew lil Fr Twanny Chircop ta' l-impenn tiegħu fl-organizazzjoni ta' dan il-pellegrinaġġ u l-bqija ta' l-organizzaturi. Kelma ta' radd il-ħajr tmur ukoll lill-Kustodja tal-Patrijiet Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għad-dedikazzjoni u l-impenn fiż-żamma ta' dawn is-santwarji u t-tixrid ta' l-ispiritwalità u l-kultura nisranija.

Kelma ta' l-aħħar, kontrarjament għal dak li tippreżentalna l-medja, il-viżitatur/pellegrin faċilment jista' jżur dawn l-imkejjen mingħajr l-ebda biża' jew xkiel.

Għaldaqstant, jekk Alla jrid beħsiebna nerġgħu norganizzaw pellegrinaġġ ieħor is-sena d-dieħla.

www.gozocathedral.org.mt

IR-RELIKWA TA' SAN ĠORĠ PRECA FIL-KATIDRAL

kitba tal-Kan. Joseph Sultana

Nhar, it-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2007, il-parroċċa tal-Katidral laqgħet b'ferħ kbir ir-relikwa ta' San Ġorġ Preca, ikkannonizzat il-Ħadd ta' qabel, 3 ta' Ġunju, mill-Papa Benedittu XVI.

Ir-relikwa ġiet twasslet fil-port ta' l-Imġarr mill-E.T. Mons .Mario Grech assistit minn Mons Charles Scicluna, il-postulatur tal-kawża tal-kanonizzazzjoni. Ir-relikwa bdiet iż-żjajjar fil-parroċċi ta' Għawdex. Il-qofol intlaħaq bil-korteo solenni li telaq mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri li wassal ir-relikwa l-Katidral.

Il-kapitlu Katidrali, l-Arcipriet u l-kappillani kollha ta' Għawdex, u numru kbir ta' qassisin u reliġjużi mxew fil-korteo. Fil-pjazza tal-Katidral ir-relikwa ġiet milqugħa mill-iskorta tal-Victoria Scout Group fost id-daqq tal-qniepen. Fil-bieb tal-Katidral, l-Isqof għadda r-relikwa lill-Arcipriet Joe Vella-Gauci. Wassalha fuq l-artal waqt li tkanta l-innu lil San Ġorġ Preca.

Il-Katidral kien mimli sax-xfar. Dlonk ingħata bidu għall Pontifikal li matulu anima l-kant il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Fit-tmiem, is-Sur Victor Delikata, Superjur Ġenerali tal-Museum tal-MUSEUM u l-Postulatur għamlu diskors qasir kull wieħed. Fl-aħħar sar il-bews tar-relikwa u tqassmu xbihat ta' San Ġorġ Preca.

(Xellug fuq) Ir-relikwa ta' San Ġorġ Preca fi Pjazza Indipendenza. **(Xellug isfel)** Il-folla li mliet il-Katidral. **(Lemin)** Il-korteo bir-relikwa ta' San Ġorġ Preca fil-pjazza tal-Katidral.



(Fuq) L-Isqof Mario Grech jgħaddi r-relikwa ta' San Ġorġ Preca lill-Arcipriet Joe Vella-Gauci.
(Isfel) Il-pontifikal fil-Katidral immexxi mill-Isqof Mario Grech.

www.gozocathedral.org.mt

Dun Reuben Micallef u l-Kanonku Dun Ġużepp Sultana

Dun Ruben Micallef

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Awwissu, 2006, festa tal-Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista, l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, sejjaħ laqa' tal-presbiterju parrokkjali u tal-kunsill parrokkjali tal-parroċċa tal-Katidral.

Fil-laqgħa, l-isqof innifsu ikkomunikalna l-aħbar – li qajla konna nistennew – li, imħabba ħtiġijiet urġenti tal-komunità djoċesana, **Dun Reuben Micallef,** il-vigarju parrokkjali tal-parroċċa tal-Katidral, kien aċċetta l-ħatra ta' arċipriet taż-Żebbuġ.

Dun Reuben Micallef twieled ta' Kerċem, Għawdex, nhar il-21 ta' Mejju, 1975, bin Joseph Micallef u Ersilia Gatt. Missieru kien miet b'inċident waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol voluntarju fil-knisja parrokkjali ta' Kerċem.

Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola tas-Sorijiet Karmelitani ta' Kerċem, fl-iskola primarja ta' Kerċem, u fl-iskola primarja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Segwa l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo Ninu Cremona u fis-*Sixth Form* Sir Mikelanġ Refalo.

F'Settembru 1993, Dun Reuben daħal is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù biex ikompli l-istudji tiegħu fil-Filosofija u t-Teoloġija. Kien ordnat qassis fil-Katidral ta' Għawdex mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, nhar is-23 ta' Ġunju, 2000.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Reuben mar Ruma fejn ħadem bħala vigarju kooperatur fil-parroċċa tan-Nativitá fiż-żona Tuscolana ta' Ruma. Fl-istess żmien, hu speċjalizza fil-Liturġija fl-Istitut Pontifiċju tal-Liturġija Sant'Anselmu.

Lura Għawdex f'Lulju 2002, Dun Reuben inħatar Vigarju Parrokkjali tal-Katidral ta' Għawdex u kappillan tal-kor mal-Kapitlu Katidrali.

B'seħħ minn Settembru 2002, l-Isqof Cauchi ħatru editur tar-rivista djoċesana *Il-Ħajja f'Għawdex*. Hu jagħti wkoll sehmu fl-Uffiċċju taċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi Djoċesani.

Nhar id-29 ta' Awwissu, l-Isqof Grech ħatru arċipriet tal-parroċċa taż-Żebbuġ. Il-parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ hi waħda mill-eqdem ta' Għawdex. Twaqqfet mill-Isqof Davide Cocco-Palmeri fit-28 ta' April, 1688.

Dun Ġużepp Sultana

L-Isqof Grech, fl-istess laqgħa msemmija 'l fuq ħabbar li **Dun Ġużepp** Sultana bħala Vigarju Parrokkjali ġdid tal-Parroċċa tal-Katidral.

Dun Ġużepp hu mix-Xagħra. Kien ordnat qassis fil-Katidral ta' Għawdex mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, nhar il-20 ta' Ġunju, 2001.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Ġużepp mar Ruma fejn ħadem bħala vigarju kooperatur fil-parroċċa tan-Nativitá fiż-żona Tuscolana ta' Ruma. Ħadem hemm għal ħames snin sħaħ. Fl-istess żmien, hu speċjalizza fl-Iskrittura Mqaddsa fl-Istitut *Biblicum* ta' l-Università Pontifiċja Gregorjana minn fejn kiseb il-liċenzjat fl-Iskrittura.

www.gozocathedral.org.mt

Esperjenza f'Turin

minn Maximillian Grech

Bdejt l-esperjenza tiegħi tas-sena intermedjarja ġewwa il-belt ta' Turin, it-Tlieta, 22 ta' Awwissu 2006, sewwa sew fil-parroċċa Santissima Trinità f'Nichelino, mal-mibki kappillan Għawdxi Dun Joe Galea.

Nichelino

Din il-parroċċa li tgħodd 'l fuq minn tmienja u għoxrin elf ruħ, u ma nkunx nesaġera jekk ngħid li hi fost l-aktar attivi mhux biss fid-djoċesi ta' Turin, imma wkoll fir-reġjun kollu tal-*Piemonte*.

Dan 'l għaliex f'din il-parroċċa wieħed isib attività ta' kull ġeneru. Insemmi l-ewwel u qabel kollox il-ħidma intensiva ma' l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ matul is-sena kollha; din l-attività tilħaq il-qofol tagħha bil-*campings* li jsiru bejn ix-xhur ta' Ġunju u Settembru fiż-żewġt idjar fil-muntanji li l-parroċċa għandha, waħda *Casa Paterna* f'*Chateau Beaulard* (1400mt), u l-oħra *Maison des Chamois* f'*Valleé Etroite* (2140mt).

F'dawn iż-żewġt idjar mhux biss isiru il-maġġor parti tal-kampijiet estivi, imma ta' l-ewwel tista' tgħid li hi attiva s-sena kollha peress li fil-*weekends* ta' bejn ix-xhur ta' Novembru u April tospita gruppi diversi attivi fi ħdan il-parroċċa għal tlett ijiem ta' eserċizzi spirituali intensivi.

Gruppi

Is-soċjetà kalċistika *G.S. Don Bosco*, *nursery* tal-futball imwaqqfa minn Dun Joe fuq livell professjonali li tgħodd 'il fuq minn ħames mitt tifel u żgħażagħ li jitħarrġu fil-futbol; knisja sukkursali li tista' tgħid li sservi daqs li kieku parroċċa, żewġ ċentri katekistiċi li jilqgħu mijiet ta' tfal tul il-jiem tal-ġimgħa għall-katekiżmu; grupp imdaqqas ta' *Scouts*; radju komunitarju; ġurnal parrokkjali mensili; dar ta' riabilitazzjoni *Nicodemo* għat-tossiċi dipendenti; skola materna; skola professjonali ENGIM immexxija mill-komunità tal-Ġuseppini tal-Muliardo li tħarreġ studenti ta' bejn 17 u 19 –il sena fl-inġenjerija mekkanika

Max Grech ma' Severino Poletto, Kardinal ta' Turin

u elettrika; komunità ta' sorijiet missjunarji ta' San Pietru Clavier; il-grupp *Caritas* li ta' kull ħmistax jieħu ħsieb jgħin madwar 200 familja fil-bżonn b'oġġetti ta' l-ikel; u fl-aħħar u mhux l-inqas, il-grupp *Abraham* li jgħin persuni extra-komunitarji f'diffikultà.

Realtà verament sabiħa għax tinkludi id-diversità u ħafna oqsma fejn wieħed jista' jiżvolġi il-ħidma tiegħu, imma li min-naħa l-oħra taf ma tkunx daqshekk faċli daqskemm tidher biex tgħix fiha.

Parroċċa

Fil-bidu ta' din l-esperjenza tiegħi ġewwa Turin sibt jistennieni l-aħħar xahar ta' kampijiet estivi ma' żewġ gruppi ta' adoloxxenti li jiffrekkwentaw l-iskola professjonali ENGIM. Bil-mod il-mod fil-ġimgħat ta' wara, komplejt ninserixxi ruħi f'oqsma oħra tal-parroċċa bħal ma huma: il-kunsill parrokkjali - l-organu prinċipali tal-parroċċa, il-liturġija tal-jum tal-Ħadd kemm fil-parroċċa u kemm fil-knisja sukkursali, il-laqgħat formattivi li jsiru għall-adoloxxenti u ż-żgħażagħ, il-katekiżmu, u n-*nursery* tal-futball tal-*G.S. Don Bosco*.

Nistqarr li ma domtx wisq sakemm ambjentajt lili nnifsi għal din il-ħajja ġdida, kemm f'dik li hi attività tal-parroċċa kemm fil-ħajja ta' kuljum fid-dar parrokkjali flimkien

ma' żewġ qassisin oħra, l-ekx-kappillan Don Paolo Gariglio u Don Andrey Kuskhir, qassis mill-Ukrajna.

Peress li l-parroċċi fid-djoċesi ta' Turin jinsabu miġbura f'numru ta' Unità Pastorali, għandi x-xorti nesperjenza il-ħidma, l-għaqda u l-kollaborazzjoni li hawn fl-unità pastorali tagħna; din l-unità tiġbor il-parroċċi kollha taċ-*Città di Nichelino*, li flimkien jgħoddu 5 parroċċi, b'popolazzjoni globali ta' 'l fuq minn 50 elf ruħ.

Żammejt kuntatt ukoll mas-seminarju maġġuri tad-Djoċesi ta' Turin, u flimkien mas-seminaristi ta' din id-djoċesi li jgħoddu biss ħmistax, nattendi għall-irtiri, id-direzzjoni spiritwali, u diversi laqgħat ta' interess li jsiru minn żmien għal żmien.

Esperjenza sabiħa fl-ewwel xhur tiegħi f'Nichelino kienet iż-żjara pastorali tal-Kardinal Arċisqof ta' Turin Severino Poletto lill-unità pastorali tagħna fuq perjodu ta' ħmistax, li matulha mhux biss iltaqa' mal-komunitajiet parrokkjali li jiffurmaw din l-unità u r-realtajiet individwali ta' kull parroċċa, imma wkoll ordna saċerdot, djaknu mill-parroċċa tagħna sewwa sew fil-knisja parrokkjali tas-SS.ma Trinità.

Dun Joe Galea

Però l-aktar esperjenza qawwija u iebsa li kelli ngħaddi minnha tul l-ewwel nofs ta' din s-sena kienet bla dubju xejn il-mewt ħesrem tal-kappilan Dun Joe Galea, wara marda qasira.

Qatt ma mmaġinajt li proprju sitt xhur wara li Dun Joe akkumpanjani minn Għawdex lejn Turin sabiex miegħu nqatta' din is-sena, kelli nirritorna lura lejn Għawdex kontra kull previst, din id-darba nakkumpanja l-katavru tiegħu għad-difna f'Għawdex, ma' 'l fuq minn 150 parruċċjan li tagħhom kien il-kappillan għal dawn l-aħħar sentejn.

Avveniment li riegħed mhux biss il-komunità parrokkjali kollha imma wkoll il-belt kollha ta' Nichelino. Esperjenza li għixtha ħafna mill-qrib u fit-totalità tagħha, mill-bidu tad-dijanjosi tal-marda li kellu, sa ftit minuti qabel miet, proprju ftit wara li kont għadni kemm akkumpanjajt lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, sabiex inżuruh l-isptar. Kien mument li daħħalni ħafna f'qoxorti, għax barra li tlift il-kappillan, dak li laqagħni u kien qed isegwini u jgħinni tul din is-sena ta' riflessjoni u formazzjoni, tlift missier li kien jifhem u jaf eżatt x'nista' nħoss 'il barra minn art twelidi, 'il bogħod mill-familja u l-ħbieb, mill-esperjenza personali tiegħu ta' 30 sena 'il bogħod minn art twelidu u mill-familja.

Esperjenza li forsi tant kont mixrub fiha sew tul il-marda u sew wara l-mewt bil-preparamenti għall-funeral li l-effett tagħha beda ħiereġ biss wara li erġajt irritornajt lura lejn Turin waħdi, wara waqfa ta' ġimgħa f'Għawdex, u bdejt nifhem eżatt x'għadda minn għalija tul ix-xahar ta' qabel.

F'ħafna mumenti ta' dgħufija u għaja kont inkun ittentat nirribella kontra il-pjan ta' Alla għalija u nistaqsi b'rabja għax kellu proprju jiġri dan kollu lili u tul din is-sena, però sibt ħafna għajnuna kemm mill-familja u l-

Max Grech ma' Dun Joe Galea

www.gozocathedral.org.mt

parruċċjani, imma fuq kollox rajt li għalkemm Alla ppermetta li jiġri dan kollu f'ħajti, ma telaqnix għal riħi imma pprovdieli u ppreparani bil-mezzi kollha li kelli bżonn. Illum, meta nħares lura lejn dawk il-mumenti iebsa ma jiddispjaċini xejn ta' kull minuta li għaddejt ma' Dun Joe u ta' kull sagrifiċċju li għamilt… b'hekk biss stajt inpatti ftit u nuri r-rikonoxxenza tiegħi għal dak kollu li għamel miegħi; l-ewwel u qabel kollox talli laqagħni fil-parroċċa miegħu, u anke għal dak kollu li għallimni u għaddieli tul il-ftit xhur li għixt miegħu.

L-Iskozja

Fost esperjenzi sbieħ li għixt fl-aħħar nofs tas-sena, insemmi l-mawra li għamilt ġewwa l-Iskożja fejn iltqajt mhux biss ma' Francesco Pio li kien qed jagħmel din is-sena intermedjarja ġewwa *Edinburgh*, imma anke maż-żewġ sħabi l-oħra tas-sena Noel u Simon.

Magħhom għixt mill-ġdid għal ġimgħa u flimkien qsamna l-esperjenzi diversi li konna għaddejjin minnhom, kulħadd fir-realtà partikolari tiegħu. Okkażjoni oħra sabiħa kienet esperjenza ta' talb u skiet ġewwa l-abazija ta' Tamie fi Franza. Din l-esperjenza mal-monastiċi ċistercensi għinitni mhux biss għax servietni bħala qtugħ mill-attiviżmu tal-ħajja impenjattiva tal-parroċċa, imma fuq kollox, kienet waqfa ta' riflessjoni fuq l-andament tas-sena intermedjarja tiegħi tas-seminarju.

Tul l-aħħar ġimgħa ta' Mejju, segwejt ukoll mill-viċin delegazzjoni tal-Kunsill tal-Belt Victoria li ġiet apposta Nichelino sabiex tiffinalizza l-aħħar tħejjijiet għal ġemellaġġ li ħa jsir bejn iż-żewġ Kunsilli aktar tard tul din is-sena. Din kienet ħolma oħra mibdija minn Dun Joe Galea, u għalhekk ħassejtni fid-dmir li noffri sehmi, anke jekk limitat, sabiex din il-ħolma tkun konkretizzata u terħi l-frott mixtieq fiż-żewġ komunitajiet rispettivi.

San Ġorġ Preca

Esperjenza indimentikabbli oħra, lejn tmiem din is-sena kienet bla dubbju ta' xejn il-kanonizzazzjoni ta' l-ewwel qaddis malti San Ġorġ Preca.

Għal dan il-mument storiku tat-3 ta' Ġunju 2007, mhux biss kont preżenti mal-bqija tal-5,000 pellegrin Malti li t d għu Ruma sabiex jgħixu mill-viċin dan il-mument, imma kelli x-xorti li nservi lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedettu XVI, waqt il-quddiesa tal-Kanonizzazzjoni li saret fil-Pjazza ta' San Pietru. Wara l-quddiesa kelli l-okkażjoni wkoll li niltaqa' personalment mal-Papa fil-Kappella tal-Pietà ġewwa l-Bażilka ta' San Pietru.

Ġemellaġġ

Din is-sena ta' esperjenza pastorali ġewwa Turin ġiet fi tmiemha bl-esperjenza tal-*campings* tat-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa fil-muntanji ta' l-Alpi. Din is-sena, kif soltu kien jagħmel Dun Joe fis-snin preċedenti, ġie organizzat ukoll wieħed mill-aktar *campings* importanti tal-parroċċa ġewwa Għawdex.

Din iċ-ċirkustanza ġiet magħquda wkoll ma' tliet inizjattivi oħra, jiġifieri, il-preżenza ta' rappreżentanza mill-parroċċa għall-ordinazzjoni ta' Dun Joshua Muscat, qassis novell min-Nadur li huwa mistenni jibda l-ħidma pastorali tiegħu f'din l-istess parroċċa; iż-żjara lill-fdalijiet ta' Dun Joe ġewwa ċ-ċimiterju ta' Santa Marija; u anke l-uffiċjalizzar tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet, dik ta' Nichelino u dik ta' Victoria.

Għal dan il-għan il-parroċċa daħlet għal sfida xejn faċli, jiġifieri li torganizza titjira *Charter* oħra wara dik li ġiet organnizata għal funeral ta' Dun Joe, sabiex twassal Għawdex madwar 170 ruħ, li 'l fuq minn nofshom huma żgħażagħ, sabiex setgħu jkunu realizzati dawn l-inizjattivi.

Nistqarr li matul din is-sena, il-ħajja ġabitni wiċċ imb'wiċċ ma' diversi esperjenzi illi qatt u qatt ma kont immaġinajt li ser ngħaddi minnhom. Iżda inħossni kburi, kuntent u sodisfatt li rnexxieli nisfrutta tajjeb kull okkażjoni u kull esperjenza li ltqajt magħha. Fi tmiem din is-sena inħoss kemm verament dawn l-esperjenzi, anke jekk xi kultant offrewli l-imrar u t-tbatija, għinuni nikber l-ewwelnett bħala persuna umana imma aktar u aktar bħal nisrani.

Nota ta' l-editur: *Minkejja dan kollu, Maximillian sab ukoll ħin, wara xi ftit issikkar minni, biex bħas-soltu jikteb hu d-djarju tal-parroċċa. Ħajr u jalla l-Mulej ikompli jieqaf miegħek biex ittemm mill-aħjar li tista' l-volontá tiegħu għalik.*

www.gozocathedral.org.mt

L-AMBONE

diskors ta'
Monsinjur Dekan Anton Gauci
benefattur ewlieni
fl-okkażjoni tat-tberik ta' l-*ambone* l-ġdid tal-Katidral
31 ta' Diċembru, 2006

L-ambone huwa speċi ta' tribuna elevata. Beda jissejjaħ *ambone* lejn nofs is-seklu sbatax aktarx mill-kelma *ambio*, għax kont titla' fuqu permezz ta' gradini minn żewġ naħat, titla' minn naħa u tinżel mill-oħra. Hemm min jgħid li l-kelma *ambone* ġejja minn *ambire*, għax kien ikun donnu mdawwar b'tarġiet. Oħrajn jgħidu li l-kelma ġejja mill-Grieg *ambon* li tfisser *titla'*. Ġie li ssejjaħ anki *pulptu*.

Hemm min jgħid li l-użu ta' l-ambone ddaħħal b'imitazzjoni tal-Lhud. Oħrajn jgħidu li, f'din il-ħaġa, l-insara imitaw lill-pagani. L-*ambone* forma ta' pulptu ma deherx qabel ma ngħatat il-paċi lill-Knisja u l-permess li jinbnew knejjes pubbliċi, wara l-persekuzzjonijiet ta' l-Imperaturi Rumani. Jigifieri mhux qabel ir-raba' seklu. L-ambone kien jitqiegħed kważi fiċ-ċentru tan-navata tan-nofs tal-bażiliki. Xi drabi kien ikun hemm tnejn fl-istess bażilika, rarissimament anki tlieta.

Wara r-raba' seklu, il-predikaturi kienu jinqdew bl-ambone biex iħabbru lill-poplu l-kelma ta' Alla, ħaġa li qabel kienet issir minn spazju quddiem l-altar. Minn fuq l-ambone kienu jinqraw l-epistola u l-evanġelju, u l-Isqof kien jagħmel l-omelija tiegħu. Il-vangelu kien jinqara minn tarġa aktar għolja minn dik li minnha kienet tinqara l-epistola mis-suddjaknu li kien iħares lejn l-altar. Minn fuq l-ambone wkoll kienu jinqraw id-digrieti u sahansitra l-kapitli tal-Konċilji. Santu Wistin, fil-ktieb tiegħu *L-Istqarrijiet* jgħid li minn fuq l-ambone l-fidili kienu jagħmlu l-professjoni tal-fidi.

Qabel ma daħal l-użu ta' l-akkoliti li jakkumpanjaw lid-djaknu huwa u jaqra l-vanġelu, ħdejn l-ambone kien ikun hemm kandelabru ta' rħam biex iżomm ix-xemgħa.

Ġeneralment l-ambone kien jiġi dekorat b'mużajċi u bassoriljievi. Fost l-ambonijiet kollha ta' l-antik, l-aktar famuż hu aktarx dak tat-Tessalonika, xogħol tas-seklu Erbgħa jew Ħamsa. Kellu fuqu skulturi li juru r-Ragħaj it-Tajjeb, il-Verġni Marija bit-tarbija Divina u s-Slaten Maġi.

Fil-bidu, fuq l-ambone kienu jitilgħu anki l-lajċi, speċjalment il-kanturi. Imma dan ġie ipprojbit mill-Konċilju ta' Laodiċea fis-sena 371, projbizzjoni konfermata fis-sena 816 fil-Konċilju ta' Aachen. Il-Papa Innoċenz III (1198-1216) jgħid li l-insara jpoġġu l-ambone fil-għoli għax hekk ħabbar il-Profeta Isaija "Supra montem excelsum ascende, qui evangelizas Sion - Itla' fuq il-muntanja għolja, ħabbar tat-tajjeb għal Sijon" (Isaija

www.gozocathedral.org.mt

40, 9). Kristu kien qal ukoll "Quod in aure auditis, praedicate super tecta - Dak li ngħidilkom f'widnejkom xandruh minn fuq il-bjut" (Mattew 10, 27).

Jiena ma tantx nista' ngħid li jien favur it-tlellix fid-dar ta' Alla, speċjalment tlellix li jmur kontra l-preskrizzjonijiet liturġiċi jew anki sempliċement kontra l-ispirtu tal-liturġija. Iżda, mill-banda l-oħra, assolutament ma nara xejn ħażin li jkollna ambone li jżejjen it-tempju ta' Alla. Salm 25, 8 jistqarr: "Mulej, inħobb id-dar tal-għamara tiegħek, il-post fejn jgħammar sebħek." U l-Profeta Ħaggaj ħalla miktub: "Tiegħi l-fidda u tiegħi d-deheb u l-glorja ta' l-aħħar ta' dan it-tempju tkun aktar minn ta' qabel u f'dan il-post jiena nagħti s-sliem – oraklu tal-Mulej ta' l-eżerċti" (Ħaggaj 2, 8-9).

Fl-Iskrittura Mqaddsa, qabel is-Salmi u qabel il-Profeta Ħaggaj, kellna l-kotba tas-Slaten. Fl-ewwel wieħed għandna dan il-kliem: "U Salamun kesa t-Tempju minn ġewwa b'deheb mill-ifjen u dendel velu b'ħoloq tad-deheb quddiem is-santwarju u ksieh bid-deheb. It-tempju kollu ksieh bid-deheb, it-tempju kollu kemm hu; u l-altar ta' quddiem is-santwarju ksieh ukoll bid-deheb... u l-ħitan tat-tempju żejjinhom kollha dawramejt... kesa wkoll bid-deheb il-qiegħa tat-tempju fiż-żewġ kmamar ta' ġewwa u ta' barra" (1 Slaten 6, 21-30).

San Luqa qal għal Ġesù: "Refa' għajnejh u ra l-għonja jitfgħu l-offerti tagħhom fit-teżor tat-tempju. U ra wkoll waħda armla fqira titfa' biċċtejn żgħar tal-flus, u qal: 'Ngħidilkom is-sewwa, din l-armla fqira tefgħet iktar minnhom ilkoll. Għax dawn kollha għamlu l-offerti miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet dak kollu li kellha biex tgħix''' (Luqa 21, 1-4). U, dritt wara naqraw: "Kien hemm xi wħud li bdew jgħidu fuq kemm it-tempju kien imżejjen b'ġebel sabiħ u għotjiet; iżda Ġesù qallhom: 'Kull ma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma tiġġarrafx'" (Luqa 21, 56). Mela m'għandniex biex noqogħdu niftaħru għax għamilna ambonijiet!

L-ambone sabiħ u xogħol artistiku. Isebbaħ it-tempju ta' Alla u sar bi mħabba lejn Marija Ommna. Imma għandu jkun wisq u wisq aktar sabiħ dak li jingħad minn fuqu! L-importanti hu li minn fuq l-ambone joħroġ it-tagħlim li l-poplu tant jeħtieġ fil-qasam reliġjuż, speċjalment fiż-żminijiet tal-lum. Ikun delitt jekk ikollna ambone sabiħ, artistiku, u rikk, jekk imbagħad minn fuqu ma joħroġx it-tagħlim li l-poplu tant għandu bżonn.

Sabiex ikollna tagħlim reliġjuż verament ta' ġid għall-poplu tagħna, m'hux biżżejjed li nużaw l-ambone. Irridu naraw li nitilgħu fuqu bi tħejjija xierqa, tħejjija remota u prossima. Meħtieġ li nżommu ruħna ppreparati f'dan il-qasam u li nħejju ruħna tajjeb anki għal dik l-okkażjoni speċifika li nkunu se nieħdu parti fiha. Nerġa' ngħid li l-importanti hu li minn fuq l-ambone joħroġ dak it-tagħlim reliġjuż li l-poplu tant jeħtieġ.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Diċembru, bl-għajnuna volontarja ta' diversi parruċċani lkoll professjonisti fil-mestjer tagħhom, tqiegħed f'postu l-ambone l-ġdid ta' l-Irħam.

Dan l-ambone nħadem fil-fabbrika Dino Felici, Carrara, l-Italja, li l-aġent tagħhom f'Malta, hi l-kumpannija E Theuma & Co Ltd. L-ambone hu kumplimentari ma' l-artal mejda. Il-benefattur ta' dan l-ambone hu Mons Dekan Anton Gauci. It-trasport tiegħu lejn Malta kien offrut b'xejn minn Joseph Caruana Co Ltd. L-artisti responsabbli minn din l-opra artistika huma Salvu Bugeja u l-aħwa Pawlu u Michael Camilleri Cauchi.

Fuq in-naħa ta' quddiem ta' l-ambone, insibu l-figura tar-Ragħaj it-Tajjeb maħduma fil-bronż kif ukoll żewġt irjus ta' anġli żgħar u ħelwin, ukoll fil-bronż u li qegħdin iżommu l-leġiju.

Minn din il-paġna nixtiequ nirrigrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom kemm fir-realizzazzjoni ta' dan l-ambone artistiku kemm lil dawk li għenu biex dan l-ambone jasal fid-destinazzjoni tiegħu u jitqiegħed fuq il-presbiterju tal-Katidral.

Mill-Għaqda tal-Kampnar għall-Għaqda Qniepen Assunzjonisti *f'għeluq l-10 Snin mit-twaqqif tagħha* *1997-2007*

kitba ta' George Mercieca

Jekk matul is-sena li għaddiet iċċelebrajna l-**50** anniversarju mill-għoti ta' l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija, din is-sena qed infakkru l-*10* Anniversarju mit-twaqqif ta' l-*'Għaqda Qniepen Assunzjonisti'* li seħħet preċiżament fis-sena Ċentinarja. Dakinhar bħala komunità Parrokkjali u soċjetà kkommemorajna t-300 mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Matriċi, Kolleġġjata u Katidral tagħna u l-100 sena mill-wasla ta' l-istatwa ta' Santa Marija minn Ruma. Forsi mhux b'kumbinazzjoni dan kollu seħħ f'dan iż-żmien partikulari għalina lkoll.

1 • Storja

L-Għaqda twaqqfet uffiċjalment fl-1997 preċiżament nhar id-29 ta' April meta dakinhar kull sena, infakkru l-ġrajja tant għażiża meta s-Soċjetà Filarmonika *'Leone'* rregalat il-ġawhra tagħha lil Omm il-Knejjes Għawdxin. Għadni niftakar, kien ikkuntattjani s-sur Raymond Aġius u ħajjarni biex nibdew nagħtu importanza lil dan il-leħen tal-qniepen li għal xi żmien kien beda jorqod xi ftit. Bla dubju l-qniepen għandhom importanza speċjali fil-liturġija u t-talb li jsir fil-knisja kif jitlob l-istess rit tat-tberik tal-qniepen.

Mill-ewwel snin l-Għaqda kienet iġġib l-isem *Għaqda tal-Kampnar*. Għalkemm twaqqfet fl-1997, ma jfissirx li fi żmien l-imgħoddi ma kienx hawn min kien dilettant tal-qniepen. Ta' min jgħid li l-qniepen il-qodma tal-Katidral huma ta' żmien l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann. Ħafna kienu dawk id-dilettanti li kienu jitilgħu jdoqqu speċjalment fiż-żmien il-festi prinċipali bħal Santa Marija, l-Għid u l-Milied.

Bil-mod il-mod, bdejna nikkuntattjaw xi żgħażagħ oħra mill-parroċċa u n-numru beda jikber ġmielu, iżda fil-bidu kien minimu ħafna. Il-membri li bdew jissieħbu lkoll ħerqana u kuraġġjużi. Sas-sena 2000 issieħbu sitt membri li kienu Ismael M. Portelli, Simon Camilleri (illum m'għadux magħna imma mar jiltaqa'

Santa Marija u Sant' Orsola jħarrsu l-kampnar tal-Katidral - pittura ta' Manwel Farrugia, tifkira ta' għeluq l-10 snin ta' l-Għaqda tal-Kampnari

mal-Mulej) li dam attiv sa' l-aħħar nifs ta' ħajtu, jiġifieri sa l-1999, Raymond Buttiġieġ, Jason Saliba, Raymond Grech u Maximillian Grech.

Ovvjament, l-iskop tagħna hu li nieħdu ħsieb id-daqq kollu li jsir matul is-sena fil-parroċċa tagħna tal-Katidral. Ta' min jgħid li fil-Katidral isiru ħafna funzjonijiet aktar mill-parroċċi l-oħra peress li l-parroċċa tagħna m'hix sempliċi parroċċa imma hija l-Katidral tad-Djoċesi Għawdxija. Kien il-Beatu Papa Piju IX li għażel il-parroċċa tagħna biex tkun is-sede ta' l-Isqof Djoċesan permezz tal-Bolla *'Singolari Amore'*, preċiżament nhar is-16 ta' Settembru 1864.

www.gozocathedral.org.mt

L-Għaqda wkoll minn żmien għal ieħor kienet tieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' dawn il-qniepen li bla dubju ta' xejn huma parti mill-wirt storiku mhux biss tal-Katidral imma saħansitra ta' pajjiżna. Għadni niftakar qisu lbieraħ meta fl-2002 ġew miżbugħa l-ilsna tagħhom għall-aħħar darba fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.

Peress li l-qniepen il-qodma kellhom ħafna żmien, kellhom ukoll ħafna ħsarat fil-parti ta' ġewwa, f'dik il-parti li tissejjaħ *'il-pjaga'*. Għalhekk konna qed naraw x'jista' jsir biex ma nħallux il-ħsara tkompli tikber, liema ħsara kienet waħda irriparabbli. Kien fis-sajf 2002 waqt BBQ fi żmien il-festa meta flimkien ma' sħabi konna tkellimna ma' l-Arċipriet Mons. Dr. Joe Vella Gauci fuq din il-ħsara. Il-ħsieb waħdu kien diġà jnissel uġigħ ta' ras aħseb u ara meta tidħol għal xi proġett kif fil-fatt għamilna. L-għażla kienet jew li jsir restawr fuq il-qniepen eżistenti, li kien sar ukoll fl-1976 meta tniżżlu mill-kampnar u ttieħdu t-tarzna ta' Malta, imma dan ir-restawr li sar ma tantx serva wisq peress li ż-żmien dejjem jagħmel l-effetti tiegħu.

L-alternattiva l-oħra kienet li jinbidlu ma' sett qniepen ġodda. Ma kinitx deċiżjoni faċli però kienet għaqlija żgur li jsir proġett ambizzjuż ta' din il-kwalità. Proġett bħal dan mhux biss kien jinvolvi ħafna ħsieb u xogħol, imma bla dubju l-ikbar uġigħ ta' ras kienu l-finanzi. Il-poplu tagħna minn dejjem kien ġeneruż biex jara t-tempju tiegħu jissebbaħ b'ħafna xogħlijiet ta' l-arti mill-aqwa, u għalhekk offra l-għajnuna tiegħu biex dak li kellna proġettat isir realtà. Għax ta' min jgħid li kull opra li ssir hija frott l-imħabba li aħna l-parruċċani għandna lejn il-Katidral tagħna.

2 • Il-Proġett tal-Qniepen

Wara li għaddiet Santa Marija 2002, xi ġimgħa (jew ftit wara) l-Arċipriet waqqaf kumitat responsabbli mill-proġett tal-qniepen. Dan kien magħmul mill-Arċipriet innifsu, Raymond Aġius, George Mercieca, Emmie Vella – ilkoll bandisti mal-Banda Ċittadina *'Leone'*, u Fabienne Grech bħala segretarja biex tieħu ħsieb magħna l-organizzazzjoni tal-ġbir tal-flus mid-djar tal-parroċċa. Aktar tard issieħbu wkoll Joe Abela, John Schembri, Victor Vella, Carmelo Micallef u Joseph Debrincat. Fix-xahar ta' Settembru konna żorna l-kampnari tal-parroċċa tas-Salvatur ġewwa Ħal Lija Malta fejn smajna l-qniepen ta' din il-parroċċa (u kellna wkoll l-opportunità li ndoqquhom) jindaqqu peress li s-sett tal-Katidral kien ser isir fuq l-istess tonalità, jiġifieri dik ta' 'Sol Naturali.'

Tul dan iż-żmien l-Għaqda tagħna li kienet rappreżentata minn dawn it-tliet membri tagħha kienet qed taħdem u tagħmel ħilitha kollha biex dan il-proġett seta' jseħħ. Fil-15 ta' Jannar 2003 ġie ffirmat il-kuntratt bejn l-amministrazzjoni Katidrali u d-ditta John Taylor Bellfounders ta' Loughborough, l-Ingilterra. Dakinhar stess filgħaxija, waqt l-ikla li l-parroċċa torganizza kull sena għal dawk li jaħdmu volontarjament b'riżq il-parroċċa ħabbret uffiċjalment dak li n-nies kienu ilhom jisimgħu, jiġifieri li l-Katidral se jkollu sett qniepen ġodda. Dan seta' jseħħ meta diġa' kien hemm l-approvazzjoni ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

Minn dakinhar 'il quddiem beda jsir ix-xogħol miż-żewġ istituzzjonijiet: min-naħa tagħna beda l-ġbir ta' fondi bieb bieb u saru wkoll ħafna avviżi minn ġimgħa għal oħra fuq il-bullettin tal-parroċċa, u anki Radju Katidral (dakinhar taħt it-tmexxija ta' Dun Reuben Micallef) kien jagħti informazzjoni dettaljata dwar dan il-proġett. Infatti, meta wasal iż-żmien ixxandru trasmissjonijiet diretti kemm f'Ġunju kif ukoll f'Diċembru 2003. Bħala kumitat konna tlabna sett qniepen żgħar bl-istess tonalità tal-qniepen il-kbar. Min-naħa tal-fabbrika Taylor beda x-xogħol fuq it-tiswir tal-qniepen.

Il-jum ta' l-10 ta' Ġunju kien mistenni minna lkoll. Dakinhar sar kollegament dirett mill-fabbrika ta' John Taylor fuq Radju Katidral fejn kien hemm l-Arċipriet flimkien ma' grupp ta' parruċċani u fost il-postijiet ta' interess żaru l-fabbrika. Dakinhar, għall-ewwel darba kellna x-xorti nisimgħu l-ewwel erba' qniepen peress li l-qanpiena l-kbira kienet għadha mhix lesta. Fraħna mhux ftit meta smajna l-ħoss ġdid li l-Katidral ta' l-Assunta kien se jkollu ftit tal-ġranet wara.

Wasal iż-żmien u fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju bdew telgħin pilastri tal-ġebel fi pjazza Savina fejn kellhom jitwaħħlu l-qniepen għal waqt il-funzjoni tas-Sibt, 2 ta' Awissu. Min għad kellu d-dubju fuq dan il-proġett, issa kellu jemmen u jaċċetta r-realtà, għax ħadd ma' jista' jiċħad is-sewwa magħruf.

3 • Il-wasla tal-Qniepen

Fl-ewwel jum tal-Kwindiċina, nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju waslu fostna l-qniepen. Trid tara dik l-atmosfera kbira li kien hemm l-Imġarr mal-wasla tal-vapur li fuqu kienu mgħobbija l-qniepen. Trid tara ż-żgħażagħ ferħanin, tfal,

www.ilgozocathedral.org.mt

adulti u kull kategorija! Sar *carcade* kbir mill-Imġarr sat-teatru Aurora fejn minn hemm sa' pjazza Savina ġew akkumpanjati mill-Banda *'Leone'*. Anki aħna bħala Għaqda ħadna ħsieb flimkien ma' għadd kbir ta' parruċċani li nkunu preżenti u organizzajna t-trasport u magħna kien hemm Fr.Reuben u s-sagristan tal-Katidral. Verament kien mument mill-isbaħ li mhux la kemm jintesa.

Sebħet l-għodwa tat-2 ta' Awissu, bi ftit taqtir tax-xita, però ftit wara x-xemx għamlet tagħha u dak il-ftit taqtigħ ta' qalb għab minnufih. Trid taraha pjazza Savina mimlija daqs bajda bin-nies, ma' kienx hemm fejn taqa' labra. Haġa ċara lil-aktar mistenni u li kien jemozzjonak kien dak tat-tberik minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fl-aħħar tal-funzjoni xħin l-Arċipriet, l-Arċidjaknu, l-Isqof u l-Parrinijiet taw l-ewwel tokk ta' kull qanpiena.

Trid tara imbagħad dik l-atmosfera, sabiħa u inspjegabbli li kien hemm fl-aħħar taċ-ċerimonja meta l-membri tal-Għaqda b'ferħ kbir marru għall-ewwel darba jagħtuhom l-ewwel tokki ferreħija! Għal din l-okkażjoni, tliet membri tal-Għaqda tagħna Anthony Buhaġiar, Joseph Haber u Reuben Farruġia avviċinaw lil Antoine Mercieca biex jikteb marċ bl-isem ta' *Ta' Taylor the Best,* liema marċ hu esklussivament tal-Banda *'Leone'*. Peress li l-kampnar kien għaddej mill-fażi tar-restawr intensiv, allura għall-festa tpoġġew fuq il-mina, faċċata tal-Katidral tal-Gafà.

4 • It-Tlugħ tal-Qniepen

Il-proċess tat-tlugħ tal-qniepen fil-kampnar beda f'Novembru u baqa' sejjer sal-24 ta' Diċembru 2003. Qawwija mhux ftit kienet l-isfida li l-ħaddiema wrew f'dak il-ksieħ li Diċembru jaf joffri, imma meta tara l-affarijiet ġejjin favur tiegħek, allura tibqa' għaddej bla ma' taqta' qalbek. Dakinhar li waslet il-qanpiena l-kbira m'għamlitx xita ħlief għall-ħabta tal-11.00pm hekk kif ittellgħet fil-kampnar xħin dak il-ħin infetħu bibien is-sema.

Kien nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Diċembru 2003 meta għall-ewwel darba l-Matriċi semmgħet leħinha maestuż mill-ġawhra tagħha – il-Kampnar maestuż tal-Gafà. Bħala Għaqda responsabbli mid-daqq tal-qniepen ħsibna li nfasslu l-programm tal-Milied, u dan wara waqfien ta' erba' xhur. Minn dakinhar 'il quddiem, il-kampnar maestuż tal-Matriċi ma' waqaf qatt isemma' leħnu u dan grazzi għall-heġġa u d-dedikazzjoni ta' tant żgħażagħ li għandha l-Għaqda. Kien f'dan il-perjodu, mill-festa 2003 li l-*Għaqda tal-Kampnar* ingħatat jew aħjar aġġornat isimha bl-isem ta' *Għaqda Qniepen Assunzjonisti*, u dan bir-raġun kollu għax aħna bħala membri u devoti ta' l-Assunta m'għandna ninsew qatt li aħna wlied Marija Assunta.

Il-preparazzjonijiet għall-festa ta' Santa Marija bdew b'diversi laqgħat biex jitfassal il-programm. Minbarra l-attivitajiet tas-soltu, ji ġifieri mit-Tridu Solenni sa' Jum il-Festa, kellna attivitajiet oħra impenjattivi fosthom is-sehem assidwu tagħna fit-tieni rappreżentazzjoni tal-musical *'1956'*. U għal din l-okkażjoni ħadna ħ sieb li noħorġu program-ktejjeb żgħir bid-dettalji kollha tad-daqq.

Hmistax wara l-festa, għall-ħabta tas-7.30pm daqqejna mota bla ħsieb peress li tħabbar li Fr.Reuben Micallef kien laħaq l-arċipriet il-ġdid tal-parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ Għawdex. Nhar is-Sibt, 16 ta' Settembru jum it-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, kellna laqgħa straordinarja fl-oratorju tas-sagristija fejn saret l-evalwazzjoni tal-festa. F'din l-istess laqgħa ddiskutejna wkoll dawn il-festi: it-twaqqif tal-Għaqda fl-1997, sewwa sew 10 snin ilu. Ta' min jgħid li kull xahar kienet issir laqgħa biex niddiskutu temi prinċipali u d-daqq ta' kull xahar.

5 • Il-Festi ta' l-10 Anniversarju f'April 2007

Il-preparamenti ilhom li bdew sa' minn xhur qabel kmieni. L-ewwel darba li ddiskutejna dawn il-festi kien f'Settembru 2006 fejn matul dawn ix-xhur komplejna għaddejja bil-ħidma tagħna ta' daqq u laqgħat.

Dan l-impenn kien jitlob ħafna xogħol u tħabbil il-moħħ. Infatti beda x-xogħol fuq il-*bookmark* li l- Għaqda tagħna ħarġet għal din l-okkażjoni. Tlestiet il-pittura kif ukoll l-*logo* ftit ġranet wara l-Ġimgħa Mqaddsa u mill-ewwel morna għand Richard Attard ta' *Cariano* ta' Triq Qasam San Ġorġ minħabba l-gwarniċ. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjawh ta' din l-opra sabiħa li għamel mingħajr ħlas. Kull meta tlabna l-għajnuna tiegħu sibnieha dejjem.

L-Għaqda għamlet stedina lill-membri kollha kemm preżenti kif ukoll lil dawk li kienu jiffurmaw parti minnha. Infatti, b'kollox intbagħtu 28 invit lil 35 membru (li wħud minnhom huma aħwa). Ma rridx ninsa nirringrazzja lil Fabienne Grech li sibt għajnuna kbira u kienet strumentali flimkien miegħi biex naslu għal dak li kien proġettat li jsir. Ma' l-

www.gozocathedral.org.mt

istess kwadru għamilna l-isem tal-Għaqda tagħna, xogħol li sar minn George Farruġia ta' Dolindo. Il-poeta ta' Santa Marija, Dun George Mercieca wkoll, kitbilna poeżija għall-okkażjoni li stampajnieha u qassamnieha bħala bookmark.

Inħareġ ukoll il-programm tad-daqq kollu li kien imqassam fuq jumejn, bejn it-28 u d-29 ta' April, liema daqq kien jikkonsisti bħal dak li jsir fil-jum ta' Santa Marija.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata tant għażiża tad-**29 ta' April**, il-jum li fih mhux biss fakkarna l-51 Anniversarju mill-għoti ta' l-istatwa ta' Santa Marija lill-Katidral imma wkoll l-**10 Anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda Qniepen Assunzjonisti**. Fis-6.00pm saret Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T.Mons.Isqof Nikol Ġ. Cauchi fejn assistejna għat-tberik tal-kwadru li sar wara l-omelija. Wara, bħala Għaqda ħadna diversi ritratti ta' l-okkażjoni ma' Santa Marija u sar *'refreshment'* żgħir ta' l-okkażjoni għand Jason Micallef li għalih kienu mistiedna l-Arċipriet, il-membri kollha u ħbieb tagħna. Sabiħa ħafna kienet l-atmosfera li kellna f'dan il-mument ta' ħbiberija.

Illum qegħdin f'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa, ġranet li jġibu magħhom impenji kbar imma li nagħmluhom bil-ferħ meta niftakru li dak kollu li nagħmlu hu dejjem għal ommna Santa Marija. Dan kollu jidher ċar min-numru sabiħ li l-Għaqda tagħna kellha tul dawn l-10 snin. Mill-1997-2007, l-*Għaqda Qniepen Assunzjonisti* kellha ħafna membri fi ħdanha, li wħud minnhom għadhom imma oħrajn minħabba raġunijiet personali ta' studju jew xogħol kellhom iħallu. Ha nsemmuhom kollha fl-ordni alfabetika:

Aġius Raymond, Attard Joseph, Abela Nicholas, Abela Joseph, Attard Joseph, Buttiġieġ Raymond, Buħaġiar Anthony, Buġeja Joe, Cordina Michael J., Cassar Paul, Camilleri George, Camilleri Simon, Farruġia Manuel, Farruġia Reuben, Grech Richard, Grech Raymond, Grech Maximillian, Haber Joseph, Haber Leo M., Haber Diego M., Mercieca George, Mercieca Darren, Mercieca Karl, Meilak John, Masini Ian, Portelli Ismael M., Saliba Jason, Spiteri Savio N., Spiteri Gordon L., Spiteri Glenn O., Saliba Mario, Vella Joseph, Vella Emy, Zammit Joshua, Zammit Christian, Zammit Josmar, Zammit Christian, Zammit Gabriel.

Fl-aħħarnett, nixtieq nrringrazzja lil dawk kollha li għenu biex l-Għaqda kompliet tissaħħaħ tul dawn l-għaxar snin, b'mod partikulari l-Arċipriet u l-Arċidjaknu tal-Kapitlu li dejjem sibna fihom is-sapport kollu meħtieġ. Imma fl-aħħar nirringrazzja lil Santa Marija li kienet magħna tul dawn is-snin kollha.



www.gozocathedral.org.mt

"We Have a Mother in Heaven"

Homily of Pope Benedict XVI on the Feast of the Assumption (2006)

Traduzzjoni mit-Taljan ta' l-omelija li għamel il-Papa Benedittu XVI nhar is-solennità ta' Santa Marija (2006) fil-knisja parrokkjali ta' Kastell Gandolfo.

Dear Brothers in the Episcopate and in the Priesthood,
Dear Brothers and Sisters,

First of all, I offer a cordial greeting to you all. It gives me great joy to celebrate Mass in this beautiful parish church on the day of the Assumption.

I greet Cardinal Sodano, the bishop of Albano, all the priests, the mayor and all of you. Thank you for your presence.

The feast of the Assumption is a day of joy. God has won. Love has won. It has won life. Love has shown that it is stronger than death, that God possesses the true strength and that his strength is goodness and love.

Mary was taken up body and soul into heaven: There is even room in God for the body. Heaven is no longer a very remote sphere unknown to us.

We have a Mother in heaven. And the Mother of God, the Mother of the Son of God, is our Mother. He himself has said so. He made her our Mother when he said to the disciple and to all of us: "Behold, your Mother!" We have a Mother in heaven. Heaven is open, heaven has a heart.

In the Gospel we heard the Magnificat, that great poem inspired by the Holy Spirit that came from Mary's lips, indeed, from Mary's heart. This marvelous canticle mirrors the entire soul, the entire personality of Mary. We can say that this hymn of hers is a portrait of Mary, a true icon in which we can see her exactly as she is. I would like to highlight only two points in this great canticle.

It begins with the word "Magnificat": my soul "magnifies" the Lord, that is, "proclaims the greatness" of the Lord. Mary wanted God to be great in the world, great in her life and present among us all. She was not afraid that God might be a "rival" in our life, that with his greatness he might encroach on our freedom, our vital space. She knew that if God is great, we too are great.

Our life is not oppressed but raised and expanded: It is precisely then that it becomes great in the splendor of God.

The fact that our first parents thought the contrary was the core of original sin. They feared that if God were too great, he would take something away from their life. They thought that they could set God aside to make room for themselves.

This was also the great temptation of the modern age, of the past three or four centuries. More and more people have thought and said: "But this God does not give us our freedom; with all his commandments, he restricts the space in our lives. So God has to disappear; we want to be autonomous and independent. Without this God we ourselves would be gods and do as we pleased."

This was also the view of the Prodigal Son, who did not realize that he was "free" precisely because he was in his father's house. He left for distant lands and squandered his estate. In the end, he realized that precisely because he had gone so far away from his father, instead of being free he had become a slave; he understood that only by returning home to his father's house would he be truly free, in the full beauty of life.

This is how it is in our modern epoch. Previously, it was thought and believed that by setting God aside and being autonomous, following only our own ideas and inclinations, we would truly be free to do whatever we liked without anyone being able to give us orders.

But when God disappears, men and women do not become greater; indeed, they lose the divine dignity, their faces lose God's splendour.

www.gozocathedral.org.mt

In the end, they turn out to be merely products of a blind evolution and, as such, can be used and abused. This is precisely what the experience of our epoch has confirmed for us.

Only if God is great is humankind also great. With Mary, we must begin to understand that this is so. We must not drift away from God but make God present; we must ensure that he is great in our lives. Thus, we too will become divine; all the splendour of the divine dignity will then be ours. Let us apply this to our own lives.

It is important that God be great among us, in public and in private life.

In public life, it is important that God be present, for example, through the cross on public buildings, and that he be present in our community life, for only if God is present do we have an orientation, a common direction; otherwise, disputes become impossible to settle, for our common dignity is no longer recognized.

Let us make God great in public and in private life. This means making room for God in our lives every day, starting in the morning with prayers, and then dedicating time to God, giving Sundays to God. We do not waste our free time if we offer it to God. If God enters into our time, all time becomes greater, roomier, richer.

A second observation: Mary's poem -- the Magnificat -- is quite original; yet at the same time, it is a "fabric" woven throughout of "threads" from the Old Testament, of words of God.

Thus, we see that Mary was, so to speak, "at home" with God's word, she lived on God's word, she was penetrated by God's word. To the extent that she spoke with God's words, she thought with God's words, her thoughts were God's thoughts, her words, God's words. She was penetrated by divine light and this is why she was so resplendent, so good, so radiant with love and goodness.

Mary lived on the Word of God, she was imbued with the Word of God. And the fact that she was immersed in the Word of God and was totally familiar with the Word also endowed her later with the inner enlightenment of wisdom.

Whoever thinks with God thinks well, and whoever speaks to God speaks well. They have valid criteria to judge all the things of the world. They become prudent, wise, and at the same time good; they also become strong and courageous with the strength of God, who resists evil and fosters good in the world.

Thus, Mary speaks with us, speaks to us, invites us to know the Word of God, to love the Word of God, to live with the Word of God, to think with the Word of God. And we can do so in many different ways: by reading sacred Scripture, by participating especially in the liturgy, in which Holy Church throughout the year opens the entire book of sacred Scripture to us. She opens it to our lives and makes it present in our lives.

But I am also thinking of the Compendium of the Catechism of the Catholic Church that we recently published, in which the Word of God is applied to our lives and the reality of our lives interpreted; it helps us enter into the great "temple" of God's Word, to learn to love it and, like Mary, to be penetrated by this Word.

Thus, life becomes luminous and we have the basic criterion with which to judge; at the same time, we receive goodness and strength.

Mary is taken up body and soul into the glory of heaven, and with God and in God she is Queen of heaven and earth. And is she really so remote from us?

The contrary is true. Precisely because she is with God and in God, she is very close to each one of us.

While she lived on this earth she could only be close to a few people. Being in God, who is close to us, actually, "within" all of us, Mary shares in this closeness of God. Being in God and with God, she is close to each one of us, knows our hearts, can hear our prayers, can help us with her motherly kindness and has been given to us, as the Lord said, precisely as a "mother" to whom we can turn at every moment.

She always listens to us, she is always close to us, and being Mother of the Son, participates in the power of the Son and in his goodness. We can always entrust the whole of our lives to this Mother, who is not far from any one of us.

Din il-ħarġa ta' *Il-Għid ta' l-Assunta* ġiet tqum €3 (Lm1.29) il-kopja
Kun ġeneruż fl-offerta tiegħek

www.gozocathedral.org.mt

KWADRU TA' L-ASSUNTA LIT-TRIBU MANJO FL-ETJOPJA

minn
Mons. Ġorġ Grima
Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu

Bil-ħidma u bil-għajnuna tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu qed tinbena l-ewwel skola *kindergarten* u l-ewwel knisja lit-tribù ta' MANJO fid-djocesi ta' Jimma fl-Etjopja. Din l-iskola tħallset minn benefattura Għawdxija li xtaqet li l-iskola tkun imsemmija għal Marija Assunta. Monsinjur Joe Vella-Gauci, l-arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex, għoġbu joffri kwadru għal din l-iskola u l-kappella. Dan il-kwadru twassal fuq il-post fl-Etjopja minn Dun Ġorġ Grima nnifsu.

Nhar is-17 ta' Frar, 2006, dan il-kwadru kien mogħti lill-komunità tat-tribù Manjo. Wara li sar talb fil-preżenza ta' Dun Ġorġ Grima u voluntarji oħra Maltin preżenti, saret l-għotja formali tal-kwadru ta' l-Assunta. Il-kwadru jikkonsisti f'ritratt ta' l-istatwa ta' Santa Marija tal-Katidral ta' Għawdex.

In-nies tal-post qatt ma kienu raw ritratt f'ħajjithom u ntlew bil-ferħ hekk kif raw dik ix-xbieha tant qaddisa tal-Madonna. Ħafna nies jibżgħu ħafna minn dan it-tribù peress li huma meqjusa bħala nies maħmuġa. Iżda huma hekk għaliex huma fqar ħafna. Tant hu hekk li l-ikel ewlieni tagħhom huma l-annimali selvaġġi li kultant jiltaqgħu magħhom fil-bosk.

Dawn in-nies ilhom tliet snin biss li kkonvertew għar-religjon nisranija. Dan ġara wara li Dun Ġorġ beda jmur hemm u jgħinhom f'dak kollu li kellhom bżonn.

Dawn in-nies għad jonqoshom ħafna ħwejjeġ. Ilma ma għandhomx u naturalment lanqas dawl. Biex imorru f'xi klinika jridu jimxu erba' sigħat. Huma jgħixu fuq il-muntanja u għalhekk kollox hu diffiċli. Ngħidu biss li l-ġebel kollu kif ukoll is-siment għall-bini tal-kappella u tal-kindergarten ġarrewh fuq spallejhom għal sigħat sħaħ.

Santa Marija ta' Għawdex – bl-għotja ta' dan il-kwadru – issa tinsab fl-Etjopja wkoll.

www.gozocathedral.org.mt

IT-TENDENZI PRO-TALJANI F'GĦAWDEX U L-INNU L-KBIR TA' SANTA MARIJA FI ŻMIEN IL-GWERRA

kitba ta'
Charles Bezzina

Il-propaganda favur l-Ingliżi fil-gwerra kienet għall-Imperu mhux biss importanti biex jinżamm għoli l-moral li l-poplu Malti u Għawdxi kellu jżomm fi snin daqshekk diffiċli, iżda wkoll neċessarja biex kulħadd jibqa' determinanti fit-taqbida u leali lejn dik is-saltna li ħakmitna għal kważi 150 sena. B'hekk sħiħa u aktarx esaġerata dejjem kienet il-propaganda tal-gvern li dehret fil-ġurnali u fl-aħbarijiet. Filwaqt li r-rebħiet ta' l-alleati kienu jingħataw l-akbar pompa, id-disfatti tagħhom kienu ftit li xejn jissemmew.

Il-Malti

Min-naħa l-oħra d-diskorsi mir-*Rediffusion* mill-ogħla personalitajiet ta' Malta flimkien ma' bosta taħditiet u mitings li saru 'l hemm u 'l hawn, dejjem kellhom l-għan li jqanqlu s-sentimenti u juru l-qawwa ta' l-Ingilterra bħala saltna li ma tafx x'inhu biża' u li qed tiġġieled għal-libertà u d-demokrazija. Fuq kollox il-poeżiji jew aħjar it-taqbiliet satiriċi bħal "Il-Jasar tal-Poplu Taljan", "It-Tfal ta' Mussolini", "Ix-Xebgħa kbira li Qalgħu t-Taljani Taħt Għajnejn Mussolini" u oħrajn li kienu jiktbu f'fuljetti xi individwi f'Malta kontra t-Taljani u l-Ġermaniżi, kienu xhieda tal-ferment li kien jeżisti u biex lil dawn iwaqqgħuhom kemm jista' jkun għaċ-ċajt.

Għalhekk f'dik il-ħabta il-gvern Ingliż, bil-politika diplomatika tiegħu u bid-dixxiplina fl-amministrazzjoni, għamel l-almu tiegħu kollu biex irawwam fil-poplu sens ta' lealtà. Ried jagħmel dan biex fuq kollox kulħadd jaċċetta kull sagrifiċċju għall-kawża ta' l-imperu u jeħodha kontra l-għadu. Il-Kurja min-naħa l-oħra ħadet ħsieb biex il-pubblikazzjoni ta' ittri pastorali u ċirkularijiet tal-Knisja ma jibqgħux bit-Taljan, imma jinkitbu bil-Malti.

"Ix-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti", li twaqqfet in-Nadur fis-6 ta' Ottubru 1940[1], kienet għaqda li fil-gwerra ħadmet ħafna fost Għawdxin biex trawwam l-imħabba lejn il-Malti, u ndirettament tilqa' kontra l-qawwa tal-kultura Taljana li kien hawn. Fl-eqqel tal-gwerra meta f' Ġunju 1942 f'Għawdex twaqqaf l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni u wara nfetħu frieghi oħra fl-irħula, il-propaganda favur l-Ingilterra żdiedet qatigħ u s-sehem li ta dan l-Uffiċċju f'Għawdex biex jgħolli l-moral tal-poplu, kienet kbira. Id-dmir li l-poplu kollu kellu jgħin lill-Ingilterra fil-gwerra kienet saret bħal speċi ta' motiv fundamentali li kemm il-kbar kif ukoll iż-żgħar kellhom jobdu bilfors u mingħajr argumenti.

Ir-refuġjati

Sa minn qabel il-gwerra, il-gvern Ingliż ried ikun ċert li jekk Malta tidħol fil-gwerra, huwa jkun żgur mil-lealtà totali tal-poplu. Il-gvern ried garanzija li f'ċirkustanzi koroh, kif fil-fatt ġara, huwa ma jkunx imhedded b'xi mod mis-sigurtà tal-gżira. Għalhekk meta s-sħab tal-gwerra kien riesaq lejna, il-gvern Ingliż ħaseb biex jieħu miżuri iebsa lejn dawk in-nies li b'xi mod jew ieħor kienu juru simpatija lejn l-Italja jew aħjar kellhom ftit jew wisq tendenzi Taljani. Fil-fatt sa ftit qabel f'pajjiżna faqqgħet il-gwerra, għadd ta' Maltin li kellhom xi ftit u xejn simpatija lejn it-Taljani kienu ġew identifikati, internati u aktar tard fil-gwerra meħuda l-Uganda kontra r-rieda tagħhom.

Sa mill-ewwel attakki f'Malta, mijiet ta' refuġjati Maltin kienu qasmu lejn Għawdex bil-għan li jiskansaw il-qilla ta' l-għadu predestinata għal Malta. Iżda xi Maltin ma ġewx Għawdex biex biss isibu kenn, iżda fuq kollox qasmu lejn il-gżira tat-tliet għoljiet fejn naturalment kienu anqas magħrufin u b'hekk ħassewhom aħjar u aktar liberi. B'hekk man-numru kbir ta' refuġjati Maltin imperjalisti, kienu wkoll qasmu għal Għawdex dawk il-persuni li b'mod jew ieħor kienu jissimpatizzaw mat-Taljani jew aħjar kellhom tendenzi Taljani. Għaldaqstant f'Għawdex xi Maltin pro-Taljani kienu spiss jin ġabru 'l hawn u 'l hinn fi klikek żgħar u jlabalbu favur it-Taljani. Magħhom kienu ssieħbu wkoll xi Għawdxin li minħabba l-istess qbil ta' opinjoni u l-istess tendenzi, malajr għamlu ħbieb u flimkien kienu jiltaqgħu fi mkejjen biex jgħidu tagħhom. Klikek bħal dawn kienu jeżistu kemm ir-Rabat u f'postijiet fejn il-preżenza tal-Maltin kienet waħda kbira.

Ftit minn dawn in-nies kienu jinġabru filgħaxijiet fi klikek żgħar ħdejn iċ-ċimiterju antik ta' Santu Wistin u fejn illum floku hemm l-Oratorju Don Bosco. Naturalment barra dan l-imkien kien

hemm postijiet oħra fejn kienu jiltaqgħu. Meta huma kienu jisimgħu b'xi aħbar li l-Ġermanja u l-Italja rebħu xi mkien jew marru tajjeb f'xi taqbida, kienu jiltaqgħu u jpaċpċpu.

L-attakk fi Pjazza Savina

Meta fis-6 ta' Mejju 1942, ir-Rabat safa mmaxingannjat, Nikola Attard, mir-Rabat, irrapporta li dakinhar individwu kien qed ipaċpaċ ma' tlieta min-nies oħra, li wieħed minnhom kien qassis, u qal rimarka favur l-attakk li għamel l-għadu.[2] Fis-17 ta' Awwissu 1942 fil-11.30 ta' bil-lejl, tliet Maltin refu ġjati twaqqfu mis-suldati tal-militar fit-triq ta' Marsalforn u ttieħdu l-Għassa ta' Marsalforn billi ġew akkużati li kisru l-liġi tal-kerfju, qalu xi espressjonijiet favur it-Taljani u li kantaw ukoll bit-Taljan. Iżda wieħed minnhom tenna li fil-kamra tal-lukanda fejn huma kienu alloġġjati kellu ritratt ta' Churchill u b'hekk l-akkużi kontriehom kienu ħżiena. Minn investigazzjoni li saret ġie żvelat li l-istorja tar-ritratt li dak l-individwu kien tenna kienet ħrafa.[3] Darba Kelinu Vella Haber qalli li wieħed min-Nadur kien jitla' fuq il-bejt biex jagħmel is-salut faxxista lill-ajruplani Taljani li jkunu għaddejjin minn fuq Għawdex waqt xi ħbit.

Iżda minkejja kollox nies bħal dawn qatt ma għamlu xejn gravi u qatt ma smajna li qed jagħmlu xi konfoffa f'Għawdex. Jerġa' meta l-gwerra daħlet 'il ġew, l-aktar fl-1941 u fl-1942, u f'Għawdex bdew jiġru l-aħbarijiet dwar attakki ħorox, għadd kbir ta' mwiet u eluf ta' djar imġarrfa f'Malta, din is-simptaija lejn l-Italja fost xi pro-Taljani naqset. Biss bl-għemil tagħhom xi ftit minnhom kienu jħawdu s-sentimenti u jippruvaw jaqtgħu qalb xi nies. Dan l-aktar konna nħossuh għax ġie li kien hemm min jitfa' xi botta kontra l-Ingliżi u jilqgħu għal dawk li qed jaħbtu għalina. Kienu jissimpatizzaw mat-Taljani għax minn qaddishom telgħu hekk u għax twieldu, trabbew u studjaw f'ambjent u f'kultura Taljana. Min-naħa l-oħra m'hux l-ewwel darba li xi nies *pro-British* weġġgħu s-sentimenti ta' xi wħud għax sempliċiment kienu pro-Taljani. Iżda dak kien żmien differenti … żmien ta' gwerra meta l-Italja kienet għadu tagħna u l-awtoritajiet Ingliżi kienu b'seba' għajnejn fuqhom. Il-gvern Ingliż fuq kollox ma riedx li jkun hawn minn fostna jaqta' qalb in-nies u jqanqal it-tensjoni jew il-biża' u lanqas min jgħid jew jikteb xi ħaġa kontra l-Ingilterra … għax inkella miskin int.

Il-ġurnali

Min idur dawra mal-ġurnali ta' dak iż-żmien jinduna bin-numru konsiderevoli ta' ittri li kienu jinkitbu kontra l-pro-Taljani f'Malta u f'Għawdex. Biex jilqgħu u jistadu għal dawn in-nies, f'Għawdex kien hawn *The Imperialist Youth Movement*. Din l-għaqda li twaqqfet mal-bidu tal-gwerra, kienet aktar formali milli attiva u l-għan ewlieni tagħha kien biex fost il-poplu jissaħħu l-ideali li għalihom kienet qed tiġġieled l-Ingilterra. Koli Apap kien is-segretarju tagħha. Dan, u miegħu xi oħrajn, kienu f'waqtiet jiktbu fuq il-ġurnali[4] mhux biss ħalli ċerti ismijiet tat-toroq u postijiet, inklużi l-każini tar-Rabat, li huma bit-Taljan jinbidlu, imma wkoll biex jinstabu dawn in-nies f'Għawdex:

Ismijiet il-Każini Ewlenin ta' Għawdex[5]

Sur Editur, Il-każin li hemm fi Triq Santa Sabina tal-belt Victoria, Għawdex, li l-imseħbin tiegħu huma l-aqwa nies ta' din il-gżira, għadu magħruf bl-isem ta' "Casino Gozitano", bit-Taljan. X'inhu jistenna l-Kumitat ta' dan il-Każin biex jibdel l-isem u jagħmlu bl-Ingliż jew bil-Malti?

L-istess ħaġa nista' ngħid għall-ismijiet taż-żewġ Baned tal-belt Victoria, li wieħed minnhom jismu "Circolo La Stella" u l-ieħor "Circolo Il Leone". Iż-żmenijiet tbiddlu. Fl-imgħoddi dawn l-ismijiet bit-Taljan kienu jgħaddu billi dak iż-żmien l-ilsien Taljan kien l-ilsien "dei nostri fratelli d'oltre mar", iżda issa li l-ilsien Taljan huwa l-ilsien "dei nostri nemici d'oltre mar", il-Kumitati ta' dawn it-tliet Każini jmisshom jindunaw li tkun ħaġa xierqa ħafna jekk huma bla dewmien jaqilbu l-ismijiet ta' dawn il-Każini mit-Taljan għall-Malti jew għall-Ingliż, il-wieħed ilsien art twelidna u l-ieħor tal-qatt mirbuħa Ingilterra, li qiegħda tħarisna u taqbeż għalina.

Koli Apap
Victoria Għawdex - 15.1.1941

Għawdex Bejta ta' l-Anti-British[6]

Sur Editur, Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' dan ix-xahar, wieħed mir-refuġjati Maltin li ġie jistkenn f'Għawdex ried inaqqas il-moral ta' l-Għawdxin billi b'ironija qalilhom "Tħabbtux raskom; hemm il-flotta Ingliża ġġibilkom iz-zokkor. Il-flotta Ingliża x'inhi tagħmel?!

Isem dan l-ibleh ġie mogħti lill-awtorità tal-pulizija f'Għawdex. Jekk rapporti bħal dawn ma jimxux, jikbru x-xnigħat ta' dawn ix-xewwiexa, l-aktar f'Għawdex, bejta ta' xi Maltin anti-British u għalhekk anti-Maltin. B'xorti tajba huma ftit, imma tal-qalba. Hlewwa u pulitizza ma' dawn hi waħda mill-għamliet ta' tradiment kontra l-interessi Ingliżi u Maltin. Jeħtieġ id-dixxiplina. In-nies Għawdxin li semgħuh urewh fehmithom għax għajruh kif kien jixraqlu u kienu sa jħebbu għalih.

Dixxiplina
Victoria Għawdex - 13.2.1941

Għawdex Bejta ta' l-Anti-British[7]

Sur Editur, Ta' kuljum, fil-Misraħ ta' Santu Wistin, fil-Belt Victoria, Għawdex, jiltaqgħu għadd żgħir ta' rġiel anti-British li minn x'hin tinżel ix-xemx sa wara nofs il-lejl joqogħdu jitkellmu kontra l-Bandiera Ingliża u jfaħħru lill-għedewwa tagħna - il-Ġermaniżi u t-Taljani. Mhux hekk biss, iżda kull darba li jilmħu għaddej xi wieħed li jkunu jafu li hu Imperjalista tarahom jinsultawh bħalma ġara ftit jiem ilu lil wieħed membru tal-Kumitat ta' l-"Imperialist Youth Movement" li nzerta kien għaddej minn hemm, filwaqt li dawn il-qabda anti-British mhux biss li nsultawh persunalment, iżda wkoll lill-Bandiera Ingliża. Dan il-Membru tal-Kumitat mar fil-Għassa tal-Pulizija u għamel rapport dwar dak li kien ġralu. Nistenna li l-Pulizija tieħu passi.

Pro-British, Victoria, Għawdex- 14.4.1941

www.vozzocathedral.org.mt

L-Ilsien Taljan Jgħib għal Kollox minn Għawdex[8]

Sur Editur, Dari l-ilsien Taljan kont tilmħu kulfejn iddawar wiċċek; illum biex tilmaħ tagħrifa jew xi ħaġa oħra bit-Taljan jeħtieġlek tfittex b'nemes. Hadt ferm pjaċir meta f'dawn il-jiem wieħed ħabib tiegħi għarrafni li l-ilsien Taljan inqered għal kollox mis-Seminarju, u l-istess ħaġa ħadt pjaċir meta, waqt li kont għaddej minn Triq Vajringa, fil-Belt Victoria, u qrajt li l-Każin tal-Banda ta' "l-Istilla" m'għadux iġib ismu bit-Taljan bħal qabel jiġifieri "Circolo La Stella".

Dan l-aħħar, fir-raħal tan-Nadur u saħansitra fil-Belt Victoria, qaddsu għall-ewwel darba xi qassisin ġodda u dawn għamlu xi tifkiriet ta' dan il-jum kbir bl-ilsien Malti u mhux bħalma kien isir qabel, bl-ilsien Taljan. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-biljetti tat-tiġijiet u għas-santi tal-mejtin, u ħaġa li wkoll qiegħda wisq tagħtina pjaċir hija dik li dawn dejjem ikunu miktuba bil-Malti ta' l-Għaqda.

Koli Apap
Victoria Għawdex - 4.7.1941

L-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex[9]

Sur Editur, Nixtieq nikteb kelmtejn dwar l-ismijiet tat-toroq t'Għawdex. Nibda biex ingħid li ħafna mill-ismijiet tat-toroq ma fihom l-ebda tifsir, bħal mhi Pjazza Misraħ il-Għasri u xi oħrajn ta' din il-għamla f'dak ir-raħal u fl-ieħor. Min-naħa l-oħra ħafna toroq u msieraħ insibhom imsemmija Piazza Reale jew Strada Reale u għalhekk dawn bla dubju ta' xejn meta jiġu maqlubin għall-Ingliż u għall-Malti jissemmew jew High Street jew inkella Main Square, imma aħna nnebbħu sabiex dawn it-toroq u l-imsieraħ jissemmew għal xi nies kbar bħal mhuma s-Slaten tagħna, għall-Papa Piju IX li għamel lil Għawdex Djoċesi u għal xi nies oħrajn ta' din ix-xorta.

Fir-raħal tax-Xewkija nsibu li l-misraħ ewlieni għadu bla isem u x-xewqa tan-nies ta' dak ir-raħal hija li dan il-misraħ jissemma għal Mr. Churchill. Innebbħu biex isir xi tibdil fl-ismijiet tat-toroq tal-Belt Victoria. Triq it-Tiġrija, li darba kienet Corso Fortunato Mizzi, jixraq li tiġi msemmija għall-maħbub Isqof Pietru Pace; u Strada Arciprete, li llum ma għandha l-ebda tifsir, iġġib l-isem ta' l-Arċipriet Cassar, li jismu jinsab minqux b'ittri tad-deheb fil-qlub ta' l-Għawdxin kollha. Piazza Reale, li dwarha ġà ktibna bosta drabi oħra, nistennew li tissemma għal Lord Strickland u dwar din il-ħaġa aħna diġà għamilna petizzjoni li ġiet iffirmata minn mijiet ta' Għawdxin.

Koli Apap
Victoria Għawdex - 1.9.1941

L-Innu l-Kbir

F'dan l-isfond kollu, intlaqtu l-festi ewlenin ta' pajjiżna. L-innijiet il-kbar, kemm ta' Santa Marija kemm ta' San Ġorġ kienu bit-Taljan. Il-Gvern Ingliż ma xtaqx iħassar festi, iżda min-naħa tiegħu ma riedx li b'xi mod jew ieħor il-Pro-Taljaniżmu jippredomina fiċ-ċelebraz-zjonijiet tagħhom meta l-Italja kienet l-għadu kbir tagħna. Fi ftit kliem ma kienx permess li dawn l-Innijiet jitkantaw bit-Taljan meta kien hawn kampanja sħiħa kontra l-lingwa Taljana u kontra l-Italja u meta ta' l-iċken triq li kellha isem bit-Taljan inbidlet u meta saħansitra s-santi li kienu joħorġu l-qassisin fl-ewwel quddiesa tagħhom bdew isiru bil-Malti flok bit-Taljan. Minħabba f'hekk l-innu l-kbir tal-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex, li nkiteb snin qabel bit-Taljan, tkanta bil-Latin. L-innu *A San Giorgio Martire* (1931) ta' Profs. Luigi Billion u mużika ta' Mro. Giuseppe Giardini Vella nqaleb għal-Latin minn Dun Ġużepp Schembri, refuġjat Malti minn Ħal Tarxien. Dan kien latinista mill-aqwa, jgħallem il-Latin is-seminarju u kien fil-gwerra joqgħod fis-sagristija tal-parroċċa Ta' Kerċem.

Iżda L-innu l-kbir bit-Taljan *A Maria Assunta* (1913) ta' Profs. Ramiro Barbaro Di San Giorgio u mużika ta' Mro. Orlando Crescimanno, li jitkanta fil-festa ta' Santa Marija, ma nqalibx. Dan għax fost il-partitarji nqalgħet oppożizzjoni u ma ridux li l-kliem sabiħ u tant solenni ta' l-innu jinqaleb għal-Latin jew issir xi traduzzjoni. Għalhekk fil-festa seta' biss jindaqq mingħajr is-sehem tal-kor. Hekk kienet l-ordni stretta ta' l-awtoritajiet tal-pulizija. Iżda meta fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1943 (meta l-Italja kienet

għadha għadu tagħna) fil-Pjazza tat-Tokk sar id-daqq ta' dan l-innu, xi żgħażagħ u tfal partitarji miġbura madwar il-palk kantaw l-aħħar parti tiegħu b'mod spontanju.[10] Dan sar fil-preżenza tal-pulizija, u bi ksur tal-liġi tal-gwerra.

Dan kien l-uniku Innu f'Għawdex li fi żmien il-gwerra sfida l-liġi u tkanta bit-Taljan b'mod solenni u spontanju mill-partitarji, li wara tliet snin ta' gwerra, kienu għatxana biex ikantaw mal-banda l-isbaħ innu tal-gżira Għawdxija.

---

1. Ara "Ix-Xirka Għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti tan-Nadur" f'*Il-Berqa*, 15 ta' Ottubru 1940, 4. Il-Kumitat ta' l-Għaqda kien imqassam hekk: President - Patri Pawl Tabone OFM; Segretarju u Fundatur - Kelinu Vella Haber; Kaxxier - Mikiel Grima; Viċi President - Dr Ġużeppi Cauchi LL.D.; Membri - Luiġa Portelli; Tarċisia Abela, Ġ. Trevisan, Anton Buttigieg, Kurun Tabone. Sa dakinhar din l-għaqda diġà kellha 52 imsieħeb.
2. NAG, PD1/256, Okk. Nru. 284.
3. NAG, PD1/257, Okk. Nri. 886/948.
4. Min jifli *Il-Berqa* tas-snin 1941-1942, jinduna kemm ittri nkitbu kontra ismijiet u ħwejjeġ Taljani .
5. *Il-Berqa*, 3 ta' Frar 1941, 4. Ara wkoll "L-ismijiet tal-Każini Ewlenin ta' Għawdex" ta' Koli Apap f'*Il-Berqa*, 18 ta' Frar 1941, 2. F'dik il-ħabta l-Każin ta' l-Istilla kien fi Triq Vajringa, il-Każin tal-Ljun kien fi Triq l-Arċipriet Cassar filwaqt li l-Oratorju Don Bosco kien fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Qabel il-gwerra l-Oratorju kien fi Triq il-Karità.
6. *Il-Berqa*, 15 ta' Marzu 1941, 2.
7. *Il-Berqa*, 18 ta' April 1941, 4.
8. *Il-Berqa*, 10 ta' Lulju 1941, 4.
9. *Il-Berqa*, 5 ta' Settembru 1941, 4.
10. Tagħrif mogħti minn M'Anġelo Saliba lil Charles Bezzina (29 ta' Settembru 2001).

www.gozocathedral.org.mt

IS-SORIJIET KARMELITANI (1957 - 2007)

kitba tal-
Kan. Dun Karm Borg

Kienet is-sena 1957 meta l-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Ġużeppi Pace, laqa' fid-djoċesi ta' Għawdex lis-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Dawn is-sorijiet huma membri ta' kongregazzjoni reliġjuża imwaqqfa fl-Italja fis-sena 1925 mill-Beata Maria Crocifissa Curcio u minn Patri Lorenzo Van Den Eerenbeemt Karmelitan.

1 • Fil-kamp edukattiv

F'Għawdex is-Sorijiet Karmelitani fetħu l-ewwel Kunvent tagħhom fir-raħal ta' Kerċem fejn sa mis-sena 1957 huma mexxew l-Iskola Santa Tereża, dak in-nhar skola żgħira ta' qabel il-primarja għar-raħal ċkejken ta' Kerċem, illum ċentru edukattiv fil-livell elementari għal Għawdex kollu. F'din l-iskola, matul l-aħħar 50 sena, ħadu l-edukazzjoni tagħhom mijiet u eluf ta' studenti minn kull klassi tas-soċjetà Għawdxija, u llum hemm fosthom saċerdoti, professionisti, fosthom xi wħud li jokkupaw pożizzjonijiet għolja fis-soċjeàt. Mhux ta b'xejn li ħafna familji jifittxu li jibagħtu liċ-ċkejknin tagħom fl-Iskola Santa Tereża. Qal tajjeb Dr. Alfred Grech LL.D., eks-student ta' din l-iskola, meta dan l-aħħar stqarr li : *"l-Iskola Santa Tereża saret l-għira ta' kull ġenitur li għandu għal qalbu l-edukazzjoni u l-formazzjoni serja ta' wliedu, anke sa minn età tenera".*

2 • Ħidma ma' l-anzjani

Għalkemm il-kamp edukattiv dejjem kellu prijoritaċ fil-ħidma tas-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex, ma nistgħux ma nsemmux is-sehem li, issa għal erbgħin sena, huma taw fil-kamp soċjali. Fis-sena 1967, il-Karmelitani f'ta' Kerċem bdew missjoni ġdida. Daħħlu f'darhom stess, l-ewwel anzjani biex jieħdu ħsiebhom fl-aħħar snin ta' ħajjithom. Kienu nisa li ma kellhomx min idur bihom u s-sorijiet laqgħuhom, l-ewwel fil-kunvent ta' Kerċem u iktar 'il quddiem *f'St. Therese Home* li huma fetħ u fi Triq it-Telgħa tal-Belt fir-Rabat, fid-dar imħollija lilhom mill-benefattur Mons. Dun Ġorġ Agius li miet fis-sena 1962.

Il-kunvent tas-Sorijiet Dumnikani, it-telgħa tal-Belt.

Hekk issa, għal ħafna snin, is-Sorijiet Karmelitani, flimkien ma' l-Iskola f'ta' Kerċem mexxew ukoll *"St. Therese Home"* fir-Rabat, fejn ħafna anzjani Għawdxin u saħansitra Maltin, sabu u għadhom isibu kenn u mħabba murija b'delikatezza l-iktar kbira.

3 • Fil-qasam pastorali

U xi ngħidu mbagħad għall-kontribut li taw u għadhom jagħtu is-Sorijiet Karmelitani fil-qasam pastorali? Għal aktar minn 40 sena taw is-sehem tagħhom fil-parroċċa ta' Kerċem fit-tagħlim tal-katekiżmu, ħaġa li sal-lum għadhom jagħmlu fir-Rabat. Ħadmu mat-tfal u ma' l-adoloxxenti fl-Oratorju Santa Tereża minfejn ħarġu għadd ta' vokazzjonijiet Karmelitani. B'inizjattiva tagħhom u bil-kooperazzjoni tal-Patrijiet Karmelitani ta' Malta, fis-sena 1992, twaqqaf it-Terż Ordni Karmelitan f'Għawdex.

4 • Ħidma rikonoxxuta mill-kotra

Mhux possibbli nsemmu l-ħidmiet u l-inizjattivi

www.gozocathedral.org.mt

kollha li wettqu is-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex; pero żgur ma nkunx niżbalja jekk ngħid li dawn is-sorijiet, sabu wkoll mill-Għawdxin ħafna appoġġ u għajnuna sa minn meta taw bidu għall-missjoni tagħhom f'din il-gżira. Il-ħidma tagħhom kienet dejjem apprezzata mhux biss mill-awtorità tal-Knisja, imma wkoll mill-awtorità Ċivili. Għas-sehem distint li kontinwanment jagħtu b'riżq il-Knisja Katidrali, f'Santa Marija tas-sena 2005, is-Sorijiet Karmelitani tar-Rabat ġew onorati bil-medalja **"Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral".** U imbagħad jekk irridu xhieda waħda li turi kemm hi apprezzata l-ħidma tas-Sorijiet Karmelitani fil-qasam edukattiv u f'dak soċjali mill-awtorità ċivili, fir-raħal ta' Kerċem insibu triq ġdida:**"Triq il-Karmelitani"** li fis-sena 2002, issemmiet għalihom b'sinjal ta' rikonoxxenza.

Il-gratitudni ta' l-Għawdxin lejn is-Sorijiet Karmelitani dehret sew nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu 2007, meta fil-Knisja Parrokajli ta' Kerċem, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni solenni b'radd il-ħajr fl-okkażjoni tal-50 sena tal-preżenza tas-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex. Dakinhar, għadd ta' mistednin distinti, fosthom l-Onor. Speaker Anton Tabone, l-Onor. Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, u s-Sindku ta' Kerċem Joe Grima, flimkien ma' mijiet ta' Għawdxin li ġew minn kull rokna tal-gżira, imlew is-Santwarju Parrokkjali ta' Kerċem biex flimkien mas-Sorijiet ulied spiritwali ta' Santa Tereżina jfaħħru lil Alla għal tant ġid li huwa xerred fuq il-poplu tagħna permezz ta' din il-Kongregazzjoni Reliġjuża matul dawn l-aħħar 50 sena.

Grupp ta' Anzjani fid-Dar Santa Tereza, ir-Rabat, mas-sorijiet.

DIONIĠI Ċ-ĊERTOSIN
DWAR MARIJA ASSUNTA OMM U SULTANA

minn Mons Lawrenz Sciberras

1 • Tagħrif fil-qosor dwar Dioniġi ċ-Ċertosin
Dan twieled il-Belġju fl-1403. Wara li kompla l-istudji tiegħu u laħaq l-età ta' 21 sena, daħal maċ-Ċertosini f'Roermond, fejn baqa' hemm sal-mewt. Huwa kien iqassam il-ħin tiegħu fit-talb, fil-qari u jikteb il-kotba ta' natura axxetika. Kien jagħmel penitenzi kbar; jiekol ftit; dwar l-irqad, wara t-talb ta' matul il-lejl kien imbagħad, jibqa' mqajjem matul il-bqija tal-lejl sa sbiħ il-jum. Kien jaf bl-amment is-salmi kollha, 150 wieħed, u kien jgħidhom kuljum bl-amment.

Minħabba l-fama tiegħu, Dioniġi għen ħafna lill-kardinal Nikolo ta' Kusa sabiex jirrinovaw l-ħajja ta' ċerti kunventi u abaziji. Fis-sena 1465, Dioniġi mar Kostantinopli sabiex iwaqqaf hemm ċertosa jiġifieri mkien fejn jgħixu dawn iċ-ċertosini. Dioniġi rritorna f'Roermond fejn miet nhar it-12 ta' Marzu 1471.

Meta fis-sena 1608 fetħu l-qabar, mill-għadam ħarġet riħa tfuħ ħafna u sebgħu l-kbir u l-werrej - użati tant biex kiteb bihom - baqgħu ma tħassrux. Fost il-ħafna tagħlim Dioniġi għandu ħafna dwar il-Madonna.

2 • Tagħlim dwar il-Madonna
F'waħda mir-riflessjonijiet ta' dan Dioniġi ċ-ċertosin, huwa jsellem hekk lil Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. "O sultana tassew glorjuża, verġni l-aktar pura, omm tassew għanja minn fost l-ommijiet l-oħra kollha. Jien qed nilmħek fuq l-ogħla quċċata, fost l-aktar imbierka u mqiegħda ħafna 'l fuq qalb il-glorji tas-sema. Għaliex tassew inti l-aktar feliċi, l-aktar splendenti, l-aktar ammirabbli u l-aktar ixxurtjata minn fost il-kreaturi l-oħra kollha tad-dinja. Iva, inti tassew omm, imsieħba mal-paternità tal-Missier u **flimkien miegħu għandkom l-istess Iben**. Int omm eċċellentissma ta' l-Iben uniġenitu ta' Alla, int tabernaklu esklussiv ta' l-adorabbli Spirtu s-Santu Konsolatur, int Omm ta' dak li kien wisq qablek. Int il-ħabiba intima tat-Trinità essenzjali u beata u l-kustodja tas-sigrieti kollha. Alla l-Ħallieq, l-ewwel arkitett, għamlek hekk kbira, O maħbuba, sabiħa u perfetta li huwa stess imbagħad, issaħħar wara l-ġmiel u l-bjuda tiegħek.

Huwa ġie jgħix fik mingħajr ma biddel ebda post, daħal ġo fik biex ikun fit-tokk ta' qalbek, biex fawrek bl-abbundanza ta' kull grazzja, ta' kull virtù u ta' kull perfezzjoni oħra. Minnek Alla ħa s-sustanza tal-laħam ta' bniedem biex ifforma ġisem flimkien mad-demm qaddis fil-ġuf verġinali tiegħek. **Huwa għex ġo fik** u strieħ bħallikieku fuq tron denn fil-qorti tas-sultan tas-sema u f'awla ċelesti u qaddisa.

Dak ji huwa sa mill-eternità, ried li fil-milja taż-żmien jitwieled mill-ġuf safi tiegħek bħal għarus ħiereġ minn kamartu (Sl 18,6). Dan is-sultan tas-smewwiet, dan il-Mulej ta' l-anġli li twieled minnek , int Marija, ilqajtu u erfajtu fuq id-dirgħajn safjin tiegħek, għajjixtu mill-ġuf tiegħek, mellistu bl-idejn tiegħek, sqejtu mill-ħalib safi ta' sidrek, u għal tletin sena sħaħ għajjixtu u kkurajtu b'mod l-aktar tal-għaġeb fid-dar ta' Nażaret. Meta mbagħad huwa ħareġ biex jippriedka, **int imxejt warajh sal-mewt** ta' fuq is-salib, hemm fuq il-Golgota.

U issa O verġni l-aktar ħelwa, min qatt jista' jifhem b'liema abbundanza ta' grazi, b'liema milja ta' kariżmi divini u b'liema xewqat lejn is-sema u b'liema glorji ċelesti mar ilibbsek, mar jagħnik bihom l-istess iben tiegħek veru Alla u Ħallieq ta' dan kollu.

Hija ħaġa żgura u indiskutabbli: Ibnek għamlek f'kollox wisq aktar għażiża minn kulħadd. U għolliek 'il fuq mill-magħżulin kollha tiegħu. U dan jixraq tassew lil dik li hija **Omm, Sultana u Għarusa** tant nobbli li jixirqilha mżejna, mimlija u mgħollija fuq il-qaddejja kollha ta' Alla. Iva, minn dak il waqt li inti aċċettajt u sirt omm Alla, b'xi mod inti lħaqt ukoll dinjità infinità. Bi dritt u grazzi għal dan il-privileġġ ta' din il-maternità divina,

www.gozocathedral.org.mt

MONSINJUR TARĊISIO GATT

peożija tal-Kav Joe M Attard

Erbgħin Sena mill-mewt tiegħek
Monsinjur Tarċisju Gatt
Għadek f'qlubna, fl-imħuħ tagħna;
Ismek żgur fuq fomm kulħadd.

U sabiex le qatt ma tintesa
Mill-ġdid ġejt fil-Katidral;
Issa fdal il-ġisem tiegħek
Fostna jibqa', għal snin twal.

Għalkemm mitt qasir il-għomor
Lill-*Assunta* ħabbejt sħiħ;
Lilha tajt saħħtek u ġidek
Magħha żgur qatt ma kont xħiħ!

Hawn kont tħossok fl-ogħla ġenna
Lilha tkanta, lilha tfaħħar
B'dik il-vuċi ħelwa tiegħek
Lilna wkoll int kont issaħħar.

U min jaf x'ferħ ġarrabt f'qalbek
Meta rajt ħolmtok isseħħ –
Lill-*Assunta* ġewwa n-niċċa,
Qed tingħata l-aqwa ġieħ!

Għażiż ziju ta' missieri,
La tehdiex titlob għalina
Biex l-imħabba lejn Marija
Dlonk titkattar ġewwa fina.

O Marija mtellgħa s-sema
Inti l-Omm tas-Sema u l-Art;
Lilna kenni taħt mantarek
Begħidna minn kull qerq u mard.

Sabiex wara din il-ħajja
Fis-Smewwiet niġu ngawduk
Magħqudin għal dejjem Miegħek
Ma' Ġesù, Ibnek maħbub.

Monsinjur Tarċisio Gatt, iz-ziju ta' missieri, twieled fit-18 ta' Frar, 1912. Kien ordnat qassis fil-25 ta' Lulju, 1937. Tilef id-dawl ta' għajnejh, u miet qasir il-għomor fil-5 ta' Frar, 1966. Lill-Madonna ħabbha sħiħ u dan ma ngħidux jien biss imma jgħiduh dawk kollha li jiftakruh. Issa li l-fdal tiegħu jinsab fil-Katidral, kienet tixraq dil-poeżija li tfakkar l-erbgħin sena minn mewtu proprju fl-anniversarju ta' meta l-istatwa ta' l-Assunta telgħet fit-tempju sabiħ u qadim tagħha.

---

inti għandek setgħa u awtorità biex tikkmanda lil kull ħlejqa tas-sema u ta' l-art.

Ja omm t'Alla, aħna ma' nistgħu qatt nifhmu d-dinjità tiegħek, il-qdusija tiegħek, il-glorja tiegħek. Aħna tassew indenji biex nikkontemplaw dan kollu. Imma hekk kif f'din il-ħajja nistgħu b'xi mod nagħrfu l-Ħallieq u dan nagħmluh billi nitilqu mill-ħlejjaq u npoġġu magħhom grad l-aktar għoli ta' perfezzjoni u ta' tjubija, hekk ukoll nistgħu nagħmlu miegħek, **nikkontemplawk 'il fuq minn kull kreatura**.

Għalhekk, ejjew wara Alla, inħobbu l-aktar lil Ommna Marija, inqimuha bl-akbar riverenza, insejħulha bl-ogħla devozzjoni; u dan għaliex kien Alla stess li lil Marija għamilha hekk kbira biex fl-istess waqt iqim ukoll lil Ibnu l-waħdieni. Għandha tassew għaliex infaħħruha u nsellmulha b'insistenza qawwija. F'Marija u permezz tagħha nbierku, infaħħru u nroddu ħajr 'l Alla 'l Għoli, għaliex wera b'mod l-aktar perfett il-karità, it-tjubija u l-għerf tiegħu. Il-qalb tagħna għalhekk tifraħ tant, għaliex wara Alla, hija BISS l-unika tama u l-unika port żgur ta' konsolazzjoni.

U int, Sultana twajba, Avukata ta' ħniena kbira, u Omm mimlija mħabba, ħarisna dejjem, għinna u mexxina int lejn il-port dejjiem tas-salvazzjoni.

www.gozocathedral.org.mt

ĦRUĠ L-ASSUNTA MIN-NIĊĊA

peożija ta' Dun Ġużepp Saliba

Wasal jum ta' ħruġ l-Assunta
Li għal sena tkun hemm ġewwa
Fejn quddiemha l-eluf jiġu,
Jitolbuha b'ferħ u ħlewwa.

Oħroġ, oħroġ minn ġon-niċċa
Bukkett ward sbejjaħ f'Rebbiegħa:
Inti l-Omm tal-ħlejjaq kollha;
Kemm stennejna din is-siegħa!

Qatgħa nies quddiemek tħares
Biex tarak tgħaddi ferħana,
Qajla qajl għal nofs il-knisja,
Bħal għarusa, ġmiel, setgħana.

Qlub in-nies bid-dmugħ f'għajnejhom
Lejk iħarsu, wisq għatxana
Għaliex bik imkabbra dejjem
Għal dak ġmielek, Omm minn tagħna.

F'nofs il-knisja, hemm int tieqaf
B'idejk fl-għoli miftuħin,
Tħares lejna, j'Omm qaddisa,
Hemm tkellimna ferħanin.

Il-kant ħlejju xejn ma jieqaf
F'fomm uliedek miġburin,
F'għaqda waħda, dawn iċapċpu
Għax bi ġmielek imsaħħrin.

Dik il-banda tgħinhom ħafna
Bid-daqq ħlejju ta' strumenti:
Ta' l-Iljun tissejjaħ hija;
U bl-Assunta, wisq kuntenti.

U xi ngħidu mbagħ'd għall-ġabra
Hekk mill-ġemgħa hemm miġbura!

Eluf kbar ta' Liri jagħtu,
Minn ħadd, dina m'hi miksura.

Fuq bankun imbagħ'd titqiegħed
F'nofs il-knisja b'ħarstha 'l fuq,
Dawk għajnejha ġmiel is-Sema,
Hemm quddiemha, ferħ idduq.

Pavaljun madwarha mdendel,
Dan ikabbar il-ġmiel tagħha,
U kuruna fuq turina,
Ta' din l-Omm, il-kbira saħħa.

Mal-ħitan, damask imdendel,
Sett ta' linef mixgħulin,
Lampier sbejjaħ f'nofs il-knisja
U gandlieri magħżulin.

U ta' Taylor b'ferħ idoqqu:
Sett ta' qniepen il-ġmiel tagħhom,
Għax iż-żmien tal-Kbira wasal,
biċ-*Chime bells* hemmhekk, qrib, magħhom.

Ħsejjes kbar ta' nar jinħaraq
U jinstemgħu kullimkien;
'L Għawdex, Malta, dawn idamdmu,
Kulħadd jifraħ f'dan iż-żmien.

Ibqa' hemm, kbira Sultana,
Omm qaddisa, wisq ħanina
Biex quddiemek aħna niġu,
U tgawdija tmur tagħtina.

Sliem għalik, Patruna tagħna,
Żommna m'Ibnek magħqudin;
Int ħarisna minn kull deni,
Lilna wliedek maħbubin.

Pio's
Antiques
MARKET
PIO BORG
Proprietor
Pjazza Sabina,
Victoria - Gozo.
9.00a.m. - 3.00p.m.
Sunday
9.00a.m. - 1.00p.m.
Tel: 2156 5115
Res: 2156 1097

PAOLO
Calzature
P

13/105, Palm Street
Victoria, Gozo.
Tel/Fax: 21565157

www.gozocathedral.org.mt

KOLLOX JINBIDEL

peożija ta' Matthew Sultana (24-10-06)

Kollox jinbidel, kollox jixjieħ,
Kollox jittappan, bit-trab ta' l-irjieħ.
Jitħaffru il-grotti, bir-rabja ta' l-ibħra,
Għax kollox jinbidel, minflok ma jistrieħ.

Jinbidel is-sema, jinbidel mal-ħin,
U jbiddel lid-dinja, b'burdati mlewnin,
Tinbidel din artna, qegħdin inmarrduha,
Avolja nħobbuha, qridnieha l-bnedmin.

Jinbidel il-bniedem, tinbidel ir-ruħ,
Issir tinten pesta, ir-riħa li tfuħ.
U tinbet il-ħdura fil-qalb ta' l-infami,
w jingħalaq għal dejjem, il-moħħ il-miftuħ.

Jinbidlu il-gosti, jinbidlu l-għajnejn,
L'għoġobni ilbieraħ, illum anqas b'xejn.
Inbidlu l-kuġini fir-razza ta' l-arti,
Is-sengħa u maġija tax-xogħol ta' l-idejn.

Inbidlu l-valuri, ma nafx fejn sejrin,
Ma nafx nikkummenta hux sew jew ħażin,
Iċċarrat il-velu, inħbiet il-mistħija,
Ix-xewqa bdiet tirkeb u tifga d-divin.

Imm'int...

Int hemm tibqa'
Int hemm int,
Int vittorja,
Int deffint!
Int qtajt b'xafra,
Abbiss iswed,

Biex jintesa,
U qatt iżjed,
Ma jirxoxta,
Jew biss jittama,
Illi jaħkem,
Fuq l-art tagħna.

Għax int...

Sabiħa f'ħamsin sena,
Sabiħa int f'kull jum,
Sabiħa ta' mitt seklu,
Sabiħa ta' miljun!

Ferm isbaħ mix-xemx tielgħa,
Ferm isbaħ mis-smewwiet,
Ferm isbaħ minn elf kewkba,
F'kostallazzjonijiet!

Hemm tibqa' tielgħa tiddi,
Hemm tibqa' fuq kulħadd,
Hemm tibqa' dejjem tidher,
Hemm tibqa' ma tgħib qatt!

Għax kollox jaf jinbidel,
Għax kollox jaf idur!
Biss kollox lejk iħares,
Għax dritt jiżvija jmur!

Jekk kollox qed jiċċaqlaq,
Jekk kollox sar għajjien,
Jekk kollox qed jiżżelleġ,
Imċajpar u sewdien,

Int tibqa' hemmhekk fissa,
Qawwija daqs il-blat,
Kristalla ċara tiddi,
Daqs dak l-ifjen djamant!

Kollox jinbidel – ħlief inti fis-sema,
U kollox jidbiel – ħlief inti maż-żmien,
Kollox jittappan – ħlief qalbek ma' Alla,
U kollox jitmewwet – ħlief inti mal-jien.

Monsinjur Onorarju Albert Curmi 1929 - 2007



Is-Sibt, 16 ta' Ġunju, 2007, tħabbret il-mewt ta' Monsinjur Onorarju Albert Curmi. Din ġrat fil-4.40 a.m. fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, Rabat, Għawdex. Albert twieled Ta' Sannat, id-29 ta' Awwissu, 1929, bin Salvatore Curmi u Anġla Spiteri. Kien mgħammed il-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita. Kien ordnat qassis il-Katidral nhar il-15 ta' April, 1956. Ħadem bħal qassis fil-Belt ta' Firenze, l-Italja, u fil-parroċċa tat-Triq tal-Għajn fejn mar joqgħod wara li sar qassis. Għadda parti kbira minn ħajtu jaqdi lis-Sorijiet Dumnikani ta' Malta fil-knisja ta' Pompej. B'turija ta' radd il-ħajr għal ħidmietu, l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, isqof ta' Għawdex, ħatru monsinjur onorarju tal-Kapitlu Katidrali. Miet fl-età ta' 77 sena u difnuh fil-qabar tal-qassisin tal-Fontana fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

www.gozocathedral.org.mt

DJARJU TAL-PARROĊĊA
1 TA' LULJU 2006 - 30 TA' ĠUNJU 2007

minn
Maximillian Grech

Lulju 2006

2 Il-ġbir kollu li sar matul il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija. Matul din il-ġimgħa sar avviż lill-ġenituri li għandhom lil uliedhom eleġibbli li jirċievu s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Ġriżma ta' l-Isqof fil-knisja Katidrali fis-sena 2007 sabiex jirreġistraw lil uliedhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5 Fl-okkażjoni ta' l-Għaxar Erbgħa ta' Santa Marija ġiet iċċelebrata quddiesa bl-omelija mill-Kan. Mario Borg.

7 Ħabtet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u għaldaqstant fil-għaxija fil-Katidral kien hemm l-adorazzjoni komunitarja u l-quddiesa.
Ġiet organizzata mawra f'Malta għat-*Trade Fair*. Tul din il-mawra kien hemm ukoll ħin liberu għax-xopping f'Buġibba.

12 Fl-okkażjoni tal-Ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija saret quddiesa bl-omelija.

19 Fl-okkażjoni tat-Tnax-il Erbgħa ta' Santa Marija saret quddiesa bl-omelija.

23 Tqassam il-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin, programm li jkopri l-perijodu mill-24 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu 2006.

24 Il-Parroċċa tal-Katidral organizzat seminar bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija bis-suġġett *L-Enċiklika, Alla hu Mħabba* fid-Dar Manresa, Victoria. Dan tmexxa mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi u Mons Anton Borg.

26 Jum il-Morda u l-Anzjani. Fil-għodu, saru żjarat lill-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-Kliniċi Privati. Fl-okkażjoni tat-Tlettax-il Erbgħa ta' Santa Marija ġiet iċċelebrata quddiesa bl-omelija minn Dun Joe Cardona. F'din il-quddiesa ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani li kienu preżenti u wara kien hemm *party* għalihom fl-Annexe tal-knisja Katidrali. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

27 Il-komunità parrokkjali tal-Katidral laqgħet il-monumenti l-ġodda tal-bronż li jirrappreżentaw lill-Papa Beatu Piju IX u l-Papa Ġwanni Pawlu II kif ukoll l-*Ave Maria Chime* fl-Imġarr minn fejn ġew akkumpanjati *b'carcade* sa quddiem il-Każin tal-Banda Leone. Il-Banda Ċittadina Leone akkumpanjat dawn l-opri t'arti sal-Pjazza Savina.

29 Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum il-Persuni Kkonsagrati minn Dun Karm Hili. Ħa ħsieb janima l-quddiesa l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* bis-sehem ta' l-*Ispigolatrici della Chiesa*. Wara l-quddiesa, kellna siegħa adorazzjoni għall-persuni kkonsagrati li tmexxiet mill-istess *Spigolatrici della Chiesa*.
Aktar tard fil-għaxija sar *barbecue* għal kulħadd organizzat mill-Għaqda Armar Santa Marija fiċ-Ċittadella.

30 Filgħodu sar marċ mill-Banda Ċittadina Leone miċ-Ċentru sal-knisja Katidrali u wara sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' l-innijiet marjani. Dun George Mercieca qara l-poeżija tradizzjonali tiegħu li kienet iġġib l-isem '*Naf min kien*'.

31 Il-lum ingħata bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija. Matul il-jiem kollha tal-Kwindiċina filgħodu kienet iċċelebrata quddiesa fis-7.00am mir-Rev.mu Kapitlu u tkompliet sa lejlet il-festa. Filgħaxija, kienu mistiedna t-tfal tal-parroċċa sabiex flimkien jagħmlu l-mixja spiritwali tal-kwindiċina tagħhom li tressaqhom lejn Ommna Marija Assunta. Matul dawn il-jiem ta' Kwindiċina, ingħataw ħafna rigali sbieħ u f'kull ġurnata kien hemm is-servizz tal-minibus. Il-quddiesa ta' l-ewwel jum tal-Kwindiċina, Jum il-Persuni bi bżonnijiet speċjali tmexxiet mill-Arċipriet tax-Xagħra, Dun Karm Refalo li għaliha kienu mistiedna l-persuni bi bżonnijiet speċjali

www.gozocathedral.org.mt

tal-parroċċa u dawk li jattendu l-*Adult Training Centre*, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara, sar *party* għalihom fil-Pjazza tal-Katidral.

Awwissu 2006

1 Jum l-Istudenti, Żgħażagħ, u l-Isportivi. Quddiesa tal-Kwindiċina mmexxija minn Dun Karm Refalo, Arċipriet tax-Xagħra, u li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali l-istudenti ta' Forms 2, 3, 4 u 5, iż-żgħażagħ l-players u s-supporters ta' l-SK Victoria Wanderers, bis-sehem tal-*Cathedral Youth Choir*. Wara l-quddiesa ġew organizzati l-Giochi senza frontiere mill-SK Victoria Wanderers għal kulħadd fil-Pjazza tal-Katidral. F'din l-okkażjoni l-Arċipriet Joe Vella Gauci f'isem il-parroċċa ppreżenta ħames trophies lill-aħjar players tas-sena ta' l-*SK Victoria Wandereres*: kbar, under-21, under-16, under-14, u under-12.

2 Fil-għaxija saret adorazzjoni mmexxija mill-grupp ta' l-Abbatini u Vokazzjonijiet tal-Parroċċa bis-sehem tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Wara ġiet ċelebrata quddiesa ta' l-Erbatax-il Erbgħa ta' Santa Marija, minn Dun Karm Refalo, Arċipriet tax-Xagħra, skond l-intenzjoni tal-benefatturi ħajjin u b'suffraġju tal-benefatturi u parruċċani li mietu matul l-aħħar sena.

3 Jum l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. L-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi amministra s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Parroċċa. Ħa sehem il-Cathedral Youth Choir.

4 Quddiesa tal-Kwindiċina mmexxija minn Dun Anthony Mario Saliba bl-omelija ta' l-okkażjoni mid-Djaknu Michael Curmi, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara l-quddiesa ttelgħet it-tieni rappreżentazzjoni tal-Musical 1956 taħt il-patroċinju ta' l-Onor Anton Tabone, *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti fil-Pjazza tal-Katidral.

5 Quddiesa tal-Kwindiċina minn Dun Anton Grech bl-omelija ta' l-okkażjoni mid-Djaknu Michael Curmi.. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu mistiedna l-koppji li żżewġu matul dik l-aħħar sena u dawk kollha li kienu qed jiċċelebraw l-10, l-20, il-25, it-30, l-40, u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom u l-ex-parruċċani li jinsabu joqogħdu f'diversi parroċċi f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll l-emigranti. Ħa ħsieb janima l-quddiesa Mario Caruana.

6 Filgħodu saret quddiesa għaż-żgħażagħ minn Fr. Karm Debattista. Ħa ħsieb l-animazzjoni tal-quddiesa l-grupp *Cornerstone Faith Alive*. Filgħaxija, fl-okkażjoni ta'Jum it-Trabi, saret il-quddiesa tal-kwindiċina minn Dun Domenic Sultana. Matul il-quddiesa l-Arċipriet Joe Vella Gauci amministra s-Sagrament tal-Magħmudija lit-trabi Carol-Ann Camilleri u Elyza Zammit. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu mistiedna l-ġenituri li għammdu lit-trabi tagħhom fil-Katidral matul din l-aħħar sena. Fi tmiem il-quddiesa t-trabi ġew ippreżentati lil Santa Marija u wara ttellgħu bix-xorti xi rigali fost dawn it-trabi preżenti. Saret ukoll l-ikla tradizzjoni tal-Festa fil-Pjazza tal-Katidral organizzata mis-Soċjetà Filarmonika Leone.

7 Jum it-Tfal, l-Abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet. Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Teuma. F'din il-quddiesa saret ukoll il-vestizzjoni ta' l-abbatini l-ġodda tal-parroċċa minn Dun Rueben Micallef u ġew ippremjati l-aħjar żewġ studenti minn kull ċentru tad-duttrina li għandna fil-parroċċa. Ħa sehem il-*Cathedral Youth Choir*. Wara, sar *barbecue* kbir għat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral.

8 Jum ir-Reliġjużi u l-Għaqdiet Kattoliċi. Quddiesa tal-Kwindiċina li tmexxiet mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Teuma bis-sehem tar-Reliġjużi u l-Għaqdiet Kattoliċi. Anima l-quddiesa il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

9 Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti. Quddiesa ta' Radd il-ħajr minn Mons Arcipriet Dr Joe Vella-Gauci, fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mill-ħatra tiegħu bħala Arċipriet tal-Katidral, kif ukoll tal-20 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Mons Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra, ta' Dun Victor Vella u Dun Lino Vella. Niseġ l-omelija ta' l-okkażjoni l-WR Mons Giovanni B Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Katidral. Ġiet esegwita l-quddiesa *Missa Brevis in Honorem Joannis Pauli II*.

Hekk kif intemm iċ-ċelebrazzjoni

www.gozocathedral.org.mt

ewkaristika saret l-inawgurazzjoni ta' l-*Ave Maria Chime* mis-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Robert Tabone, u ndaqqet l-Ave Maria permezz ta' dan is-sett ta' ħames qniepen żgħar mill-kampnar tal-Katidral. Il-Poeta Dun Goerge Mercieca qara l-poeżija tiegħu lill-arċipriet fl-aħħar tal-quddiesa.

10 Jum il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà Filarmonica Leone. Il-quddiesa tal-Kwindiċina saret mill-ET Mons Isqof Francis Adeodato Micallef, Isqof Emeritus tal-Kuwait bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, tal-*Cathedral Youth Choir* u l-Banda Ċittadina Leone. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna b'mod speċjali l-Kumitat, membri, bandisti u soċji tas-Soċjetà Filarmonika Leone, kif ukoll il-membri ta' l-entitajiet u parruċċani tal-Katidral. Wara l-quddiesa sar marċ mill-Banda Ċittadina Leone mill-Pjazza tal-Katidral sa Pjazza Savina fejn wara ġie esegwit programm mużikali. Il-programm ġie fi tmiemu bl-esekuzzjoni ta' l-Innu Immortali *A Maria Assunta in Cielo* bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, l-*Cathedral Youth Choir*, it-tenur Charles Vincenti u l-baritonu Alfred Camilleri taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro Colin Attard. F'din l-okkażjoni sar it-tberik ta' l-istrumenti l-ġodda, kif ukoll kien inawgurat il-ktieb '*Santa Marija 50 Sena fil-Katidral*' kitba ta' Mons Dr Joe Bezzina u kien ippubblikat mill-Parroċċa tal-Katidral.

11-13 Tridu Solenni. L-Omeliji tat-Tridu saru mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Cauchi.

14 Lejlet il-Festa. Fil-għodu saret konċelebrazzjoni mir-Rev.mu Kapitlu bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Fi tmiem il-quddiesa tkanta t-*Te Deum* ta' għeluq il-Kwindiċina. Fl-10 kienet iċċelebrata quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa t-tfal immarċjaw għall-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjati mill-Banda fejn sar *party* għalihom.

Fil-għaxija saret it-Trasulazzjoni Pontifikali tar-relikwa tal-Madonna mill-E.T. Mons. Mario Grech flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-knisja Katidrali, l-Għasar, u funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

Aktar tard saret konċelebrazzjoni pontifikali mill-E.T. Mons. Isqof Emeritus Nikol Cauchi, b'radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tat-31 anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari ta' l-Assunta. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Aktar tard saret velja ta' talb fil-Pjazza tal-Katidral minn Fr Franco Fenech flimkien mal-Grupp Imħabba Divina.

15 L-Għid ta' l-Assunta. Il-quddies kien fl-4.15 am, 5.45 am, 6.30 am, 7.15 am, 8.00 am, 9.00 am (Pontifikal), 10.30 am, 11.15 am, 12.00, 1.00 pm u 5.00 pm. Fit-8.00 am tqaddset quddiesa fuq il-muntanja ta' Gelmus minn Dun George Mercieca għal dawk kollha involuti fin-nar.

Il-konċelebrazzjoni Pontifikali tmexxiet mill-Isqof Mario Grech flimkien mal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiem il-Pontifikal ngħatat l-Barka Appostolika minn Mons Isqof bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Kienet esegwita l-quddiesa *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae* ta' Maestro Joseph Sammut.

Fil-għaxija, il-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Giovanni B. Gauci mexxa l-Għasar Solenni u wara, funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

Fis-6.30 pm bdiet ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota u artistika ta' Santa Marija bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu, il-kleru u s-seminaristi tad-djoċesi mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech. Waqt li l-istatwa ta' Santa Marija kienet fil-bieb il-kbir indaqq l-innu immortali *A Maria Assunta* mill-Banda Ċittadina Leone bis-sehem tal-kor, tenur, u baritonu. Il-Banda Ċittadina Leone akkumpanjat il-purċissjoni.

Fl-10.30 pm folla enormi fil-Pjazza tal-Katidral u fuq is-swar taċ-Ċittadella taw l-aħħar tislima tagħhom lill-Assunta fid-dħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant ta' l-Ave Marija. F'din l-okkażjoni ngħatat il-Barka Sagramentali mill-ET Mons. Mario Grech. Kien hemm ukoll spettaklu meraviljuż u singulari ta' logħob tan-nar ta' l-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-Vampa Organisations li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul ta' l-istatwa.

22 Quddiesa ta' radd il-ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa mill-Arċipriet Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa, l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa tagħha fost il-kant ta' l-

www.gozocathedral.org.mt

innijiet marjani u wara kien hemm *barbecue* ta' l-għeluq tal-festi fil-Pjazza tal-Katidral.

24 Mons Isqof Mario Grech ordna fil-Katidral lid-Djaknu Michael Galea, mill-parroċċa tax-Xagħra bħala saċerdot.

29 L-ET Mons Isqof Mario Grech ħatar lil Dun Reuben Micallef bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija, taż-Żebbuġ, ta' Għawdex. filwaqt li ħatar lil Dun Joseph Sultana mill-parroċċa ta' Marija Bambina tax-Xagħra, bħala Vigarju Parrokkjali ġdid.

Settembru 2006

1 Saret attività għall-istudenti ta' Forms 2,3,4 & 5 f'Kemmuna.

3 Il-ġbir kollu li sar matul il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja l-quddies fil-knisja Katidrali kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-Ħadd: fl-4.45am, 5.45am, 6.45am, 7.45am, 9.00am, 10.00, 11.00am, 12.00pm, 5.00pm, 6.00pm, u 7.15pm.

10 Fil-ħarġa tal-bullettin ta' din il-ġimgħa, ingħata r-rendikont tal-ġbir b'riżq il-festi interni ta' Santa Marija 2006.

16 Ħabat il-142 Anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi u minn meta l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Katidral mill-Beatu Papa Piju IX bil-bolla '*Singulari Amore*'.

19 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja tal-Kapuċċini fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja; wara, saret viżta lil Marija Bambina, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra, u żjara lil *Belvedere* tal-Calypso Cave. Din il-ħarġa ġiet fi tmiemha b'*light refreshments* fil-Horizon Bar & Restaurant, Marsalforn.

21 Ħabat it-309 anniversarju minn meta Dun Nicolo Cassia Magri, l-Arċipriet tal-knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex, poġġa l-ewwel ġebla tal-knisja ta' Għawdex.

26 Coffee Morning organizzat mill-parroċċa tal-Katidral fil-Crystal Palace, Marsalforn.

29 Sar Seminar għall-membri tal-presbiterju u kunsill parrokkjali, katekisti, lajċi impenjanti fi ħdan il-Parroċċa, u koppji miżżewġin, bit-tema "Ma' Marija ngħożżu l-Kelma f'qalbna". Dan tmexxa minn Dun Gerard Buhagiar, f'Dar Manresa, Victoria.

30 Quddiesa minn Dun Gerard Buhagiar bis-suġġett ta' l-omelija "Ma' Marija niċċelebraw l-Ewkaristija" bis-sehem tal-Cathedral Youth Choir.

Ottubru 2006

1 Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Quddiesa minn Dun Gerard Buhagiar, bl-omelija ta' l-okkażjoni bis-sehem tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. F'din l-okkażjoni l-arċipriet ġedded il-mandat tat-tagħlim tad-duttrina lill-katekisti tal-parroċċa. Wara ħarġet il-Purċissjoni-Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Giovanni B. Gauci, Arċidjaknu tal-Kapitlu Katidrali, bis-sehem tal-ET Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fi tmiem il-purċissjoni ngħatat l-Barka Sagramentali.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

6 Ħabtet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u għaldaqstant fil-għaxija fil-Katidral saret l-adorazzjoni komunitarja u l-quddiesa.

7 Reġgħet bdiet il-quddiesa għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali, mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-5.00pm, u fil-Katidral kull nhar ta' Sibt fis-6.00pm.

8 Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Katidral minn Dun Rueben Micallef, Arċipriet taż-Żebbuġ, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-ħidma pastorali tiegħu bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tatal-Katidral. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

11 Ħabat il-290 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Fis-7.15pm Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Katidrali. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

15 Il-ġbir li sar waqt il-quddies tal-lum kien b'riżq l-Obolu ta' San Pietru.

16 Il-Vigarju Parrokkjali l-ġdid, Dun Joe Sultana, beda l-ħidma tiegħu fil-parroċċa tal-Katidral b'effett mil-lum.

17 Ġiet organizzata ħarġa għall-anzjani tal-parroċċa. Ġiet iċċelebrata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ mill-Arċipriet Rueben Micallef u wara żaru l-*Belvedere* tan-Nadur. Din il-ħarġa ntemmet b'*light refreshments* ġewwa l-Bukkett Restaurant, Qala.
Waqt laqgħa tal-Presbiterju u l-Kunsill

www.gozocathedral.org.mt

Parrokkjali, li saret fil-Katidral filgħaxija, ġie deċiż u dan dejjem skond l-eżiġenzi taż-żmenijiet, li s-Sagramenti tal-Griżma ta' l-Isqof u ta' l-Ewwel Tqarbina jiġu ċċelebrati nhar is-Sibt, 12 ta' Mejju u s-Sibt, 19 ta' Mejju 2007 rispettivament. Ġie deċiż ukoll, li għal din is-sena, ma kienx hemm ħtieġa li ssir ċelebrazzjoni oħra f'Awissu.

19 Saret l-ewwel lezzjoni tal-katekiżmu fil-parroċċa għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina. Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni komplew darba fil-ġimgħa.

20 Saret l-ewwel lezzjoni tal-katekiżmu fil-parroċċa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof. Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni komplew darba fil-ġimgħa.

21 Festa ta' Sant'Orsla. Kon-titular tal-knisja Katidrali flimkien ma l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema u Patruna ta' Għawdex. Saret Konċelebrazzjoni mill-Isqof Mario Grech bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

22 Il-Ġurnata Mondjali Missjunarja. Il-ġbir kollu li sar waqt il-quddies tal-lum kien b'riżq l-artijiet tal-missjoni.

27 Il-Parroċċa tal-Katidral nidiet l-aġġornament taċ-ċensiment parrokkjali. Għaldaqstant kien inkarigat is-Sur Matthew Sultana sabiex ikun jista' jwettaq din it-tip ta' ħidma. Ta' kull ġimgħa l-parruċċani kienu infurmati permezz tal-bullettini bid-dati u l-familji fejn ikun imiss li jsir dan l-aġġornament taċ-ċensiment.

29 Waslet is-sitt u l-iżgħar qanpiena li tikkumplimenta s-sett ta' l-*Ave Maria Chime* li ġġib l-isem ta' Rainaldus, Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex madwar is-sena 1127.

Kien hemm nofs siegħa adorazzjoni qabel il-quddiesa tas-6.00 pm u qabel il-quddiesa tas-7.15 pm. Din l-adorazzjoni tmexxiet mill-grupp Missjunarju Għawdxi.

Novembru 2006

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-ET Mons. Isqof, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesia Cathedralis*.

Ħabat il-56 anniversarju minn meta l-Papa Piju XII ipproklama bħala Domma ta' Fidi t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem.

2 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Għid ta' l-Imwiet, immexxija mill-ET Mons. Isqof, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Matul dan il-jum il-quddies fil-Katidral kien iċċelebrat f'dawn il-ħinijiet: fil-5.00am, 5.20am, 5.40am, 6.00am, 6.20am, 6.40am, 7.00am, 7.20am, 7.40am, 8.00am, 8.20am, 8.40am, 9.30am (Ċentru), 9.50am (Ċentru), 12.40pm, 1.00pm, 1.20pm, 6.00pm u 7.15pm.

3 Il-Parroċċa tal-Katidral organizzat ħarġa f'Malta. Ġiet iċċelebrata quddiesa fil-Kappella tar-Redentur ta' l-Isla, u wara żaru ċ-ċimiterju ta' Wied Għammieq u l-mużew Vittoriosa 1565 fil-Birgu.

Aktar tard filgħaxija ġiet organizzata laqgħa ta' talb għall-istudenti ta' Forms 2, 3, 4 u 5. Ġiet immexxija minn Dun Joseph Sultana fl-annexe tal-knisja Katidrali. F'din l-okkażjoni ngħatat merħba lil Dun Joseph Sultana, minn dawn l-istudenti, bħala l-Vigarju Parrokkjali l-ġdid tal-parroċċa.

5 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Saret laqgħa għall-animaturi u l-letturi kollha li jagħtu sehemhom fil-liturgija fil-Katidral. Kienu mistiedna wkoll dawk li jixtiequ jibdew jagħtu s-servizz tagħhom bħala letturi.

12 Tħabret ir-ri-organizzazzjoni ta' l-animazzjoni tal-quddies tal-Ħadd fil-knisja Katidrali.

14 Mil-lum fetaħ il-*bookings* għall-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2007.

Organizata ħarġa għall-anzjani mill-Parroċċa tal-Katidral, Ġiet iċċelebrata quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, u wara, żjara l-*belvedere* ta' San Blas. Wara ,kien hemm *light refreshments* fil-Lantern Restaurant, f'M'Forn.

Coffee Morning organizzat mill-parroċċa tal-Katidral fil-Crystal Palace, Marsalforn.

23 Rappreżentanza mill-Oratorju Don Bosco żaret il-qabar ta' Dun Pawl Pawl Micallef fil-Katidral, f'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu sabiex joffru t-talb tagħhom b'suffraġju ta' ruħu. Saret ukoll ċerimonja qasira ta' tifkira ta' dan is-Saċerdot.

24 Il-parrocca tal-Katidral organizat *Farmhouse Party* għall-istudenti ta' Forms 2, 3, 4 & 5. Qabel ma beda l-*party*

www.gozocathedral.org.mt

Mons. Joe Vella-Gauci mexxa l-Quddiesa Solenni fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

Frar 2007

2 Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-ET Mons Isqof Mario Grech fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej u li għaliha ħadu sehem ir-Rev.mu Kapitlu tal-knisja Katidrali, is-saċerdoti u r-reliġjużi tal-parroċċa, u s-seminaristi tad-djoċesi u ġiet animata mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Ġiet organizzata attività għall-istudenti ta' Forms 2, 3, u 4. L-attività kienet tikkonsisti f'quddiesa animata għalihom fil-kappella ta' Santa Barbara u wara marru għal *film* flimkien.

4 Il-quddiesa tal-5.00 pm tal-lum kienet iċċelebrata minn żewġ Isqfijiet mill-Kenya, l-Isqof Philip Anyolo u l-Isqof Cornelius Arap Korir u kienu akkumpanjati minn Mons George Grima. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

6 Lectio Divina fil-Kappella l-ġdida tal-Katidral.

10 Solenità ta' San Pawl Missierna. Il-quddies fil-Katidral kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-quddies tal-Ħdud.

13 Ħarġa għall-anzjani organizzata mill-Parroċċa tal-Katidral. Ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja ta' Lourdes, fl-okkażjoni tad-dehra tal-Madonna. Wara, kellhom ħin liberu għal-*light refreshments* fl-Odyssey Bar & Restaurant, M'Forn.
Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

20 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Masalforn.
Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

21 Ras ir-Randan, Mons Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali bit-tberik ta' l-Irmied, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

23 Il-parroċċa tal-Katidral ħadet sehem fil-pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan li sar fir-raħal ta' l-Għasri.

24 Mons. Arcisqof Pawlu Cremona mexxa konċelebrazzjoni Pontifikali, flimkien mal-Isqof ta' Għawdex Mario Grech u l-Kapitlu Katidrali, fl-okkażjoni ta' l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu lid-Djoċesi ta' Għawdex. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

25 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm dettaljat tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.
Fl-għaxija, quddiesa ta' l-Ewwel Ħadd tar-Randan mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi. Matul il-Ħdud tar-Randan, il-quddiesa tas-7.00pm bdiet issir fis-7.15pm.

27 Lectio Divina għall-Presbiterju Parrokkjali u għal-Lajċi mmexxija mill-Kan Dun Joseph Sultana fil-knisja Katidrali.

Marzu 2007

1 Saret il-laqgħa għall-ġenituri li wliedhom li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Din il-laqgħa saret fil-Katidral u mmexxiet mill-ET Mons Isqof Mario Grech.

2 Ħabtet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u għaldaqstant fil-għaxija, fil-Katidral saret l-adorazzjoni komunitarja u l-quddiesa.

3 Sar nofs ta' nhar irtir għat-tfal li ser jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof; dan sar fil-Museum tas-Subien, Victoria, mis-Superjur Paul Grech.

4 Quddiesa tat-Tieni Ħadd tar-Randan mill-ET. Mons Isqof Emeritus Nikol G Cauchi.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

6 Lectio Divina għall-Presbiterju Parrokkjali u għal-Lajċi mmexxija mill-Kan Dun Joseph Sultana fil-knisja Katidrali.

8 *Heritage Malta* bil-għajnuna tal-Forzi Armati ta' Malta neħħiet u ħadet lejn Malta iż-żewġ kanuni tal-bronż li kien ilhom isebbħu t-taraġ tal-Katidral mill-4 ta' Awwissu, 1969. Nisperaw li wara r-restawr tagħhom ikunu ritornati Għawdex.

9 Kien hemm adorazzjoni Ewkaristika bil-meditazzjoni u Via Sagra quddiem Ġesù Sagramentat fil-Knisja Katidrali.
Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar għall-istudenti ta' Forms 2-6.

10 Sar nofs ta' nhar irtir għat-tfal li ser jirċievu l-ewwel tqarbina fil-Kunvent ta' Santu Wistin.

11 Quddiesa tat-Tielet Ħadd tar-Randan mill-ET. Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi.

12-16 Eżerċizzi Spiritwali għal Kulħadd minn Fr. Karm Debattista mssp, fil-knisja

www.gozocathedral.org.mt

Katidrali.
Eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin minn Fr. Karm Debattista mssp, fil-knisja Katidrali.

13 Sar nofs ta' nhar ta' talb għall-anzjani tal-parroċċa f'Dar Manresa

16 Kelna adorazzjoni Ewkaristika bil-meditazzjoni u Via Sagra quddiem Ġesù Sagramentat fil-knisja Katidrali.

18 Sar nofs ta' nhar ta' irtir għall-għarajjes bħala parti mill-kors ta' l-Għarajjes f'Dar Manresa.
Quddiesa tar-Raba' Ħadd tar-Randan mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi.

19-21 Saret il-fiera tal-figolli fiċ-Ċentru parrokkjali tal-Katidral.

19-23 Eżerċizzi Spiritwali għall-anzjani mill-Kan. Dun Mikiel Borg, fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral.

19 Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Katidral flimkien mar-Rev.mu Kapitlu fl-okkażjoni tas-Solenità ta' San Ġużepp. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

20 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Masalforn.
Lectio Divina għall-Presbiterju Parrokkjali u għal-Lajċi mmexxija mill-Kan Dun Joseph Sultana fil-knisja Katidrali.

22 Ġiet organiżata laqgħa ta' talb li tmexxiet minn Dun Joseph Sultana, fil-Katidral, għall-parteċipanti kollha tal-purċissjoni tal-passjoni.

23 Saret adorazzjoni Ewkaristika bil-meditazzjoni u Via Sagra quddiem Ġesù Sagramentat fil-knisja Katidrali.
Servizz Penitenzjali għall-istudenti ta' Forms 2-5. Dan tmexxa mid-Djaknu Micheal Curmi fl-annexe tal-knisja Katidrali.

25 Quddiesa tal-Ħames Ħadd tar-Randan mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi.
Ġiet organiżata ikla b'riżq il-festa ta' Santa Marija, fiz-Zafiro Restaurant, San Andrea Hotel, Xlendi

26-29 Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal minn Dun Joseph Sultana.

26-30 Eżerċizzi Spiritwali għaż-Żgħażagħ u għall-Għarajjes minn Mons Anton Borg, fl-Annexe tal-knisja Katidrali.

30 Jum id-Duluri tal-Verġni Marija. F'dan il-jum il-quddies fil-Katidral ġie ċċelebrat f'dawn il-ħinijiet: 4.45am, 5.30am, 6.15am, 7.00am, 7.30am, 8.00am, 9.30am(Ċentru Parrokkjali), 1.00am, 5.00pm, u 7.15pm.

31 Fil-għaxija, manifestazzjoni ta' Ħadd il-Palm għat-tfal u quddiesa li matulha ngħataw tifkira speċjali ta' Ħadd il-Palm kif ukoll itellgħu tnax bix-xorti bħala appostli.

April 2007

1 Ħadd il-Palm. Filgħaxija saret il-Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-Palm.

2 Il-Parroċċa flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone għamlu kunċert ta' mużika sagra bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, tal-*Cathedral Youth Choir*, u l-Banda Ċittadina Leone. Inqraw diversi poeżiji minn poeti Għawdxin.

3 Jum ir-Rikonċiljazzjoni. Sar servizi penitenzjali li matulu ġie anke amministrati s-Sagrament ta' l-Ewwel Qrara lit-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
Lectio Divina għall-Presbiterju Parrokkjali u għal-Lajċi mmexxija mill-Kan Dun Joseph Sultana fil-knisja Katidrali.

4 L-Erbgħa tat-Tniebri. Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-Ikla tal-Mulej għat-tfal li fiha l-Arċipriet ħasel ir-riġlejn ta' tnax-il tifel u tifla. Wara l-funzjoni, tqassmu l-kagħak ta' l-appostli lit-tfal kollha preżenti. Wara, ġiet imbierka Mejda ta' l-Appostli li saret mill-Grupp ta' l-Abbatini u tal-Vokazzjonijiet fi ħdan il-parroċċa. Din baqgħet miftuħa sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

5 Ħamis ix-Xirka. Fil-għodu l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut fejn ikkonċelebraw il-qassisin għadd kbir ta' Għawdex. Fi tmiem il-pontifikal l-Isqof ta l-Barka Appostolika bir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja.
Fil-għaxija, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ikla tal-Mulej.
Iż-żgħażagħ u l-istudenti tal-parroċċa flimkien ma' l-arċipriet għamlu l-vista tas-seba' sepulkri fl-irħula.

6 Il-Ġimgħa l-Kbira. L-Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej.
Filgħaxija ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni mill-knisja Katidrali bis-sehem tal-Kapitlu u tal-Banda Ċittadina Leone.

7 Sibt il-Għid. L-Isqof mexxa l-funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

8 L-Għid il-Kbir. Fil-10.45am manifestazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill-

www.gozocathedral.org.mt

Katidral bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone.
Fil-għaxija, Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Għid il-Kbir immexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Fi tmiem il-quddiesa tqassmu l-figolli tal-Għid lit-tfal kollha.
9 Beda it-tberik tal-Għid tal-familji.
10 Kienet organizzata ħarġa għall-anzjani mill-Parroċċa tal-Katidral. Il-ħarġa bdiet b'quddiesa fil-knisja Parrokkjali tan-Nadur u ntemmet bi ftit ħin liberu u *light refreshments* f'St. Patricks Hotel, fil-bajja tax-Xlendi.
Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.
11 Ġie organizat pellegrinaġġ parrokkjali għall-qabar tal-Beatu Dun Ġorġ Preca. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa fuq il-qabar ta' Dun Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti u wara saru żjajjar lir-Redentur ta' l-Isla, l-Belt Valletta, Valletta Waterfront u tas-Sliema.
17 Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.
22 Il-ġbir kien b'riżq l-Obolu ta' San Pietru.
24 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Masalforn.
Lectio Divina fil-Kappella l-ġdida tal-Katidral.
27 Sar *Night Hike* għall-istudenti ta' Forms 2-5.
28 Fl-okkazjoni tal-51 Anniversarju minn meta s-Socjetà Filarmonka Leone rregalat l-Istatwa ta' Santa Marija lill-Katidral, ġiet organizzata ikla f' La Perla Restaurant, fil-Lukanda Calypso.
29 Il-51 Anniversarju tad-Donazzjoni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija lill-Katidral ta' Għawdex mis-Soċjetà Filarmonika Leone. Ġiet iċċelebrata quddiesa mill-ET Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi, bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis. F'din l-okkażjoni Mons Isqof bierek inkwadru fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda Qniepen Assunzjonisti.

Mejju 2007

1 Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.
2 Ħabat l-Ewwel Erbgħa minn 15-il Erbgħa bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. Fis-7.15 pm Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci mexxa konċelebrazzjoni ta' l-Ewwel Erbgħa bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Wara l-quddiesa, ittieħed ritratt lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma quddiem l-istatwa ta' Santa Marija. Fid-9.00 pm ġiet iċċelebrata quddiesa oħra bis-sehem tal-Cathedral Youth Choir.
4 Ħabtet l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u għaldaqstant fil-għaxija, fil-Katidral saret l-adorazzjoni komunitarja u l-quddiesa.
6 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Il-lum, TVM xandar il-programm live "Il-Ħadd mill-Pjazza" mill-Pjazza tal-Katidral. Għal din l-okkażjoni, l-quddiesa tat-7.45 am bdiet fit-8.00 am peress li xxandret diretta waqt dan il-programm.
Il-Parroċċa tal-Katidral ħabbret li ser torganizza Pellegrinaġġ Parrokkjali ta' ġimgħa lejn l-Art Imqaddsa b'kollaborazzjoni mal-Frangiskani ta' l-Art Imqaddsa mill-Ħadd, 17 ta' Ġunju 2007.
8 Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.
Il-parroċċa tal-Katidral ħadet sehem fil-pellegrinaġġ djoċesan lejn il-fdalijiet esposti tal-Beatu Ġorġ Preca li tmexxa minn l-ET Mons Isqof Mario Grech.
9 Quddiesa tat-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija minn Mons Ġużepp Cauchi. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
11 Saret laqgħa ta' katekeżi fil-Katidral, immexxija mill-Arċipriet tax-Xagħra, Kan Carmelo Refalo. Għal din il-konferenza, bit-tema "Il-Jum tal-Ħadd - Jum il-Mulej u Jum il-Bniedem", kienu mistiedna l-ġenituri kollha li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni, flimkien mal-parrinijiet.
12 Konċelebrazzjoni li fiha l-Isqof amministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.
13 Jum l-Omm. Quddiesa Solenni mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus, li għaliha kienu mistiedna b'mod partikolari l-ommijiet kollha tal-Parroċċa. Anima l-kant waqt il-quddiesa, is-Sur Mario Caruana.
14 Saret adorazzjoni b'talb ta' riparazzjoni kontra d-dagħa, immexxija mill-membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.
15 Ġie organizzat Seminar Parrokkjali bis-suġġett marbut mar-Rifuġjati u l-Immigrazzjoni f'pajjizna "Ngħixu fil-prattika ma' ħutna barranin l-Ewkaristija". Is-Seminar kien indirizzat minn Fr Alfred Vella. Intemm b'mument soċjali fl-*annexe* tal-Katidral għal dawk preżenti.
15 Organizzata ħarġa għall-anzjani mill-Parroċċa tal-Katidral. Il-ħarġa bdiet b'quddiesa fil-kappella tal-Madonna tal-Blat, il-Qala, u wara saret ir-reċita tar-Rużarju fil-knisja tal-Konċizzjoni. Il-ħarġa ntemmet bi ftit ħin liberu f'Ħondoq ir-Rummien u light refreshments fil-Horizon, fil-bajja tal-Qbajjar.
Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

16 Quddiesa tat-Tielet Erbgħa ta' Santa Marija minn Mons Ġużepp Cauchi. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

17-20 Tlett ijiem ta' adorazzjoni solenni tal-Kwaranturi.

19 L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni li fiha amministra s-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina.

Lejl ta' talb u adorazzjoni li tmexxa mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi u li ntemmet b'quddiesa f'nofs il-lejl.

20 Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien mar-Rev.mi Monsinjuri tal-Kapitlu tal-knisja Katidrali fl-għeluq tal-Kwaranturi mqaddsa. Wara, saret il-purċissjoni bis-Sagrament immexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem tat-tfal kollha ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof u tal-parruċċani. Fi tmiem il-purċissjoni ngħatat l-Barka Sagramentali.

22 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

23 Quddiesa tar-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija minn Mons. Ġużepp Cauchi.

26 Il-Komunità parrokkjali tal-Katidral ħadet sehem fil-Velja Djoċesana ta' Pentekoste fi Pjazza San Ġorġ immexxija minn l-ET Mons Isqof Mario Grech. Din kienet tikkonsisti prinċipalment f'quddiesa solenni. Il-velja kienet marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-Kanoniz-zazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca. F'din l-okkażjoni kull parroċċa offriet prodotti ta' l-art u oġġetti oħra ta' l-ikel għall-karità.

27 L-E.T. Mons Mario Grech flimkien mal-W.R. Monsinjuri tal-Kapitlu tal-Katidral mexxa l-Pontifikal tas-Solenità ta' Pentecoste fid-9am. Dan is-servizz kien animat mill-Chorus Ecclesiae Cathedralis li kien taħt id-direzzjoni ta' Mro Colin Attard.

29 Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

30 Quddiesa tal-Ħames Erbgħa ta' Santa Marija minn Mons Salv Muscat, Arċipriet tan-Nadur.

Ġunju 2007

3 Papa Benedittu XVI iddikjara lil Beatu Dun Ġorġ Preca qaddis (ara Editorjal u Suppliment).

5 Ir-Relikwa ta' San Ġorġ Preca fil-Katidral. Sar Pontifikal solenni (ara Suppliment).

6 Quddiesa tas-Sitt Erbgħa ta' Santa Marija.

10 Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

12 Organizzata ħarġa għall-anzjani mill-Parroċċa tal-Katidral. Il-ħarġa bdiet b'quddiesa fil-knisja Parrokkjali tal-Fontaba, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-ħarġa ntemmet bi ftit ħin liberu fil-Bajja tax-Xlendi u light refreshments fil-Bukkett Restaurant.

Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

13 Quddiesa tas-Seba' Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Charles Sultana.

19 Lectio Divina fil-kappella l-ġdida tal-Katidral.

20 Quddiesa tat-Tmien Erbgħa ta' Santa Marija.

26 Lectio Divina fil-Kappella l-ġdida tal-Katidral.

27 Quddiesa tad-Disa' Erbgħa ta' Santa Marija.

29 Solenità ta' San Pietru u San Pawl. Il-Quddies fil-Katidral kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-Ħdud.

30 Mons Isqof Mario Grech ordna saċerdoti lid-Djakni Michael Curmi mill-parroċċa tax-Xagħra, u Joshua Muscat mill-parroċċa tan-Nadur.

ABRAHAM'S Supplies

Abraham Said
Mob: 9947 6165

23 Gajdoru Street, Xaghra,
XRA 104, Gozo, Malta.
Tel: (+356) 21 563231,
Fax: (+356) 21 560952,
Email: abraham@vol.net.mt

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 2006 - 30 ta' Ġunju 2007

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-:ENITURI
06.08.06	Carol Ann Camilleri	Patricia
06.08.06	Samantha Spiteri	Sammy u M'Ann
06.08.06	Elyza Zammit	Mario u M'Grace
18.08.06	Janica Mercieca	Emanuel u Alexandra
17.09.06	Maya Camilleri	Domnall u Sarah
05.11.06	Kearon Galea	Pierre u Evelyn
10.12.06	Jamie Joseph Scerri	Noel u Pauline
27.01.07	Christiano Zammit	Anton u Melony
28.01.07	Megan Grech	Martin u Marita
04.03.07	Ludvig Azzopardi	Raymond u Nathalie
31.03.07	Steve Bajada	Anthony Mario u Maria
21.04.07	Luigi Dimech	Paul u Simone
20.04.07	Maria Attard	Richard u Sonia
02.06.07	Carlos Tabone	Joseph u Johanna
10.06.07	Deyan Paul Said	Frank u Marilyn
29.06.07	Samuel Camilleri	John u Lorna

Żwiġijiet

DATA	ISEM
05.08.06	Marvic Cassar (Katidral) u Alexia Maria Psaila (Katidral)
19.08.06	Gordon Grech (Katidral) u Frances Agius (Xagħra)
02.09.06	Joseph Gauci (Xagħra) u Chantelle Farrugia (Katidral)
09.09.06	Frank Grech (Katiral) u Charlene M'Grace Grima (Xewkija)
10.09.06	Norbert Cauchi (Għajnsielem) u Frances Grech (Katidral)
10.09.06	Karl Galea (Swieqi, Malta) u Marie Vella (Katidral)
23.09.06	Jonathan Lee Hili (Xewkija) u Maria Gauci (Katidral)
28.10.06	Martin Azzopardi (Xewkija) u Diane Bonello (Nadur)
26.11.06	Andrew Grech (B'Kara, Malta) u Anna Marie Grech (Xewkija)
17.12.06	Adam Vella (Sannat) u Julie Lucienne Mizzi (Katidral)
03.02.07	Alan Azzopardi (Xewkija) u M'Angela Mizzi (Katidral)
10.02.07	Jeffrey Camilleri (Katidral) u Jeanette Azzopardi (Katiral)
18.03.07	Karl Fenech (Swieqi, Malta) u Francesca Dimech (Katidral)
15.04.07	Kevin Attard (Xagħra) u Janine Saliba (Katidral)
26.05.07	Noel Grech (Katidral) u Marita Bonnici (Katidral)
08.06.07	Mark Sacco (Katidral) u Denise Micallef (Katidral)
09.06.07	Chris Paul Cardona (Nadur) u Sarah Saliba (Katidral)

Mwiet

DATA	ISEM	ETÀ
02.08.06	Roger Portelli	66 sena
17.08.06	Ferdinandu Camilleri	82 sena
01.09.06	George Gauci	59 sena
24.09.06	Anton Grech	83 sena

www.gozocathedral.org.mt

24.09.06	Carmen Camilleri	58 sena
30.10.06	Joseph Portelli	75 sena
08.11.06	Grace Muscat	75 sena
09.11.06	Ġużeppina Attard	82 sena
21.11.06	Ġużeppa Maria Zahra	84 sena
04.12.06	Espedito Hili	63 sena
11.12.06	Ġużeppi Grech	82 sena
13.12.06	Violet Pavia	80 sena
14.12.06	Joseph Spiteri	70 sena
16.12.06	Benigna Attard	63 sena
23.12.06	Joseph Cassar	69 sena
06.01.07	Emanuel Grech	53 sena
12.01.07	Mario Said	42 sena
06.02.07	Petronella Grech	86 sena
08.02.07	Karmena Spiteri	92 sena
08.02.07	Adonai Mario Gatt	18-il sena
11.02.07	Felić Gauci	75 sena
14.02.07	Maria Debono	86 sena
09.03.07	Filomena Gatt	99 sena
08.03.07	Maria Tabone	87 sena
16.03.07	Spiru Grech	63 sena
18.03.07	Alfred Pace	89 sena
19.03.07	Ġużeppa Grech	89 sena
01.04.07	Francesca Schembri	87 sena
02.04.07	Rita Ciappara	73 sena
02.04.07	Ġużeppi Grech	75 sena
11.04.07	Joseph Zerafa	54 sena
13.04.07	Austin Xerri	76 sena
18.04.07	Louis Scerri	81 sena
16.05.07	Maria Giovanna Mercieca	91 sena
01.06.07	Carmela Portelli	89 sena
28.06.07	Vitoria Tabone	77 sena

L-Ewwel Tqarbina

19.05.07
Attard Alex Mario, Attard Carly, Attard Marlon, Azzopardi Carol, Bugeja Carrie, Buttigieg Jasmine, Calleja Stephanie, Caruana Mario, Cilia Vadim, Cook David, Cutajar Michaela, Dimech David, Galea Julia, Grima Greta, Mercieca Zoe, Mizzi Katia, Rapa Glenn Mario, Sant Mark, Sultana Elena, Tabone Cheyenne, Vella Daniel, Vella Maria, Zammit Rhianna.

Griżma ta' l-Isqof

12.05.07
Attard Abigail, Attard Christopher, Bajada Jake Ayrton, Bonnici Joelyne, Bonnici Mario, Borg Adrian, Buttigieg Louis, Calleja Maria, Camilleri Joseph-Jude, Caruana Matthew, Cook James, Debono Stephan, Degiorgio Matthew, Fayek Steve, Galea Leanne, Gatt Josephine, Gerardi Dario, Grech Andrew, Grech Maria, Grima Nicholas, Haber Justin, Masini Joseph, Mercieca Emma, Ricupero Francesca Vittoria, Said Chantelle Marie, Spiteri Damian, Spiteri Joel, Tabone Antonia, Tabone Marcella, Vassallo David, Vella Joseph, Xerri Moira, Zammit George Marlon, Zammit Maria, Zuber Michelle.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- Editorjal – San Ġorġ Preca u l-Madonna 3
- ANĠLU XUEREB – San Ġorġ Preca u l-Verġni Marija 4
- JOSEPH BEZZINA – Ir-Registru *Fundationes Beneficiorum* 6
- JOSEPH BEZZINA – Il-Beatu Piju IX Parenti Incomparabili 15
- MONSINJUR GIOVANNI B GAUCI – Id-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II 21
- JOSEPH BEZZINA – Vincenzo Labini Isqof li ħabb lil Għawdxin 25
- WINSTON L. ZAMMIT – Il-Kanoniku Giovanni-Maria Gauci 29
- WINSTON L. ZAMMIT – Fra Gejtanu Pace-Forno 32
- KAN JOSEPH SULTANA – Pawlu Cremona l-Arċisqof ġdid ta' Malta fil-Katidral 33
- JOSEPH BEZZINA – Monsinjur Ġużepp Gauci 34
- GEORGE MERCIECA – Lil Mons Ġużeppi Gauci 37
- JOHN MEJLAQ – Monsinjur Tumas Curmi 38
- DUN REUBEN MICALLEF U L-KAN JOSEPH SULTANA 51
- MAXIMILLIAN GRECH – Esperjenza f'Turin 52
- ANTON GAUCI – L-Ambone 55
- GEORGE MERCIECA – Mill-Għaqda tal-Kampnar 57
- We have a Mother in Heaven 61
- ĠORĠ GRIMA – Kwadru ta' l-Assunta lit-tribu Manjo fl-Etjopja 63
- CHARLES BEZZINA – It-Tendenzi Pro-Taljana f'Għawdex u l-Innu l-Kbir 64
- KARM BORG – Is-Sorijiet Karmelitani 67
- LAWRENZ SCIBERRAS – Dioniġi ċ-Ċertosin 69
- JOE M. ATTARD – Monsinjur Tarcisio Gatt 70
- ĠUŻEPP SALIBA – Hruġ l-Assunta min-Niċċa 71
- MATTHEW SULTANA – Kollox Jinbidel 72
- MAXIMILLIAN GRECH – Djarju tal-parroċċa (1 ta' Lulju, 2006 - 30 ta' Ġunju, 2007) 73
- FABIENNE GRECH – Kronaka tal-Parroċċa 84

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

TOYS
Kidzland
BY MARKS & SIMO S
Mro.G.Giardini Vella Street, Victoria, Gozo. Tel: 215 6431
SPIDER-MAN
10% discount on presentation of this leaflet and an extra free gift given with a purchase of Lm10.00 and over on all beach items